# Festa Santa Marija Mqabba 2008

## Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V



1998




2006



2007



**Palazz Santa Marija,**
**Pjazza tal-Knisja,**
**Mqabba, Malta**
**Tel/Fax: 21683020**
http://www.santamarija.com
e-mail: info@santamarija.com

**Bord Editorjali**
Carmel Briffa
Carmel Ellul
Alfred Galea
Antoine Sciberras
Christopher Spiteri

**Artikolisti**
Mro David Agius
Mro Raymond Attard
Carmel Briffa
Benjamin Camilleri
Joseph Camilleri
Mario Camilleri
Kappillan Dun Nazzaren Caruana
Chev. Carmel Bianchi
Joe Chetcuti
E. T. Arċisqof Mons. Pawlu Cremona
Carmel Ellul
Anthony Farrugia
Giovanni Farrugia
Rev. Dun Jonathan Farrugia
Joseph Farrugia
Stefano Farrugia
Mario Fenech
Alfred Galea
Emanuel Galea
Joe Ghigo
Patrick Ghigo
Carmen Lia
Maria Psaila
Antoine Sciberras
Carlo Sciberras
Christopher Spiteri
Carmel Zahra
Rev. Patri Joseph Zahra O.P.
John Zammit

**Proof Reading**
Elvin Sciberras

**Ritratti tal-Qoxra**
*Quddiem*
L-Istatwa artistika u devota ta' Santa Marija meqjuma ġewwa l-Imqabba. Fl-isfond jidhru t-tliet unuri internazzjonali li s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V irnexxielha tisbaħ fl-istorja maestuża tagħha.

*Wara*
Il-logo uffiċjali li jfakkar il-15-il sena mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

© Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, Mqabba, Malta
Est. 1910
L-Artikolisti huma kollha responsabbli għal kitbiethom u l-artikli mhux bilfors jirriflettu l-fehma tal-Bord Eidtorjali

Design, Prepress & Printing
BEST Print CO. LTD
Żurrieq Road, Qrendi
Tel: 21680789, 21649012

# Werrej

Kumitat Eżekuttiv 2008 ....3
Sena impejnattiva u ta' sodisfazzjon – Messaġġ tal-President tas-Soċjetà ....5
Prijoritajiet Lokali – Messaġġ mis-Sindku ta' l-Imqabba ....7
Apprezzament u Awgurju - Kunsill Lokali Mqabba .... 9
Is-Suċċess tal-Festa – Riflessjoni mill-Kappillan tal-Parroċċa .... 11
Nifirħu Flimkien - Messaġġ mis-Segretarju ....13
Flimkien għal Festa akbar - Appell tal-Kaxxier ....15
Spinta kbira lill-Armar tal-Festa – Għaqda ta' l-Armar .... 17
Banda Re Ġorġ V – Dedikazzjoni u Suċċess – Messaġġ mis-Surmast Direttur .... 21
Ħidmet il-Banda Re Ġorġ V – Rapport mill-Kummissjoni Banda .... 23
Programm Sinfoniku u Vokali nhar id-9 ta' Awissu 2008 ....24
Innu lil Ġużeppi Galea – Fundatur tal-Banda Re Ġorġ V .... 26
Rwol importanti fi ħdan is-Soċjetà – Messaġġ mill-Fergħa tan-Nisa. .... 27
'Champions' ta' Marija Assunta – Riflessjonijiet mid-Direttur Spiritwali .... 29
Ngħożżu dak li għandna – Messaġġ mid-Direttur tal-Każin .... 33
Lil Santa Marija Omm is-Salvazzjoni – Poeżija ....35
Ħidmitna fil-Qasam Internazzjonali – Inkompli nibnu fuq is-Suċċess! ....37
Mistednin Internazzjonali għall-Festa 2008 - Associazione Bandistica Cittadina di Cave .... 45
Programm Festi Esterni f'ġieħ Santa Marija ....50
Funzjonijiet tal-Knisja ....53
Il-Planċier tal-Banda Re Ġorġ V – Rendikont Delegat Planċier. .... 55
Qabel ma l-Verġni Marija ġiet megħlulija s-sema għexet 9 snin f'Efesu .... 57
Il-Maġġur Anthony Aquilina. Is-Surmast tal-Marċi Maltin – Ktieb ġdid mis-Sur Victor Galea .... 60
Il-Pittura ta' l-Inkurunazzjoni tagħlaq 350 sena .... 63
Insaffu l-festi tagħna – Appell mill-E.T. Arċisqof ta' Malta Mons. Pawlu Cremona O.P. .... 69
15-il Sena Żgħażagħ – Poeżija .... 73
15-il Sena Sezzjoni Żgħażagħ - Żgħażagħ Rebbiħin - Messaġġ mis-Sezzjoni Żgħażagħ ....75
Is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu ġewwa Għawdex – 125 sena mis-Sejħa tal-Madonna .... 83
Rev. Fr. Jonathan Farrugia – L-Imqabba mogħnija b'qassis ġdid ....87
Dun Karm Ghigo (1935 – 2008) .... 93
Trofew Chev. George Martin A. Mus. L.C.M.,O.S.T.J. – L-attivist tas-Sena 2007 .... 99
Fejn Sejrin? .... 100
Unur Dinji għall-Imqabba u għal Malta ....103
Kampjonat Mondjali tan-Nar Caput Lucis 2007 – Punteġġi. .... 104
Poster Uffiċjali tan-Nar .... 111
Programm tal-logħob tan-nar ....113
Xogħol kbir li wassal għal unuri kbar – Messaġġ Għaqda tan-Nar .... 115
Rikonoxximent Nazzjonali – Unur lis-Soċjetà, Unur lill-Imqabba, Unur lil Malta ....119
Caput Lucis 2007 – Poeżija .... 121
'Champions' – Poeżija .... 121
Champions. Intom l-aqwa ġewwa Malta – Poeżija .... 121
Għeluq il-45 sena mit-twaqqif tal-Kamra tan-Nar preżenti .... 123
Awgurju Onorevoli Dr. Louis Galea – President Onorarju tas-Soċjetà .... 127
Anniversarji marbuta mal-parroċċa ta' l-Imqabba .... 129
Minn fejn se jgħaddi l-marċ? .... 135
Poster Uffiċjali attivitajiet ta' l-Aħħar Tridu ....136
Il-Gżejjer ta' San Pawl ikkonsagrati lill-Assunta .... 139
L-Għasfur tal-Ħniena .... 143
Awgurju s-Sur Vince Agius .... 144
Marija għadha tkellimna minn Lourdes 150 sena wara .... 145
L-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes fl-Imqabba .... 149
Il-kripta tal-Knisja Parrokkjali ta' Santa Marija ta' l-Imqabba .... 153
L-Erbgħat ta' Santa Marija .... 155
Il-Kurunella ta' Santa Marija tagħlaq 90 sena .... 157
Santa Marija Assunta 160 sena Patruna Speċjali tal-gżejjer Maltin .... 165
Is-Surmast Ġużeppi Caruana (1880-1931) .... 169
Il-Papa Piju XII .... 173
Santa Marija Dejjem Rebbieħa – Poeżija .... 175
Rendikont Ċelebrazzjonijiet fil-Knisja - Festa Santa Marija 2007 ....176
Il-Knisja Parrokkjali ta' l-Imqabba – Ritratt ta' l-imgħoddi ....176



# Kumitat Eżekuttiv 2008

**Presidenti Onorarji**
Onor. Dr. Louis Galea B.A., LL.D., M.P., Sur Joseph Farrugia

**President**
Carmel Zahra

**Viċi-President**
Carlo Sciberras

**Segretarju**
Carmel Ellul

**Viċi Segretarju**
Michael Ghigo

**Kaxxier**
Carmel Briffa

**Assistent Kaxxier/ Delegat Banda**
Christopher Spiteri

**Uffiċjal Relazzjonijiet Pubbliċi**
Christopher Spiteri

**Direttur tal-Każin**
Anthony Farrugia

**Delegat tan-Nar**
Sandro Ghigo

**Delegat Attivitajiet fil-Każin/ Delegata Nisa**
Maria Psaila

**Delegati għall-Armar**
Adrian Galea, Michael Ghigo

**Delegat tal-Planċier**
Benny Camilleri

**Direttur Spiritwali**
Fr. Joseph Zahra O.P.

**Uffiċjal Relazzjonijiet Internazzjonali**
Alfred Galea

**Rappreżentant fl-Għaqda Każini tal-Baned Maltin**
Carmel Briffa

**Reviżuri**
Antoine Farrugia, Antoine Sciberras

**Konsulenti Legali**
Dr. Marse Ann Farrugia Dip. CAN.L., LL.D.
Dr. Mark Portelli B.A., LL.D.

**Surmast Direttur tal-Banda**
Mro. David Agius A.Mus. L.C.M., A.Mus. V.C.M.(Hons.), A.L.C.M.

**Kummissjoni Banda**
Christopher Spiteri, Nicholas Baldacchino, Alfred Galea, Adrian Zahra



## *Messaġġ mill-President tas-Soċjetà*

is-Sur Carmel Zahra

# Sena impenjattiva u ta' sodisfazzjon

Huwa pjaċir għalija li għal darba oħra qed nidħol ġo djarkom permezz ta' dan il-ktieb. Għaddiet sena oħra bħal leħħa ta' berqa, u ż-żmien ma jistenna lil ħadd, għalhekk tipprova ma taħlix ħin kemm jista' jkun. Is-sena l-oħra kellna festa grandjuża, festa li laħqet l-ogħla livell. Kellna suċċess fuq ieħor. L-ewwel suċċess kienet il-mawra tal-Banda tagħna ġewwa Ruma. Kien unur kbir għall-Banda Re Ġorġ V ddoqq waqt l-udjenza mal-qdusija tiegħu l-Papa ġewwa s-sala Nervi.

Unur ieħor kbir u mistħoqq kien dak li l-Għaqda tan-Nar Santa Marija rebħet fil-Kompetizzjoni Mondjali Caput Lucis ġewwa Ruma, meta ħarġet bl-unuri kollha kważi b'punti massimi. Kien suċċess kbir meta anke tqis li kkompetejna ma' l-aqwa pajjiżi li huma magħrufa għal-logħob tan-nar.

Dan kien unur prestiġġjuż ieħor fuq skala internazzjonali wara li propju għaxar snin ilu s-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V permezz tal-Banda tagħha kienet rebħet l-unur Les Etoiles d'Or du Jumelage. Kif ukoll sentejn ilu l-Għaqda tan-Nar tagħna kienet ukoll iġġudikata bħala r-rebbieħa assoluta ta' l-ewwel Festival Internazzjonali tan-Nar ta' Malta.

Dawn l-unuri jgħollu l-livell tas-Soċjetà tagħna 'l fuq u huma ta' sodisfazzjon kbir għalina lkoll. Din is-sena bħas-snin preċedenti ser ikollna fostna banda oħra barranija, dik Taljana li ġejja minn Cave provinċja ta' Ruma – Associazione Bandistica Cittadina di Cave, u li ser tferraħna matul il-ġranet tal-festa.

Wara ħafna taħbit u laqgħat mal-MEPA għandna l-permessi meħtieġa biex jekk Alla jrid wara li tgħaddi l-festa ta' Santa Marija jinbeda x-xogħol fuq it-twaqqiegħ tal-bini eżistenti u tqattiegħ tal-blat fil-propjetà li konna xtrajna biswit il-każin. Dan se jkun proġett ambizzjuż għas-Soċjetà tagħna għaliex il-każin se jirdoppja fl-ispazju tiegħu.

Fit-22 ta' Ġunju 1883 jiġifieri mija u ħamsa u għoxrin sena ilu, Ommna Marija Mtellgħa fis-Sema bir-Ruħ u bil-Ġisem, għoġobha twassal messaġġ lilna lkoll permezz ta' Karmni Grima. Il-messaġġ kien 'Ejja.' Hekk sejħet il-Madonna lil Karmni Grima minn kappella ċkejkna fejn illum hemm is-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu. Kien messaġġ ċar u għadu jgħodd sal-lum. Għalhekk fil-ġranet tal-festa ejjew inwiegħbu għas-sejħa ta' Ommna Marija billi nattendu għall-funzjonijiet kollha speċjalment dawk tat-Tridijiet u l-quddiesa tal-Paniġierku u nersqu lejn is-sagramenti tal-qrar u l-ewkaristija. B'hekk permezz ta' Marija nkunu qed nersqu lejn Binha Ġesù.

Nagħmel l-appell tiegħi għar-rispett lejn xulxin tul is-sena kollha b'mod speċjali fil-ġranet tal-festa, mingħajr ma jingħad kliem żejjed u li jweġġa'. Hekk aħna nkunu qed nuru li aħna maturi b'sens ta' mħabba lejn Ommna Marija li hija l-Patruna tar-raħal tagħna. Nagħlaq billi nirringrazzja lil sħabi tal-Kumitat u lil dawk il-membri li llum m'għadhomx jiffurmaw parti mill-Kumitat Ċentrali. Nirringrazzja lill-membri sħabi ġodda speċjalment l-element ġdid żagħżugħ. Ta' min isemmi wkoll b'mod partikolari lill-membru żagħżugħa ġdida, is-Sinjorina Maria Psaila li hija l-ewwel membru mara fil-Kumitat Ċentrali. Nirringrazzja lis-sotto kumitati kollha speċjalment lis-Sezzjoni Żgħażagħ f'għeluq il-ħmistax-il sena mit-twaqqif tagħhom. Nirringrazzja wkoll lil Alfred Galea li kien il-moħħ wara l-organizzazzjoni taż-żewġ mawriet tal-Banda tagħna barra xtutna, kif ukoll ta' kull banda barranija u mistiedna internazzjonali li żaru lir-raħal tagħna fil-festi ta' Santa Marija. Fl-aħħar iżda żgur li mhux l-inqas nirringrazzja wkoll lis-soċi, partitarji u benefatturi kollha. Il-Festa t-Tajba lil Kulħadd.



**L-E.T. President ta' Malta, Dr. Edward Fenech Adami, jilqa' lid-delegazzjoni tas-Soċjetà Santa Marija mmexxija mill-President Carmel Zahra fil-Palazz Presidenzjali, il-Belt Valletta wara r-rebħ tal-kompjonat Mondjali tan-Nar Caput Lucis.**

*Messaġġ mis-Sindku ta' l-Imqabba*

**is-Sur Emanuel Galea**



# Prijoritajiet Lokali

Bħal kull familja, kull belt u raħal għandhom bżonnijiet differenti, u diversi diffikultajiet. Għandhom prijoritajiet lokali. It-talbiet dejjem huma ħafna u kollox huwa importanti. Is-suġġerimenti li nirċievu jkunu jirriflettu kull qasam, minn dak soċjali u ta' assistenza, għal dak ambjentali u infrastrutturali. Huwa fatt li kull min iressaq proposta jkun jixtieq li tkun prijorità. Kull bniedem għandu diversi bżonnijiet li jpoġġihom fuq quddiem. Dawn mhux dejjem però jkunu jirriflettu l-prijoritajiet immedjati. Aħna obbligati li nħarsu u npoġġu dawn l-għażliet skond l-urġenza u b'mod speċjali, ibbażati fuq il-limitazzjoni finanzjarja tagħna.

L-għaqdiet li għandna fl-Imqabba wkoll, minn żmien għall-ieħor iressqu quddiemna proposti jew talbiet li normalment ikunu ser jaffettwaw lilhom jew dak organizzat minnhom. Fost dawn l-għaqdiet insibu dawk mużikali li nemmen li huma parti integrali mill-komunità tagħna.

Jekk ikollna mmorru lura ftit tas-snin, nindunaw kemm inbidlu fil-mod kif saru jorganizzaw il-festi. Qabel kien isir kollox fuq skala iżgħar, iżda llum nafu lkoll kemm kibru. L-organizzazzjoni tirrikjedi aktar nies, aktar ħsieb u fiż-żgur aktar spejjeż. Dan kollu jitpoġġa quddiem il-kumitati biex b'għaqal ipoġġu l-prijoritajiet f'kull deċiżjoni li ser jieħdu.

Aħna bħala Kunsill Lokali sibna postna wkoll fil-preparamenti tal-festi. Tul is-snin żidna l-għajnuna tagħna sostanzjalment matul is-sena kollha, però l-akbar kontribut ikun fil-ġranet tal-festi nfushom. Din l-għajnuna tvarja minn xogħol fit-toroq bħal toqob għall-armar u l-*bollards*, għall-gwardjani lokali u pulizija biex nimmaniġġjaw is-sistema tat-traffiku speċjalment lejlet u nhar il-festi. Xogħol ta' tindif u ġbir ta' skart, kiri ta' ambulanza u ħafna affarijiet oħra żgħar li jkun jinħass il-bżonn tagħhom minn ħin għall-ieħor.

Dan inħoss li għandi nsemmih, għax mhux kulħadd jaf li dawn is-servizzi qegħdin hemm u qegħdin nipprovduhom u nħallsuhom aħna. Forsi wieħed ftit jaħseb fuqhom, jew jieħu kollox *for granted*. Dawn is-servizzi filwaqt li huma bżonnjużi, tajjeb li nsemmu li aħna bħala Kunsill qed ikollna nnaqsu l-ispiża tagħna minn proġetti oħra, bħal ngħidu aħna t-toroq. Bejn wieħed u ieħor fuq tliet snin inkunu ħallasna f'dawn is-servizzi viċin €13,976.24 jew Lm6,000. Dawn, biex infakkar, mhux qed ikunu mgħoddija *extra* lilna. Il-flus allokati lil-lokalità tagħna baqgħu l-istess.



Is-Sindku ta' l-Imqabba, is-Sur Emanuel Galea jippreżenta offerta lis-Soċjetà nhar il-Programm Vokali u Strumentali ta' l-10 ta' Awwissu 2007.

Qed nagħti din l-ispjegazzjoni sabiex inqajjem aktar kuxjenza fuq talbiet futuri. Meta fil-ġimgħat li għaddew iltqajt mal-kumitati ċentrali li jorganizzaw il-festi, għamiltha ċara li filwaqt li aħna bħal dejjem lesti ngħinu, ma nistgħux nibqgħu nonfqu flus fuq traskuraġni jew xogħol doppju. Jien meta niftakar li għad fadal 20 triq li għandhom bżonn jinksew bit-*tarmac*, ninkwieta bis-shiħ. Dan apparti xogħol ta' tiswija li jkollna nagħmlu regolarment.

Nixtieq li jinftiehem sewwa dak li qed ngħid. Dawk in-nies li jgħixu kuljum fl-20 triq li semmejt, għalkemm ħafna minnhom persważ li jħobbu l-festi, il-prijorità tagħhom hija t-triq ta' quddiemhom. Konvint li aħna lkoll umani u jekk ngħixu fi triq imkissra, hekk ikun il-ħsieb tagħna wkoll.

Għalhekk semmejt dan il-messaġġ Prijoritajiet Lokali! Dawn huma kollha xewqat utli u importanti. Huma kollha bżonnijiet u ta' benefiċċju għal-lokalità tagħna. Kollha kemm huma jwasslu biex il-festi tagħna jikbru aktar.

Filwaqt li napprezza u nirringrazzja x-xogħol kollu li jsir fuq bażi volontarja, l-affarijiet l-oħra jkollna nħallsu għalihom. Jien għandi ħafna għal qalbi l-festi u dan għax kbirt, għext u naf x'sagrifiċċji kbar jinħtieġu. Għalhekk qed inħeġġeġ biex nesploraw sorsi oħra ta' dħul finanzjarju.

Għandna l-potenzjal. Għandna l-għodda u l-kapaċità. Kull ma jonqos huwa *commitment* u determinazzjoni li nagħmlu qabża oħra ta' kwalità 'il quddiem. Jien u shabi qegħdin hawn u lesti biex nagħtu aktar sapport. Lesti biex niddiskutu ideat ġodda u vijabbli. Aħna bħalkom irridu li l-festi tagħna jikbru aktar. Dan kollu però jista' jsir biss FLIMKIEN.

## Awgurju

Il-festa tasal u tgħaddi. Il-preparamenti jkunu dejjem kbar flimkien ma' l-ansjetà biex kollox jirnexxi. Tajjeb li niftakru li wara kollox hemm il-bniedem. Għalkemm mhux biżżejjed, però huwa importanti li napprezzaw u nsellmu lil dawk kollha li jagħtu ħinhom. Tislijiet lill-President tas-Soċjetà u l-membri kollha fil-Kumitat Ċentrali, Sezzjoni Żgħażagħ, Fergħa tan-Nisa u s-Sezzjoni tal-Armar. Kuraġġ lil sħabna li b'sagrifiċċju u sogru jaħdmu n-nar biex jitgawda mill-ħafna. F'ismi, f'isem sħabi l-kunsilliera u l-staff tal-Kunsill Lokali, nawgura li l-festa tiġi biex aktar tgħaqqad u żżid it-tolleranza fejn finalment tpoġġi lill-Imqabba fuq quddiem nett. Awgurju ta' festa sabiħa u qaddisa ddedikata lil Ommna Marija tas-Sema lill-Imqabbin kollha.



Is-Sindku l-ġdid ta' l-Imqabba, is-Sur Emanuel Galea jieħu l-ġurament tal-ħatra tiegħu.



Is-Sur Nicholas Briffa, ex-Sindku tar-raħal ta' l-Imqabba jippreżenta momentum lis-Soċjetà wara r-rebħ tal-Kampjonat Mondjali Caput Lucis 2007.



Il-membri kollha fi ħdan il-Kunsill Lokali ta' l-Imqabba li flimkien ser imexxu din il-leġiżlatura.

# Apprezzament u Awgurju

*Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V*
*tixtieq tirringrazzja*
*lis-Sur Nicholas Briffa*
*li serva bħala Sindku tar-raħal ta' l-Imqabba*
*matul il-leġiżlatura preċedenti kif ukoll lil dawk il-kunsilliera*
*li llum m'għadhomx jiffurmaw parti mill-Kunsill Lokali*
*għall-ħidma tagħhom b'riżq l-Imqabba.*

*Fl-istess waqt, nawguraw lis-Sindku l-ġdid,*
*is-Sur Emanuel Galea*
*kif ukoll lill-kunsilliera kollha li ser iservu tul din il-leġiżlatura,*
*ħidma sfieqa b'riżq il-ġid komuni tar-raħal tagħna.*



*Ħsibijiet mill-Kappillan*

**W.R. Dun Nazzaren Caruana**

# Is-Suċċess tal-Festa

Fit-28 ta' Ġunju 2008, lejlet il-festa ta' San Pietru u San Pawl (l-Imnarja) fetħet b'mod uffiċjali s-sena ddedikata lil San Pawl. Din tibqa' sejra sad-29 ta' Ġunju 2009. Din is-sena tolqot b'mod partikulari lilna l-Maltin li l-fidi tagħna nagħtuha propju lilu meta fil-vjaġġ tiegħu lejn Ruma l-ġifen li kien fuqu tfarrak fuq gżiritna u għadda tliet xhur fostna jitkellem fuq it-tagħlim ta' Kristu.

Qabel kollox f'San Pawl tolqtok il-konverżjoni tiegħu fi triqtu lejn Damasku. Ladarba sab il-verità fil-Vanġelu, qatt ma ħares aktar lura. Kien mument li bidillu ħajtu għal kollox. Bħal dak li sab 'il-ġawhra prezzjuża' u biex jixtriha mar biegħ kull ma kellu. Donnu hawnhekk San Pawl qed jgħidilna ma' Kristu 'X'jiswielu l-bniedem li jakkwista d-dinja kollha u mbagħad jitlef ruħu'.

Imbagħad tolqotna f'San Pawl il-ħeġġa li kellu lejn Kristu. Dan l-entużjażmu San Pawl żammu dejjem kemm fil-mumenti sbieħ ta' ħajtu kif ukoll dawk koroħ. Nafu biżżejjed kemm San Pawl għadda minn provi kbar fil-ħabs, fuq l-ibħra bħalma ġralu qrib Malta, u theddid għal ħajtu. Madankollu qatt ma qata' qalbu għax kien persważ li Alla kien dejjem miegħu.

Hawnhekk ukoll qed jgħdilna sabiex ma naqtgħu qatt qalbna mit-taħbit tal-ħajja. Kull ma rridu nagħmlu hu li nkomplu nemmnu f'Alla u nkomplu nħobbu lill-oħrajn akkost ta' kollox. Mis-sema llum ikellimna u jgħidilna li l-provi li għadda minnhom fuq l-art m'huma xejn ħdejn il-premju li qed igawdi.

Forsi l-ħajja tal-Madonna kienet differenti minn dik ta' San Pawl. Mit-twelid tagħha hi dejjem kienet magħquda bis-sħiħ ma' Alla. F'mument f'ħajjitha hi ġiet magħżula minn Alla sabiex iġġib lit-Tieni Persuna tat-Trinità (l-Iben) fid-dinja biex isalvana. Iżda anke Hi, bħal San Pawl u l-qaddisin l-oħra, dejjem żammet dak l-entużjażmu u dik l-imħabba lejn Alla u għalhekk anke lejn il-proxxmu tagħha.



Il-W.Rev. Kappillan tal-parroċċa, Dun Nazzaren Caruana waqt il-funzjoni annwali tal-Preżentazzjoni tat-tfal quddiem Santa Marija, Patruna ta' l-Imqabba.

Propju f'dawn il-ġranet qed nippreparaw għall-festa għażiża fil-Knisja, il-Festa ta' l-Assunta, Patruna tal-parroċċa tagħna.

Dawn il-ġranet irridu niħduhom bis-serjetà sabiex jgħinuna biex aħna wkoll inkabbru fina dan l-entużjażmu. Nifhem li festa bħal din dejjem timlina b'ħafna ħsieb u taħbit, però, kif dejjem ngħidu, il-festa trid tibda qabel kollox f'qalbna.

Inkella t-taħbit u l-'qbiż' ikun kollu fil-vojt, jew kif igħid San Pawl 'platti jċekċku'. Propju b'dan l-ispirtu li fil-parroċċa norganizzaw il-Kwindiċina flimkien mat-Tridu tal-Festa.

Dan sabiex ikollna żmien biżżejjed li nisimgħu l-kelma t'Alla. Għaliex il-fidi trid tiġi mis-smigħ (tal-kelma t'Alla). Il-Festa tiġi wkoll sabiex nersqu lejn is-Sagramenti, b'mod speċjali l-Qrar u t-Tqarbin.

Minn hawn nixtieq nirringrazzja lil dawk li f'dawn il-ġranet qed jaħdmu għas-suċċess ta' din il-Festa. Ikunu ħafna dawk in-nies li jmiddu idejhom fil-ħafna xogħol ta' preparazzjoni fil-knisja parrokkjali. U xejn inqas fix-xogħol li jsir fit-toroq u l-pjazez u xogħol ieħor marbut mal-festa bħalma hi l-banda u n-nar. Lil dawn ukoll ngħidulhom grazzi tat-taħbit tagħhom. Grazzi wkoll lis-Soċjetà Santa Marija li flimkien magħna dejjem ħadmet għas-suċċess tal-Festa.

Il-Festa ta' Santa Marija twassalna fil-qofol tal-festi Maltin. Ħaġa li bla dubju ta' xejn qiegħda ħafna f'qalbna. Imma jiena nemmen li l-prova ta' dawn il-festi kollha qiegħda propju hawnhekk. Daqskemm wara li tgħaddi l-festa aħna nħossuna ferm eqreb lejn Alla u li jekk forsi kien hemm xi difett fina, ippruvajna nneħħuh. Il-prova qiegħda wkoll fil-fatt li l-festa kienet l-okkażjoni li ressqitna aktar lejn xulxin, aħna min aħna.

Minn hawnhekk nawgura Festa sabiħa u qaddisa lill-Imqabbin kollha. Nawgura li min jiġi fostna f'dawn il-ġranet isib klima ta' għaqda u jmur lura b'togħma tajba ta' dak li jafu jagħmlu l-Imqabbin.

## Messaġġ mis-Segretarju

is-Sur Carmel Ellul



# Nifirħu flimkien

Ninsabu ftit jiem biss bogħod mill-Festa ta' l-għażiża Patruna tar-raħal tagħna, Santa Marija. F'dan iż-żmien il-Kumitat Ċentrali bil-kollaborazzjoni tas-sotto-kumitati fi ħdan is-Soċjetà tagħna għaddejjin bl-aħħar preparamenti għall-Festa.

Bħala segretarju tas-Soċjetà nixtieq nagħti rendikont ta' ħidma bla heda tul is-sena li għaddiet min-naħa tal-Kumitat flimkien mas-sotto-kumitati. Ma nistax ma nsemmix is-suċċess li kellha s-Soċjetà tagħna ftit jiem qabel il-Festa tas-sena l-oħra. Il-Banda tagħna daqqet ġewwa Ruma flimkien ma' Baned minn Franza, mir-Renju Unit u mill-Italja. Kienet mawra memorabbli fejn fost oħrajn daqqejna fis-sala Nervi waqt l-udjenza ta' nhar ta' Erbgħa mal-Papa. Daqqejna f'Ruma u fil-Belt ta' Cave.

Wara biss ftit ġranet li flimkien mal-Banda u l-partitarji rritornajna lura mill-Italja, kontinġent mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija ħadu sehem fil-Festival Internazzjonali Caput Lucis flimkien ma' seba' pajjiżi oħra ferm akbar minna. Huma telgħu l-Italja flimkien ma' ħafna partitarji mis-Soċjetà tagħna. Wara li kulħadd ta l-wirja tiegħu, l-Għaqda tan-Nar tagħna ġiet iddikjarata rebbieħa assoluta. Aħna s-soċi u l-partitarji li konna fil-każin u fil-pjazza, assistejna għar-riżultat dirett. Wara li ġejna ddikjarati rebbieħa, saru ċelebrazzjonijiet kbar fil-pjazza ta' l-Imqabba. Nista' ngħid li rajt nisa u rġiel anzjani ġejjin fil-pjazza fis-sigħat ta' fil-għodu bid-dmugħ f'għajnejhom jiċċelebraw man-nies preżenti.

L-għada ċ-ċelebrazzjonijiet komplew mal-wasla tal-kontinġent fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta bis-sehem tal-Banda Re Ġorġ V fejn is-soċi u l-partitarji taw merħba kbira lill-Għaqda tan-Nar. Sar *carcade* mill-Ajruport għall-Imqabba u x'ħin wasalna fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija sar ħruq ta' salut u murtali bil-logħob. U kif il-carcade wasal fil-pjazza sar marċ. Fil-għaxija mbagħad sar *party* kbir fil-pjazza quddiem il-każin. Fil-ġranet ta' wara, is-Soċjetà tagħna ġiet mistiedna biex tiltaqa' mal-E.T. President ta' Malta, mal-Prim Ministru u mal-Kap ta' l-Oppożizzjoni.

Biex dawn l-avvenimenti saru u kienu ta' suċċess kbir, sar sforz kollettiv biex ma' dawn stajna norganizzaw Festa kbira li kienet ftit jiem biss 'il bogħod u li attirat eluf kbar ta' nies. Wara l-Festa l-Kumitat kompla bil-ħidma tiegħu fuq il-permessi tal-każin. Fil-bidu ta' Jannar ġie maħtur Kumitat ġdid fejn għall-ewwel darba għandna membru femminili u li qed tagħti l-kontribut tagħha wkoll.

Hawn nixtieq nirringrazzja lill-ex membri tal-kumitat li għalkem m'għadhomx jagħmlu parti mill-Kumitat baqgħu jagħtu l-kontribut tagħhom fil-qasam ta' l-armar u xogħol fil-każin b'mod regolari. Il-Kumitat ġdid kompla bil-preparamenti tiegħu għall-Festa li ġejja, b'aktar pjanijiet għal wara l-Festa biex titwaqqa' d-dar biswit il-każin u b'hekk ikompli jitkabbar il-każin.

Din is-sena s-Soċjetà tagħna qed tiċċelebra żewġ anniversarji; l-għaxar anniversarju minn meta ġejna onorati bl-unur Les Etoile d'Or du Jumelage u l-ħmistax-il sena mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ. Hawn nista' ngħid li kont wieħed milli tajt il-kontribuzzjoni tiegħi fejn minn meta twaqqfet is-Sezzjoni Żgħażagħ, il-briju kiber, sar aktar organizzat u kiber fil-massa. Nappella għall-moderazzjoni u t-tolleranza u li ma jsir xejn biex wieħed iweġġa' lil ħaddieħor. Nistgħu ngħidu li x-xogħol għas-Sezzjoni Żgħażagħ beda ftit wara l-festa billi organizzaw attivitajiet u komplew bil-Presepju Ħaj fejn ġew ikklassifikati fl-ewwel post. Wara komplew bl-attivitajiet tal-



Is-Segretarju, is-Sur Carmel Ellul, jidher flimkien mal-Banda Re Ġorġ V waqt wieħed mir-ritratti ta' tifkira li ttieħdu fil-Bini tal-Vatikan ġewwa Ruma l-Italja waqt it-tieni mawra tal-Banda għall-Festa del Socio.

Ġimgħa l-Kbira fejn għat-tieni sena konsekuttiva tellgħu l-wirja La Semana Santa. Wara komplew bil-preparazzjonijiet għall-Festa li ġejja.

Nixtieq insemmi wkoll il-Banda, li hija l-pern tas-Soċjetà tagħna. Bis-saħħa tal-Kummissjoni Banda flimkien mas-Surmast u l-bandisti, komplew bil-kunċerti ta' matul is-sena u l-preparamenti li qed jagħmlu għall-kunċert tad-9 ta' Awwissu.

Nifraħ ukoll lill-bandisti l-ġodda li ser idoqqu magħna għall-ewwel darba. Ta' min isemmi wkoll li din is-sena ser ikollna bħala mistiedna speċjali l-Banda mill-Belt ta' Cave li ser tagħmel ġimgħa magħna u ser tieħu sehem attiv fil-Festa tagħna. Qasam ieħor li ngħata spinta 'l quddiem kien it-tkomplija ta' l-armar ta' Triq Karmenu Ciantar u ammont kbir ta' liedna ġdida għal diversi toroq ġor-raħal.

Is-Sezzjoni tan-Nisa kompliet tgħin lis-Soċjetà billi kompliet bl-organizzazzjoni matul is-sena kollha ta' diversi attivitajiet b'riżq proġetti ġodda għall-każin. Ma nistax ma nsemmix l-Għaqda tan-Nar li b'ħidma u sagrifiċċju matul is-sena tipprepara programm ta' nar biex jiġi apprezzat mis-soċi, partitarji u benefatturi tagħna, mill-poplu Malti u Għawdxi, u t-turisti li jżuru r-raħal tagħna fi żmien il-Festa.

Nibda biex nagħlaq dawn il-kelmtejn tiegħi billi nsellem il-benefatturi, soċi u partitarji li ħallewna matul is-sena, speċjalment il-memorja ta' Dun Karm Ghigo li ħalliena dan l-aħħar. Nixtieq nifraħ lis-Sindku, il-ġid is-Sur Emanuel Galea u lill-sħabu l-kunsilliera filwaqt li nsellem lil ex-Sindku s-Sur Nicholas Briffa u lill-ex kunsilliera.

Nixtieq nilqa' lill-ispettur Carlos Cordina li ser imexxi għall-ewwel darba l-Festa ta' Santa Marija u nirringrazzja lill-ispettur Walter Spiteri għall-ħidma tiegħu matul is-snin. Mill-qalb nixtieq insellem is-soċi, il-partitarji u l-benefatturi tal-ħidma tagħhom b'riżq is-Soċjetà.

Nappella lil kulħadd biex f'dawn iż-żminijiet tal-Festa nifirħu flimkien u biex kulħadd jagħti s-sapport u l-għajnuna lill-kumitat waqt l-armar tar-raħal u tal-knisja. Nappella wkoll biex wara l-festa kulħadd jgħin sabiex kollox jerġa' jintrefa' postu.

Biex aħna li bħala Soċjetà li rnexxielna nġibu Unuri Internazzjonali lejn is-Soċjetà, lejn l-Imqabba u lejn Malta, nibqgħu niċċelebraw u nagħmlu Festa sabiħa u dinjituża lill-Patruna tagħna u ta' l-Imqabba Santa Marija. Viva Santa Marija.





## Appell mill-Kaxxier

is-Sur Carmel Briffa

# Flimkien għal Festa akbar

Ninsabu sentejn boghod miċ-ċentinarju ferm importanti għal din l-Għaqda Mużikali, is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Mitt sena ta' storja li kull Imqabbi għandu jkun kburi biha. Ċentinarju bħal dan għandu jkun imfakkar b'xi ħaġa speċjali u jekk naħdmu flimkien f'dawn is-sentejn li ġejjin, għandna fejn nagħtu rigal sabiħ lis-Soċjetà billi nkabbru s-sede tagħna sabiex titgawda mill-ġenerazzjoni ta' issa kif ukoll ta' warajna. Issa li l-permessi kollha nħarġu nisperaw li wara l-festa nibdew bix-xogħol ambizzjuż li għandna sabiex nagħtu dehra ġdida lill-Każin tagħna.



Il-Kaxxier, is-Sur Carmel Briffa waqt quddiesa li saret propju waqt il-mawra tal-Banda tagħna ġewwa Cave, provinċja ta' Ruma l-Italja

Din is-sena nħatar kumitat ġdid fejn żdied l-element żagħżugħ. Minn hawn nixtieq nawgura lill-membri ġodda fil-kumitat kif ukoll nirringrazzja lil ex-membri li dejjem ħadmu minn qalbhom għall-ġid tas-Soċjetà u li għalkemm m'għadhomx fil-kumitat xorta baqgħu jagħtu l-kontribut tagħhom. Fil-fatt bħalissa l-kumitat jinsab impenjat sabiex jorganizza l-festa tant mistennija tat-Titular u l-Patruna ta' l-Imqabbin: It-Tlugħ ta' Ommna Marija fis-sema. Bħalissa kull sezzjoni fi ħdan is-Soċjetà tinsab impenjata sabiex għal darba oħra tagħmel unur lill-Imqabbin. Fost l-oħrajn għal din is-sena l-Għaqda ta' l-Armar ser tiffinalizza sett trofini għal Triq Karmenu Ciantar permezz ta' skultura, irħamar u induratura ġdida. Tkompla x-xogħol fuq il-planċier fejn is-Sur Benny Camilleri qiegħed jagħmel l-almu tiegħu sabiex ilesti dan il-proġett. Is-Sezzjoni Żgħażagħ jinsabu preparati sabiex jiċċebraw għeluq il-ħmistax-il sena mit-twaqqif tagħhom permezz ta' innovazzjonijiet u briju għall-ġranet tal-festa. Hawn nixtieq nifirħilhom għar-rebħ tal-Kompetizzjoni tal-presepju ħaj matul il-festi tal-Milied u ta' l-attivajiet li jorganizzaw matul is-sena kollha. Il-Grupp Nisa ta' Santa Marija komplew bil-*fund raising* tagħhom permezz ta' lotteriji u Coffee Mornings fejn għal din is-sena ser jisponsorjaw statwa ġdida. L-Għaqda tan-Nar Santa Marija, li issa hija magħrufa mad-dinja kollha permezz tar-rebħ tal-kompetizzjoni mondjali Caput Lucis li saret ġewwa Valmontone fil-provinċja ta' Ruma l-Italja, ħejjiet programm speċjali għal matul il-ġranet tal-festa. Hawn ta' min jirringrazzjahom għas-sagrifiċċju li jagħmlu matul is-sena kollha.

Għall-festa ta' din is-sena sar *recording* ta' sett marċi ġodda u l-Banda taħt it-tmexxija tas-Surmast David Agius kompliet tipprepara bil-kunċerti għall-programm ta' din is-sena. Ser johorġu xi alljievi ġodda li ġew imħarrġa mill-istess surmast . Ta' min isemmi wkoll li għall-ġimgħa tal-festa ser ikollna banda oħra internazzjonali, il-Banda *Associazione Bandistica Cittadina di Cave* minn ġewwa l-provinċja ta' Ruma, l-Italja. Dawn ser jirreċiprokaw iż-żjara li għamilna aħna ġewwa Cave s-sena li għaddiet. Naħseb li lkoll taqblu miegħi li din is-sena għandu jkollna festa oħra speċjali. Għalhekk nitlobkom tgħinuna b'kull mezz possibbli, sew finanzjarju kif ukoll fiżiku għaliex l-impenji huma kbar. Tifhmu li l-ispejjeż tal-baned u tal-bandisti barranin kibru. Kull soċju u partitarju għandu jagħti donazzjoni għall-festa u jagħti daqqa t'id f'dak kollu li jkun hemm bżonn speċjalment fid-dawl u l-armar.

Nagħlaq billi nirringrazzja lil dawk kollha li b'xi mod ħadmu jew qed jaħdmu għall-festa kif ukoll b'riżq is-Soċjetà. Nagħmlu l-almu tagħna biex kemm jista' jkun nattendu għall-funzjonijiet sbieħ li jkollna fil-knisja kif ukoll mal-marċi u nġibu ruħna sewwa ħalli nagħtu eżempju lil dawk kollha li jogħġobhom iżuruna. Grazzi u l-Festa t-tajba lil kulħadd.

Viva Sant Marija, Patruna ta' l-Imqabbin.



*Mill-Għaqda ta' l-Armar*

is-Sur Mario Camilleri

# Spinta kbira lill-Armar

Bħal kull sena ġejt mitlub naghti rendikont ta' x'sar f'din l-aħħar sena. Kif jaf kulħadd dawn l-aħħar sentejn bdejna naħdmu fuq armar ġdid ghal Triq Karmenu Ciantar. Is-sena li għaddiet ġie mżanżan kwantità ta' armar ġdid fil-jiem tal-festa. Dan l-armar kien jikkonsisti fi tmien armi ġodda għat-trofej tal-pjazza li tlestew minn kollox, tajna bidu fuq proġett ta' għaxar pedestalli għal Triq Karmenu Ciantar fejn matul is-sena li għaddiet lestejna erba' minnhom mix-xogħol ta' l-injam.

Is-sena li għaddiet ukoll ġiet imżanżna statwa oħra ġdida mill-isbaħ, dik ta' San Ġużepp. Dan ix-xogħol sar mill-istatwarju s-Sur Aaron Camilleri Cauchi. Ma' dan ix-xogħol ġew ukoll restawrati erba' statwi oħra minn sett ta' tnax-il appostlu li għandna fil-pjazza. Kif tistgħu taraw kienet sena impenjattiva ħafna.

Din is-sena tista' tgħid li kienet fuq l-istess nota tas-snin li għaddew. Hekk kif għaddiet il-festa u ġie mnaddaf l-armar u ppustjat fl-imħażen, jiena u s-Sur Michael Ghigo ddeċidejna li din is-sena nibdew naħdmu fuq l-iskultura tat-trufej ta' Triq Karmenu Ciantar. Is-sena li għaddiet is-Sur Andrew Bugeja kien lesta l-faċċata u l-ġenb tat-trofej u għalhekk din is-sena kien imiss li nagħmlu l-kontra forom tagħhom.

Minn Settembru 'l hawn dan il-proċess ma waqafx ġurnata biex ilħaqna lestejna l-iskultura kollha għal dan is-sett armar. Hekk kif Micheal kien ilesti sett wieħed ta' skultura, jien kont nibda x-xogħol ta' xkatlar u wara l-induratura fuq l-istess skultura. Is-Sur Ivan Falzon kien jieħu ħsieb li jisprenja din l-iskultura qabel ma jibda dan il-proċess.

Dan il-proċess baqa' sejjer is-sena kollha fejn sal-lum il-ġurnata ninsabu għadna qegħdin naħdmu fuq sittax-il mensola li jiġu fil-ġnub ta' dawn it-trofej. Matul dawn ix-xhur ħadt ħsieb ukoll li nirħama dawn it-trofej biex b'hekk il-pass li jmiss fis-snin li ġejjin huwa li naħdmu fuq sett ta' tmien armi ġodda għal magħhom. Nixtieq nirringrazzja lis-Sur Charles Falzon li għalkemm din is-sena ma kienx involut f'dan ix-xogħol, kien strumentali għal dawn l-aħħar snin biex stajna naslu għal din il-fażi.

Din is-sena kien hemm il-ħsieb li naraw statwa ġdida oħra minn sett ta' għaxar persunaġġi li ħa jkomplu jsebbħu Triq Karmenu Ciantar fil-jiem tal-festa. Dan ix-xogħol qed isir mill-istatwarju, is-Sur Aaron Camilleri Cauchi. Sfortunatament minħabba ċirkustanzi li ma kellniex kontroll fuqhom, din l-istatwa mhix ser tkun tista' tiżżanżan għall-festa ta' din is-sena.

Nista' ngħid li kull partitarju tagħna huwa sodisfatt u apprezza ħafna x-xogħol li dan l-istatwarju qed joħloq.

Din is-sena l-kumitat tan-Nisa ddeċieda li jgħin lil din l-Għaqda finanzjarjament u għalhekk għal din is-sena ser ikunu huma li jħallsu din l-istatwa. Barra minn hekk ser jgħinu wkoll finanzjarjament fi proġetti oħra bil-fondi li nġabru matul din is-sena.

Din is-sena wkoll ħadna ħsieb li nkomplu x-xogħol ta' restawr fuq l-statwi li għandna fil-pjazza tagħna. Kemm jista' jkun qed nagħmlu minn kollox biex inżommu dawn l-istatwi fi stat tajjeb. Dan ix-xogħol ta' restawr ħa ħsiebu s-sur Andrew Bugeja.

Din is-sena kien imiss li nirrestawraw tliet stawi oħra li huma San Ġakobb il-Kbir, San Mattew u San Taddew.

Inizjattiva oħra li ħadna din is-sena kienet li tinbidel xi liedna f'diversi toroq fir-raħal tagħna. Dan ix-xogħol sar bħas-soltu mis-sur Raymond Vella, mis-sur Roderick u s-sur Emanuel Pace.

Kif tistgħu tinnotaw din is-sena kienet impenjattiva ħafna. Għad fadal ħafna x'jista' jsir fis-snin li ġejjin iżda bil-mod, naslu għal dak li għadna f'moħħna. Diġa' bdew il-pjanijiet fuq xi proġetti oħra



L-istatwarju s-Sur Aaron Camilleri Cauchi waqt fażi mix-xogħol fuq l-istatwa ta' San Ġużepp li ġiet imżanżna matul il-festa tas-sena l-oħra.


GUDITH
ESTHER



Waħda mill-armi kompluta mix-xogħol ta' rħamar.



L-istatwa ta' San Ġużepp, xogħol l-istatwarju s-Sur Aaron Camilleri Cauchi, waħda minn sett ta' statwi ġodda għal Triq Karmenu Ciantar.

iżda bħalissa huwa aktar essenzjali li nlestu dak li bdejna.

Nixtieq nagħlaq billi nirringrazzja lil sieħbi Michael Ghigo li kull sena nistinkaw flimkien biex inlaħħqu x-xogħol maħsub għal jiem tal-festa, lill-familji tagħna li jagħmlu s-sagrifiċċji magħna, lil Doris Camilleri u Raymond Vella li jgħinuni fil-ġbir ta' fondi, u lill-familja Falzon li dejjem insibhom ta' għajnuna.

Ringrazzjament speċjali lill-kumitat tan-nisa għall-għajnuna kbira finanzjarja li taw lil din l-Għaqda matul din is-sena, lill-kumitat ċentrali u lilkom partitarji li kkontribwejtu finanzjarjament. Fl-aħħarnett nappella sabiex fil-jiem tal-festa tagħtu s-sehem tagħkom f'dak li jirrigwardja l-armar tal-festa.

Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.


Jerry's Silencer Repairs






**Jerry's Garage**

Siġġiewi Road, Mqabba

Tel: 21640750 Fax: 21642535 Mob: 9944 9237

*Messaġġ mis-Surmast Direttur*

**Mro. David Agius**



# Banda Re Ġorġ V - Dedikazzjoni u Suċċess

Naghti merħba lill-membri kollha u l-partitarji ferm numerużi li qed dejjem jiżdiedu fi ħdan is-Soċjetà tagħna, u 'l kull min jifforma b'mod jew ieħor parti minn din l-Għaqda Glorjuża. Ghaddiet sena oħra ta' impenn u nieħu l-opportunità minn dan l-ispazju mħolli ta' kull sena għalija, biex insemmi l-progress li dejjem ikun qed isir fi ħdan il-kultura mużikali f'din is-Soċjetà. Nibda billi nsemmi s-suċċess kbir li kellha l-Banda s-sena l-oħra fil-mawra li għamilna ġewwa l- Italja.

Hawnhekk il-Banda daqqet fl-udjenza mal-Papa ġewwa sala Nervi u wkoll esegwejna żewġ Kunċerti Mużikali li ntlaqgħu ferm tajjeb min-nies tal-lokal, kif ukoll mill-membri tal-baned l-oħra li kienu qed jieħdu sehem f'dan il-Festival tal-Baned. Il-Banda f'din il-mawra żgur kisbet iktar esperjenza fil-kultura mużikali u għamlet pass ieħor 'l quddiem. Wara din il-mawra nista' ngħid, li x'ħin ġejna lura sibna l-festa riesqa ġmielha.

B'kuraġġ kbir ilqajna l-isfida u mhux bi ftaħir, iżda bil-fatti li ġraw ma nistax ninsa l-eżekuzzjoni li kellna tal-Carmina Burana ta' Carl Orff fil-kunċert ta' l- 10 t'Awwissu tas-sena l-oħra. Din il-kompożizzjoni hija ferm impenjattiva u l-isfida rnexxilna negħlbuha b'mod komplet. Dan għaliex kif wieħed jista' japprezza, għalkemm Carl Orff ikkompona din is-Suite għall-orkestra u kor, l-arranġament li esegwiet il-Banda, ġie esegwit ferm tajjeb u ntlaħaq l-effett u l-*climax* meħtieġ xorta waħda. Kemm mil-lat ta' *dynamics* u iktar u iktar importanti it-tempijiet fejn l-i*speed* inżamm tajjeb. Dawn kienu l-kummenti tad-dilettanti li attendew dan il-kunċert.

Dan kollu hu dovut għad-dedikazzjoni kbira li għandhom fuq kollox il-mużiċisti tal-lokal tagħna, kif ukoll il-mużiċisti li taw sehemhom f'dan il-kunċert li, fejn jaraw is-serjetà jattendu bi ħġarhom għall-provi! Hawnhekk nixtieq nelenka li fi ħdan is-Soċjetà tagħna l-provi jibqgħu sejrin tul is-sena kollha u għalhekk ikun jista' jintlaħaq is-suċċess meħtieġ.

Matul is-sena wkoll ikompli t-taħriġ ta' kull ġimgħa ta' l-alljievi li jammontaw għal numru mhux ħażin. Dan jawgura tajjeb għall-futur tal-Banda biex tibqa' ħajja u l-frott li niżirgħu llum ikun jista' jintuża fil-ġejjieni qarib. Din is-sena fil-festa ser jiġu introdotti bandisti ġodda u hekk inkomplu nżidu man-numru tal-bandisti tal-lokal.



**Is-Surmast Attwali tal-Banda Re Ġorġ V, Mro. David Agius jippreżenta partitura mużikali sabiex tkompli tikbe il-librerija Mużikali tal-Banda.**

Bħala Surmast, nawgura futur lil dawn il-bandisti u nilqa' l-introduzzjoni tagħhom b'mod pożittiv ferm għax dawn ikomplu jgħinu biex il-provi li jsiru kull ġimgħa matul is-sena kollha jibqgħu sejrin.

Bħal ma nagħmel kull sena nistieden lil kull min hu dilettant, għall-kunċert annwali li tagħmel il-Banda Re Ġorġ V li din id-darba ser isir fid-9 t'Awwissu 2008. Bħas-snin ta' qabel ħadna ħsieb biex nagħżlu siltiet li jolqtu l-gosti ta' kulħadd.

Din is-sena ser ikollna lis-Sopran Francesca Farrugia bħala *guest singer* f'dan il-kunċert. Francesca hija Sopran promettenti ferm u hija Mqabbija wkoll.

Hawnhekk nieħu l-opportunità biex nawgura lil hu Francesca, ir-Rev. Fr. Jonathan Farrugia għall-Prima Messa tiegħu ta' din is-sena. Barra minn hekk ukoll, hemm xi sorpriżi f'dan il-kunċert li issa saru sinonimi mal-Banda tagħna tul dawn l-aħħar snin.

Hawnhekk nixtieq ngħid li meta l-Kummissjoni Banda flimkien miegħi nfasslu l-programm nieħdu ħsieb biex il-livell inżommuh elevat b'għażla ta' mużika impenjattiva wkoll. Din is-sena xejn ma jonqos li jkollna xi silta li titlob sfida imma se nħalliha għalikom bħala sorpriża u nistidinkom tattendu għal dan il-Kunċert fid-9 t'Awwissu 2008 biex tisimgħuha.

Bl-attendenza numeruża li toħnoq il-pjazez tagħna tagħmluli iktar kuraġġ għall-ġejjieni. Wara li tgħaddi l-festa għandna programmat iktar xogħol li nħabbruh iktar tard għall-anniversarju minn meta l-Banda rebħet Les Etoles d'Or du Jumelage, li huwa wieħed mill-Unuri Internazzjonali li rnexxilha tirbaħ din is–Soċjetà.

Nasal biex nagħlaq u nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd, speċjalment lil dawk il-morda li ma jistgħux ikunu jiċċelebraw magħna.

Nirringrazzja lil kulħadd għall-għajnuna li dejjem tagħtuni b'mod speċjali lil marti Antonella għas-sapport li tagħtini biex inkun nista' nkompli x-xogħol tiegħi fil-kultura mużikali fi ħdan is-Soċjetajiet Mużikali. Viva Santa Marija.

*Mill-Kummissjoni Banda*

is-Sur Christopher Spiteri

# Ħidmet il-Banda Re Ġorġ V

Għaddiet sena oħra u permezz ta' dan l-artiklu ddedikat lill-Banda tagħna ser nagħti fil-qosor rendikont dwar sehem il-Banda fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija.

Is-sena 2007 kienet sena oħra ta' impenn u esperjenzi ġodda. Għat-tieni darba, il-Banda Re Ġorġ V ħarġet minn xtutna u ħalliet impressjoni tajba ġewwa l-Italja. Il-Banda ppartecipat ma' għadd ta' baned oħra u kienet esperjenza unika għal ħafna minna. Apparti din il-mawra l-Banda kienet impenjata f'żewġ programmi mużikali li bħal kull sena jinżlu tajjeb ma' l-ammiraturi tal-Banda tagħna. Dawn il-programmi jkunu ffisru rehearsals kontinwi u sagrifiċċji min-naħa tas-surmast, kummissjoni banda u bandisti. Il-banda kienet impenjata wkoll f'servizzi mxerrdin ma' bliet u rħula waqt iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi tagħhom.

F'Novembru l-kumitat għal darba oħra ħa ħsieb sabiex jorganizza l-ikla annwali ad unur il-bandisti. Il-kummissjoni banda u s-surmast ħadu ħsieb sabiex iffasslu programm għal din is-sena. Fi Frar sar ir-*recording* tal-marċi brijużi fejn f'Mejju ġiet inawgurata s-CD l-ġdida. F'April komplejna bil-preparazzjonijiet għall-festa. Intgħażlet mużika interessanti ħafna u adattata għall-mistednin preżenti, fosthom delegazzjoni ta' madwar sebgħin persuna Taljana li se jkunu preżenti waqt il-programm mużikali u vokali li din is-sena se jsir fid-9 t'Awwissu. L-aħħar impenn qabel il-Festa għall-Banda Re Ġorġ V kien propju nhar it-Tnejn 23 ta' Ġunju meta l-Banda ħadet sehem fil-*corteo*, mill-Knisja Parrokkjali saċ-Ċimiterju, ta' Dun Karm Ghigo, qassis Imqabbi u benefattur tas-Soċjetà. Il-Banda Taljana Associazione Musicale Cittadina di Cave, imbagħad ser tagħmel il-kunċert uffiċjali tagħha l-Ħadd 10 t'Awwissu. Dan minbarra s-servizzi li l-Banda tagħna jkollha matul il-jiem tal-festa.

Din is-sena, eżattament f'Novembru, jaħbat ukoll l-10 anniversarju mill-għoti ta' l-Unur Prestiġġjuż Les Etoiles D'Or du Jumelage. Unur li ra l-bidu tiegħu fl-1996 bl-ewwel mawra tal-Banda ġewwa l-Italja. Bħalma kulħadd jaf, Ġemellaġġ li għamel unur lis-Soċjetà tagħna, lill-Imqabba u lil



Is-Sur Carl Matthew Camilleri jidher jirċievi momentum waqt il-Programm Annwali tal-Banda Re Ġorġ V.



Is-Sur Victor Galea, bandist attiv fi ħdan il-Banda Re Ġorġ V u iben il-Fundatur ta' l-istess Banda, is-Sur Ġużeppi Galea jippreżenta innu, intitolat 'Innu lil Ġużeppi Galea, Fundatur tal-Banda Re Ġorġ V.', lill-President tas-Soċjetà fl-okkażjoni tas-60 sena Banda.



Is-Sur Rokku Camilleri f'isem Di Rocco Ltd jidher jippreżenta l-unur tal-Bandist/a tas-Sena lis-Sinjorina Remenda B.A. (Hons) Social Work, bandista attiva tal-post.

# Programm Strumentali u Vokali mill-Banda Re Ġorġ V

*Il-Ħamis, 9 t' Awwissu 2008 fit-8.30pm*

| | | |
|---|---|---|
| Innu | **Lil Raħal Twelidi** | A. Camilleri |
| Traditional | **Scotland Forever**<br>(akkumpanjament: Wallace Pipes) | Arr. A. Farrugia |
| Song | **Mull of Kintyre**<br>(akkumpanjament: Wallace Pipes) | P. McCartney |
| Selection | **La Forza Del Destino**<br>(tkanta s-sopran Francesca Farrugia) | G. Verdi |
| Selection | **Moments from Morricone** | E. Morricone |
| Selection | **Pops in the Spots** | Arr. Roland Kernen |
| Potpourri | **Sousa Palooza** | J. P. Sousa<br>Arr. Michael Story |
| Song | **Summertime**<br>tkanta s-sopran Francesca Farrugia | G. Gershwin |
| Selection | **Evening at Pops** | John Williams |
| | Preżentazzjonijiet u Diskors mill-President | |
| Innu ta' l-Imqabba | **Lil Raħal Twelidi** | Anthony Camilleri |

**Surmast Direttur**: Mro. David Agius A. (Mus.) L.C.M.. A.Mus. V.C.M. (Hons.) A.L.C.M.

**Preżentatriċi**: Joyce Guillaumier




Il-Banda Re Ġorġ V tilqa' lill-membri ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ġewwa l-Ajruport Internazzjonali ta' Malta mal-wasla tagħhom lura minn Ruma wara li l-Għaqda ġiet ikkonfermata bħala Rebbieħa tal-Kampjonat Mondjali Caput Lucis 2007.


Il-Banda Re Ġorġ V tesegwixxi siltiet mużikali fil-Programm Annwali tagħha nhar l-10 ta' Awwissu 2007.


Il-Banda Re Ġorġ V tieħu sehem waqt il-corteo tal-mibki Dun Karm Ghigo, qassis Imqabbi u benefattur tas-Soċjetà.

pajjiżna. Il-kummissjoni banda flimkien mal-kumitat ukoll għandha ppjanati attivitajiet sabiex jitfakkar dan l-avveniment, però aktar dettalji jitħabbru iżjed tard.

L-iskola tal-Mużika mmexxija minn Mro. David Agius ser tagħti l-frott tagħha ukoll din is-sena permezz ta' erba' bandisti oħra li ser jingħaqdu mal-Banda propju għall-ewwel darba waqt din il-festa. Dawn huma: Joseph Saliba (Flawt), Stephanie Farrugia (Sax Sopran), Jeffrey Attard (Trumpet) u Rebecca Farrugia (Klarinett). Filwaqt li nawguraw lil dawn il-bandisti nirringrazzjaw lis-surmast Agius għas-sagrifiċċju li jagħmel ta' kull ġimgħa sabiex iwassal it-tagħlim tal-mużika.

Nagħmlu appell b'mod speċjali lill-ġenituri sabiex tibagħtu lil uliedkom jitgħallmu l-mużika b'xejn ġewwa l-każin tagħna. Inħeġġu wkoll lill-bandisti tal-post sabiex matul is-sena nagħmlu sforz kollettiv u nkunu regolari għall-kunċerti sabiex il-livell tagħna jibqa' dejjem jiżdied.

Nagħlaq dan il-messaġġ billi nistieden lil kulħadd sabiex matul il-ġranet tal-festa nakkumpanjaw il-baned kemm tagħna kif ukoll dawk mistiedna. Nistednukom b'mod speċjali sabiex tattendu għall-programmi strumentali kemm tal-Banda tagħna kif ukoll tal-Banda Taljana.

Viva l-Banda Re Ġorġ V.


L-erba' Bandisti ġodda li se jingħaqdu mal-Banda Re Ġorġ V għall-ewwel darba waqt il-festa ta' din is-sena flimkien mas-surmast direttur Mro. David Aguis. Fuq: Stephanie Farrugia (sax sopran) u Rebecca Farrugia (klarinett); Isfel: Joseph Saliba (flawt), Mro. David Agius u Jeffrey Attard (trumpet).



# Innu lil Ġużeppi Galea Fundatur tal-Banda 'Re Ġorġ V'

*fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V ta' l-Imqabba*



Sliem għalik, Ġużeppi Galea
Magħqudin ilkoll ferħana
Insellmulek b'għożża kbira
Fundatur tal-Banda tagħna!

Int il-Banda tajt il-ħajja,
F'armonija mużikali
Bl-isem tagħha 'Re Ġorġ Ħamsa',
Isem kbir ta' ġieħ Irjali!

U l-Imqabba jikber ġmielha
Taħt ħarsien Santa Marija
Meta l-Banda ddoqq u timla
l-arja kollha b'armonija!

*Rit: Sliem għalik, Ġużeppi Galea!*

Din il-ħolma tiegħek twettqet
Saret l-għaxqa ta' l-Imqabba;
daqs kemm ħaj int fil-memorja
tagħna lkoll bl-akbar imħabba.

Mis-smewwiet fejn int qed tgħammar
Ftakar fina, *ulied* tiegħek:
Biel il-għaqda ssalta fostna
Bina f'qalbek u aħna miegħek!

*Irrepetti: Din il-ħolma tiegħek twettqet,…*

Mużika: **Victor Galea (Iben il-Fundatur)**

Versi: **Pawlu Aquilina**

*Dan l-innu indaqq għall ewwel darba nhar l-10 ta' Awwissu, 2007 waqt il-Programm Vokali u Strumentali tal-Banda Re Ġorġ V. L-innu ġie kantat mis-Sopran Priscilla Ann Madonia flimkien mat-Tenur Stefano Calleja.*

**Cassar Florist**

*(taz-Zizzu)*

for your Wedding Flowers/Holy Communion Head-dress,
Engagement Parties and Funerals, Souvenirs,
Tulle & Accessories for all occasions.

Triq Ġużeppi Mattew Callus,
Żurrieq

*(near Aida Hall)*

Tel: 2164 7735, 2164 0501

Mob: 9946 7457,9946 7498

**Cassar**
**Bargains**
Grocer, detergents
and Fresh products
Open all Day

***Il-Familja Cassar tixtieq il-Festa t-Tajba lill-Mqabbin kollha***

*Mid-Delegata Nisa u Attivitajiet fil-Każin*



Maria Psaila Ghigo

# Rwol importanti fi ħdan is-Soċjetà

Ninsabu ftit ġranet biss qabel niċċelebraw il-Festa tant għażiża għalina l-Imqabbin, il-Festa ta' Santa Marija, Patruna tar-Raħal tagħna. Nixtieq nibda billi nsellem lill-qarrejja kollha ta' dan il-ktieb li ta' kull sena żżommu l-appuntament tagħkom sabiex taraw x'hemm imħejji għal din il-Festa tant kbira ta' Santa Marija.

Din hi l-ewwel sena tiegħi li qed nikteb f'dan il-ktieb. Din is-sena bħal kull sena oħra, aħna n-nisa kellna sena ta' xogħol u sagrifiċċju fejn ġbarna fondi biex din is-sena jmorru għas-Sezzjoni ta' l-Armar, li ta' kull sena tant jaħdmu b'ħeġġa biex juruna xogħol meraviljuż. Fil-fatt din is-sena, il-Fergħa tan-Nisa ħadet ħsieb sabiex tisponsorja statwa oħra għal Triq Karmenu Ciantar li kien hemm il-ħsieb li tiżżanżan matul il-Festa ta' din is-sena li iżda għal raġunijiet li ma kellniex kontroll fuqhom, din l-istatwa mhix ser tkun lesta. Opra artistika oħra li żgur li ser tkompli ssebbaħ l-armar tagħna.



Il-President tas-Soċjetà, s-Sur Carmel Zahra jidher jikxef sett ta' qniepen li ġentilment kienu sponsorjati mill-Fergħa tan-Nisa fi ħdan is-Soċjetà.

Ma nixtieqx ninsa nirringrazzja lis-Sinjura Doris Camilleri, li fost nisa oħra tagħmel sagrifiċċji kbar sabiex tbiegħ il-biljetti tal-lotteriji u tiġbor in-nies għal 'coffee mornings' u għal attivitajiet oħra.

Nirringrazzja lis-Soċi u l-Partitarji kollha kif ukoll ħbieb oħra ta' l-attendenza fl-attivitajiet li jsiru matul is-sena bħal ma huma '*coffee mornings*', lotteriji u anke ħarġiet.

Hawn nixtieq nagħmel appell sinċier biex aktar żgħażagħ, speċjalment tfajliet jersqu u jieħdu sehem fl-attivitajiet kemm ta' barra kif ukoll fit-tindif tal-Każin.

L-aħħar appell tiegħi huwa biex kemm jista' jkun nattendu għall-funzjonijiet sbieħ li jsiru fil-Knisja kif ukoll nattendu fil-marċi mingħajr ma noffendu u nweġġgħu lil ħadd. Grazzi mill-qalb u l-Festa t-Tajba lil kulħadd.

Viva Santa Marija
Patruna ta' l-Imqabba


# Akkademja tal-mużika ġewwa l-Każin

## Ibgħat lil uliedek jitgħallmu l-mużika b'xejn ġewwa l-Każin

*Kull nhar ta' Sibt wara nofsinhar*

# COMPUTER BARGAINS

**Computer Systems**
***Laptops • Upgrades***
***Repairs • Accessories***
***Peripherals & Networking***

*Andrè Cassar* ( *Director)*

**Triq tal-Maħżnier, Luqa LQA 04 - Malta**
**Tel/Fax: 21667999 • Mob: 9945 3187 • E-mail: compbargains@onvol.net**
**Opening Hours: Mon to Sat: 9.00am - 1.00pm • Mon to Fri: 4.00pm - 7.00pm**





Il-*cover* ta' CD ġdida maħruġa mis-Soċjetà bl-isem ta' 'Marċi Brijużi 2008'.

CD ġdida maħruġa
mis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V
bl-isem ta' **Marċi Brijużi 2008**
**Prezz: €10**

*Messaġġ mid-Direttur Spiritwali*

Patri Joseph Zahra O.P.



# "Champions" ta' Marija Assunta

## 'Champions'

Nieħu gost nisma' din il-kelma "Champions", mhux għax hija kelma ta' kburija, imma għax hija kelma li turi premju għal potenzjal li jkun intuża u għall-kwalità li tkun spikkat. Il-kelma "Champions" tindika li hemm għan li lejh għandna naslu. Ovvjament jekk tasal biex tkun rebbieħ, ifisser ħafna. Ifisser li l-għan tiegħek intlaħaq. Ifisser ukoll li x-xogħol li kellek tagħmel wettaqtu kollu b'suċċess u li allura issa qed tieħu l-premju meħtieġ. Dan jgħodd kemm għal persuna individwali, kif ukoll għal grupp ta' nies li flimkien ikunu ħadmu u stinkaw, u flimkien ikunu qed jieħdu l-ħlas misthoqq għall-kapaċità tagħhom.

## Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V

Fis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V għandna ħafna unuri li juru s-serjetà li biha ħadmu l-membri tagħha. Sa mill-bidu nett tat-twaqqif tagħha, din is-Soċjetà dejjem uriet kwalità għolja u ħila kbira fix-xogħol kollu li b'sagrifiċċju u b'ferħ dejjem wettqet permezz tan-nies li jiffurmawha. Bħala Direttur Spiritwali tagħkom, ma nistax ma nħossnix sodisfatt magħkom għal dawn id-doni li s-Soċjetà tagħna għandha.

## Santa Marija

Santa Marija hija l-Patruna Titulari tar-raħal ta' l-Imqabba u għaldaqstant ma setax jintgħażel isem aħjar għal din is-Soċjetà. Ma ninsewx li gżiritna hija kollha kemm hi kkonsagrata lill-Assunta u għalhekk ilkoll kemm aħna għandu jkollna mħabba kbira lejn din l-Omm tagħna tas-sema. Imħabba li tassew għandna nkunu konxji tagħha. Jien l-ewwel wieħed fostkom, nifraħ li nista' nagħti sehmi biex f'isem Sidtna Marija Ommna, nuri l-preżenza t'Alla fostna u li b'xi kelma 'l hawn u 'l hemm infakkar fl-imħabba li għandu jkollna lejn il-Patruna titulari tagħna. Imħabba li ovvjament għandha tidher fi kliemna u f'għemilna.



Rev. Patri Joseph Zahra O.P, Direttur tas-Soċjetà waqt waħda mil-laqgħat Marjani ġewwa l-Isptar il-Qadim.

## Unuri għal Marija

Ix-xogħol kollu li jitwettaq fi ħdan is-Soċjetà, lilna lkoll jgħamlilna unur. Unur li verament iħeġġiġna ħalli naħdmu aktar, biex nakkwistaw aktar unuri u aktar ħeġġa ġdida biex inkomplu ninbnew bħal aħwa flimkien, ulied din l-Omm tagħna li tibqa' tberikna u tiġri warajna biex bl-imħabba materna tagħha, tgħaddilna t-tama fil-ħajja eterna, fejn Imtellgħa fis-sema bir-ruħ u l-ġisem, waslet qabilna hi. L-akbar unur li qatt jista' jkollha Marija Assunta, mhix il-glorja tal-Ġenna li tista' tgawdi hi. L-akbar unur ta' Marija, ikun, meta aħna wliedha ilkoll ninġabru magħha biex ingawdu l-premju li ħejjielna Binha Ġesù – l-Iben t'Alla l-ħaj. Taħsbu li għal Marija jkun unur jekk imqar wieħed minna biss, uliedha, jintilfilha?!

L-unur ta' Marija rridu nkunu lkoll kemm aħna. Aħna ninsabu msejħa biex tassew inkunu unuri għal Marija.

## Barka ta' Omm

Nifraħ ukoll bl-okkażjoni kbira u sabiħa li għandna, u li permezz tagħha, kull meta rridu u kull x'ħin irridu, nistgħu nieħdu l-barka ta' Omm mingħand Sidtna Marija. Jekk tinnutaw fuq il-bieb prinċipali tas-Soċjetà tagħna, hemm irħama b'din l-iskrizzjoni:

"Min jgħid Salve Regina quddiem din ix-xbieha tal-B.V.Marija Assunta jirbaħ 200 jum indulġenza. Mogħtija fis 27 ta' Ġunju 1952 mill-Arċisqof Mikiel Gonzi"

Nista' nifraħ għax għandna l-okkażjoni li b'sempliċi talba tas-Salve Reġina, nakkwistaw l-induġenza meħtieġa biex jitnaqqsulna l-pwieni li jisthoqqulna għal dnubietna. Bħalma tafu t-talb għandu qawwa kbira, u indipendentement mill-fatt jekk wieħed jemminx f'indulġenza jew le, għandna nipprattikaw it-talb fil-ħajja tagħna. Ġesù stess għallimna nitolbu u qalilna biex nishru u nitolbu ħalli ma nidħlux fit-tiġrib (cfr: Matt 6:5-15, Lq 11:2-4, Lq 22: 40). Aħna li aħna devoti ta' Sidtna



L-ewwel unur Internazzjonali li s-Soċjetà tagħna rebħet mill-UE, Les Etoiles d'Or du Jumelage.




L-unur mirbuħ mill-Għaqda tan-nar Santa Marija wara li rebħet l-ewwel Festival Internazzjonali tan-Nar ta' Malta fis-sena 2006. L-Għaqda kkompetiet ma' kmamar tan-nar kemm lokali kif ukoll barranin.




It-Trofew Caput Lucis 2007 – Unur ieħor Internazzjonali mirbuħ mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija wara li kkompetiet ma' wħud mill-aqwa fabbriki tan-nar madwar id-dinja.

Marija Assunta, ejjew inħalluha tberikna, ejjew inħalluha tkompli tqarribna lejn is-sema pajjiżna, permezz ukoll ta' dik is-sempliċi "Salve Regina" li nistgħu noffrulha minn qalbna quddiem dik ix-xbieha għażiża li qed iżżejjen il-faċċata tal-każin. Il-qies ta' din l-istatwa ta' Santa Marija wkoll għandu jgħinna nikbru aktar fil-fidi tagħna.

Jekk tinnutaw din hija ta' disa' piedi. In-numru disa' jfakkarna fid-disa' xhur sħaħ li l-Iben t'Alla magħmul bniedem, għadda jikber fil-ġuf safi tal-Verġni Marija. Dawn ukoll huma d-disa' tokki li jindaqqu fit-tmienja ta' filgħodu, f'nofsinhar u ma' nżul ix-xemx, biex ifakkruna fl-opra tal-fidwa li twettqet minn Ġesù, imwieled minn Marija Ommna.

## Nibqgħu nkunu "Champions"

Mela ejjew nibqgħu nkunu "Champions", fil-banda, fin-nar, fl-armar. Ejjew nibqgħu, anzi nsiru aktar "Champions" fl-imħabba li għandna lejn Sidtna Marija. Imħabba li trid twassalna sakemm verament inkunu Champions fis-saltna tas-smewwiet ma' Marija Assunta, is-sultana tas-sema u l-art.

Dan hu l-uniku għan, li bħala nsara wlied Marija għandu jkollna. Għan li jintlaħaq biss bit-talb u bil-prattika tas-sagramenti mqaddsa.

Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.


# Private Tuition

- Mathematics & Physics: Forms 3, 4 & 5 (Sec)
- Pure Mathematics Intermediate & Advanced

*Locality: Mqabba / Żurrieq*
*Contact: M. Debattista B.Ed (Hons)*
***Mob: 7970 7458***



*Jikteb id-Direttur tal-Każin*

**is-Sur Anthony Farrugia**

# Ngħożżu dak li għandna



Fl-ewwel okkażjoni tiegħi li nikteb f'dan il-ktieb bħala direttur tal-każin, nixtieq nieħu l-opportunità sabiex nirringrazzja lil sħabi tal-kumitat li ħatruni f'din il-kariga. Insellem ukoll lill-membri kollha fosthom dawk li ngħaqdu magħna għall-ewwel darba. Flimkien magħhom, dawk il-koppji u familji li għoġobhom jiġu joqogħdu ġewwa l-Imqabba. Stedina lil dawn kollha sabiex iżuru l-każin b'mod speċjali fil-jiem tal-festa.

Permezz ta' dan l-artiklu ser nagħti rendikont tax-xogħol li sar u dak li għandu proġettat il-kumitat f'dawn ix-xhur li ġejjin. Bla dubju, bħala prijorità jibqa' r-restawr tal-każin, u fil-fatt din is-sena ngħatat attenzjoni fuq il-faċċata sabiex tiġi trattata u aktar 'il quddiem imdawwla b'mod professjonali. Il-manutenzjoni fuq il-faċċata kienet tikkonsisti billi ngħata spirtu għal kontra l-umdità mal-faċċata kollha. Dan għal fatt li l-faċċata maestuża tas-sede tagħna kien qed isirilha ħafna ħsara. Kellhom jinfetħu l-fili kollha u finalment, wara x-xogħol neċessarju, reġgħu tkaħħlu. Xogħol kbir li għalkemm illum ma jidhirx, nistgħu ngħidu li kien bżonnjuż u li sewa ħafna flus. Fil-futur qarib bħalma kien deċiż fl-aħħar laqgħa ġenerali għas-soċi u partitarji ġie deċiż li l-istess faċċata tiġi mdawla b'illuminazzjoni aktar moderna milli dik preżenti tal-bozoz. Id-dawl hu maħsub li jkun kollu kemm hu moħbi sabiex jinħoloq l-effett mixtieq. Dan iservi sabiex il-faċċata tingħata dehra aktar maestuża ta' palazz u ġawhra fiċ-ċentru tar-raħal kif ukoll neliminaw għal kollox dawk il-bozoz li sikwit kellhom jinbidlu għax jinqatgħu. Bħala parti minn dan il-proġett inbidlet ukoll il-bankina, b'paviment li huwa aktar addattat għal binja bħalma hija s-sede tagħna. Saret ukoll manutenzjoni fuq il-bjut tal-każin u manutenzjoni fil-proprjetajiet l-oħra tal-każin.

Però naturalment l-impenn prinċipali jibqa' dak ta' l-estensjoni tal-każin. Fil-fatt jekk Alla jrid, wara l-festa jinbeda xi xogħol sabiex jibda dan il-proġett ambizzjuż ukoll.

Qabel ma nagħlaq dan il-messaġġ tiegħi nappella sabiex nibżgħu għall-propjetà tal-każin. Għal bosta minna l-każin huwa it-tieni dar u bħalma nibżgħu għal darna hekk għandna nieħdu ħsieb din is-sede tagħna. Appell ieħor lil dawk li matul is-sena jkunu jixtiequ jagħtu daqqa t'id fil-manutenzjoni sabiex javviċinaw lili jew lill-kumitat.

Nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd, u flimkien magħna lill-irħula u bliet li se jiċċelebraw din l-aktar festa popolari fil-gżejjer Maltin u Għawdxin, Santa Marija.




**Il-faċċata maestuża tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V imżejna għall-Festa Titulari ta' Santa Marija, Patruna ta' l-Imqabba.**

# Lil Santa Marija, Omm is-Salvazzjoni



minn Stefano Farrugia
*Mqabba*

Qalb il-qtajja ta' l-anġli fis-sema
Jidwi l-eku bil-kobor ħawtiel
U mal-kordi ta' l-għana, bħal demgħa
Timla 'l qalbna fawwara ta' ġmiel.

Titlaq kewkba minn idek, Marija,
Tixgħel f'ruħna bħal fjamma f'musbieħ,
Tnixxi l-faraġ ġo darek smewwija
Kif tilqagħna ma' Kristu rebbieħ.

Mill-abbissi tal-faqar fid-dinja
Int tiġborna f'riġlejk ħdejn l-altar
Ħalli nduqu mill-manna w mill-vinja
W hekk infakkru l-miraklu li sar.

Minn qiegħ l-ibħra tad-dlam f'art materna,
Mid-deżert għall-ħelsien mill-imwiet,
Minn ġol-qabar għall-għolja tal-verna,
Fik il-mixja għas-serħ tas-smewwiet.

Nankraw ruħna fil-port tal-qdusija,
Nibnu ġensna bil-fidi tassew
W minn dil-blata li tisboq kull ħtija
Niksbu s-sabar u bik nithennew.

Nieħdu n-nifs fil-ġuf tiegħek, ja Ommna
Bil-ossiġnu li jtina l-qawmien
Li ġabilna dlonk Ibnek, Madonna
Meta għeleb il-mewt u t-telfien.

U warajh, ġejt imtellgħa fir-renju
Għaliex Int għaraft tgħix kull virtù
U minn hemm indukrajt kull millennju
Mal-frott tiegħek, l-Imbierek Ġesù.

U bħall-anġli ningħaqdu lkoll miegħek
Ħalli nfaħħru lil Alla għal dal-wirt
Kif stqarrejt Inti stess fit-talb tiegħek
Biex fiċ-ċokon il-għaġeb fissirt.

Int sofrejt in-niggieża tan-niket
U rajt l-għadab tal-folla bla ruħ,
Tħallix qalbna minn miegħek titbiegħed
U titbandal bħal dgħajsa bla qlugħ.

Għinna nbaħħru fil-mewġ tat-turmenti
Sabiex nilmħu l-ilwien fl-orizzont,
Tina s-saħħa fir-ruħ u fil-menti
Biex fi ħdanek nissieħbu fil-pront.

Int matriċi tal-baħar-ħajjitna,
Int il-ġawhra li tleqq fl-ilmijiet,
Int l-imnara li ssebbaħ gżiritna,
Int l-għamara ta' mħabba w barkiet.

F'xibka waħda ta' nsara maħbuba,
F'għalqa waħda fejn naħsdu biss ġid,
F'merħla waħda li taħji l-midruba
Tofroq ħarstek li tostor kull mit.

Ħajr ngħidulek tal-grazzji li tajtna
Fl-għerf li jdommna f'ulied Imqabbin,
Fit-tjubija li b'għaxqa lkoll tmajtna
Biex sawwartna f'suldati għaqlin.

Issellimlek O Santa Marija
Din il-ġemgħa li tifraħ biss fik
U mal-kori ta' l-anġli kburija
Ġewwa l-ġenna tixtieq li tgawdik!

*10 ta' Ġunju 2008*

**Inħeġġu lil kulħadd**
**sabiex fil-jiem tal-festa**
**nersqu aktar lejn is-sagramenti**
*ħalli jkollna fina l-veru paċi u ferħ f'qalbna,*
*kif tixtieq Ommna Marija Mtellgħa s-Sema.*



*Ħidmietna fil-qasam Internazzjonali*

# Inkomplu nibnu fuq is-suċċess!!

mis-Sur Alfred Galea

*Uffiċjal Relazzjonijiet Internazzjonali*

Saret issa ħaġa regolari għal dawn l-aħħar snin li jien nippreżenta kitba f'dan il-ktejjeb rigward il-qasam Internazzjonali fi ħdan is-Soċjetà tagħna. Jien u naħseb u nipprepara għal din il-kitba tiegħi din is-sena, moħħi ġera lura numru ta' snin. Tiskanta kif jgħaddi ż-żmien! Ilni issa madwar 12-il sena naħdem f'dan il-qasam b'riżq is-Soċjetà u Banda tagħna. Nista' ngħid li kollox beda bħala ċajta. Il-Malti jgħid: "Dak ta' bla ħsieb jirnexxi". U veru!! Kif qatt seta jgħaddili minn moħħi 12-il sena ilu x'kont se nkun kapaċi nagħmel? Fejn kont ser inkun kapaċi nasal? Fit-titlu ta' din il-kitba ma alludejtx għalija nniffsi biss. Dan għaliex kif kulħadd jaf, mhux jien biss fis-Soċjetà ninsab naħdem f'din l-isfera. Is-suċċessi Internazzjonali li ksibna għas-Soċjetà, l-Imqabba, u pajjiżna ma waslux bil-ħidma tiegħi biss. Tafu tajjeb x'irnexxielha tagħmel u fejn irnexxielha tasal l-Għaqda tan-Nar tagħna !!

## 1. Għeluq l-10 snin mill-kisba ta' l-unur Etoiles d'Or du Jumelage:

Is-soltu fl-ewwel parti ta' din il-kitba tiegħi, inwassal tifkira ta' dak li jkun sar fil-festa li tkun għaddiet. Din is-sena però ser nagħmel eċċezzjoni minħabba t-tifkira speċjali li taħbat din is-sena. Eżattament għaxar snin ilu s-Soċjetà tagħna ġabet ġewwa raħalna unur uniku u imprezzabbli. Għaxar snin ilu, ħidma fuq medda ta' sentejn kollha kemm hi mwettqa u sostenuta mis-Soċjetà u Banda tagħna, giet ippremjata mill-Unjoni Ewropea u mżewwqa b'unur uniku għall-gżejjer tagħna. Stilla tad-deheb għall-Ġemellaġġi – Etoile d'Or du Jumelage. Huwa għalhekk li ħassejt li għandi niddedika l-ewwel parti ta' din il-kitba b'daqsxejn storja kif wasalna sabiex f'Novembru 1998 ġibna dan l-unur ġewwa pajjiżna.



Les Etoiles d'Or du Jumelage flimkien maċ-ċertifikat mogħti lis-Soċjetà tagħna. Unur uniku u ferm prestiġġjuż mogħti mill-UE.

L-istorja tmur lura għall-1995 meta jien kont sifirt l-Italja mal-Banda Konti Ruġġieru tar-Rabat. Konna morna Polverigi fil-Provinċja ta' Ancona. Kienet esperjenza sabiħa li urietni kemm il-mużika hi lingwa universali li tgħaqqad. L-esperjanza tant kienet interessatni li kont ħsibt nipprova nagħmel xi ħaġa simili għall-Banda tagħna. Kien ilna bix-xewqa li xi darba nsiefru lill-Banda tagħna barra minn xtutna. Wara dik l-esperjenza però ħsibt li stajna mmorru iktar 'il bogħod. Apparti li nsiefru stajna wkoll noħolqu kuntatt ta' ħbiberija; skambju jew ġemellaġġ ma' Baned Barranin. F'Settembru ta' l-1995 bdejt l-ewwel kuntatti ma' l-Italja. Kont bgħatt informazzjoni fuq il-Banda, is-Soċjetà u l-Festa tagħna, flimkien ma' stedina lil numru ta' Baned Taljani. Sax-xahar t'Ottubru kont diġa bdejt nirċievi lura ittri ta' interess. Waħda mill-Baned li kitbu lura kienet il-Banda minn Santa Vittoria in Matenano fil-provinċja ta' Ascoli Piceno, il-Banda li flimkien magħha kellna nagħmlu din l-esperjenza eċċezzjonali, li wasslet għal dan l-unur. Sa Diċembru ta' l-1995 il-kuntatti ma' din il-Banda kienu sodi biżżejjed illi stajna nibdew naħdmu fuq ġemellaġġ bejnietna. Hekk kif qalbet is-sena 1996, niftakar tlajna l-Italja delegazzjoni mill-kumitat (Carmel Zahra u Alex Ghigo) u jien. Morna Santa Vittoria sabiex niffinalizzaw il-ħsieb. Iltqajna u ftehimna mal-Banda ta' Santa Vittoria rigward skambju u ġemellaġġ bejnietna. Iddeċidejna li nistiednu 'l xulxin għal żjarat reċiproki. Il-Banda tagħna ġiet mistiedna żżur l-Italja f'Lulju 1996, filwaqt illi l-Banda Taljana ġiet mistiedna żżur Malta fl-1997. Wara li nżilna lura Malta, naturalment kulħadd medd għonqu għax-xogħol sabiex niktbu l-ewwel parti storika ta' dan il-ġemellaġġ. Jiena, bħala persuna li ftaħt dawn il-kuntatti, naturalment żammejt f'idejja l-kuntatti bejn Malta u l-Italja, dakinhar permezz tal-fax u t-telefon (ma kellix internet jew email!!). F'April ta' l-1996 fuq parir ta' ħbiebna t-Taljani u flimkien magħhom, konna infurmajna lill-Unjoni Ewropea b'dak li konna qed nagħmlu. Konna bgħatna rapport preliminari ta' l-azzjoni tal-ġemellaġġ li konna qed nippreparaw li nagħmlu, iż-żjara tal-Banda Re Ġorġ V fl-Italja. Iż-żmien malajr gerbeb u wasal Lulju. Bejn it-12

u d-19 ta' dan ix-xahar il-Banda ħalliet Malta u għamlet ġimgħa ġewwa l-Italja, akkumpanjata minn numru sabieħ ta' partitarji. Kienet esperjenza indimentikabbli. Hemmhekk daqqejna, ħadna gost flimkien, għamilna ħbieb ġodda. Is-suċċess ta' din l-ewwel azzjoni tal-ġemellaġġ inħass mill-ewwel !! Kif kienet titlob il-proċedura, f'Settembru 1996 bgħatna rapport dettaljat lill-Unjoni Ewropea dwar dak kollu li kien sar ġewwa l-Italja. Kien imiss issa naħdmu għat-tieni azzjoni tal-ġemellaġġ. Iż-żjara reċiproka tal-Banda ta' Santa Vittoria ġewwa Malta. Ġewwa l-Italja kellna esperjenza indimentikabbli. Għalhekk ridna nirreċiprokaw billi norganizzaw esperjenza indimentikabbli għat-Taljani. Ix-xhur ta' bejn Ottubru 1996 u Awwissu 1997 kienu impenjattivi għalina; ibbukkjar ta' akkomodazzjoni, inviti lill-ogħla awtoritajiet, organizzazzjoni ta' żjarat ta' interess. Insomma kien dmir tagħna li norganizzaw it-tieni azzjoni denja għall-ewwel waħda li kienu organizzaw it-Taljani. F'Marzu ta' l-1997 niftakar ġew Malta delegazzjoni minn Santa Vittoria għal żjara ta' familjarizzazzjoni. Matul din iż-żjara konna ffinalizzajna wkoll ir-rapport preliminari li bgħatna lill-Unjoni Ewropeja sabiex ninfurmawhom rigward it-tieni azzjoni tal-ġemellaġġ. Awwissu malajr wasal, u miegħu l-festa. It-Taljani waslu Malta eżatt ma' ftuħ il-festa, fid-9 t'Awwissu. Għall-bidu ma' kinetx faċli għalihom. Huma mhux daqshekk imdorrijin għas-sħana tal-livell ta' Malta. Fortunatament malajr drawha u din it-tieni parti tal-ġemellaġġ kienet suċċess daqs dik ta' qabilha. Sa Ottubru 1997 ir-rapport dettaljat ta' dak kollu li sar waqt din l-azzjoni tal-ġemellaġġ kien f'idejn l-Unjoni Ewropea. S'hawnhekk kull wieħed u waħda minnha li kellu sehem f'dawn l-avvenimenti konna kuntenti u kburin b'dak li għamilna u bis-suċċess li ksibna. Ftit kien jgħaddilna minn moħħna li xi ħaġa oħra kellha tiġri. Però kif jgħid il-Malti: "Il-kbir kien għadu ġej". Wara ftit aktar minn sena, f'Ottubru 1998 ġejna infurmati li l-azzjonijiet tal-ġemellaġġ li saru bejnietna fis-sentejn ta' qabel kienu jiffurmaw parti minn grupp ta' 10 ġemellaġġi magħżula minn fost aktar minn 4,000 azzjoni ta' ġemellaġġ li kienu saru madwar l-Ewropa bejn is-snin 1996 u 1997. Ġejna infurmati li bħala rikonoxximent l-Unjoni Ewropea kienet ser tonorana permezz ta' 'Stilla tad-Deheb tal-Ġemellaġġi', hekk immsejħa Etoile d'Or du Jumelage'. Konna tlajna Ferrara delegazzjoni ta' tlieta min-nies (Emmanuel Buttigieg, Carmel Zahra u jien). Iltqajna ma' shabna ta' Santa Vittoria u flimkien tlajna Ferrara fejn ġejna ppreżentati bl-unur nhar il-Ġimgħa 13 ta' Novembru 1998.

Dik kienet storja fil-qosor ta' dak kollu li s-Soċjetà u Banda tagħna wettqet fuq medda ta' sentejn li wassal għall-kisba ta' dan l-unur uniku ġewwa l-gżejjer tagħna. Għaddew 10 snin minn dan l-avveniment storiku għal pajjiżna. Minn dak iż-żmien 'il hawn is-Soċjetà tagħna qatt ma waqfet taħdem f'din l-isfera. Kultant kien hemm żminijiet mhux dashekk sbieħ li setgħu fixklu din il-ħidma. Għall-grazza t'Alla u bil-għajnuna ta' Santa Marija kull diffikultà ġiet megħluba u saħansitra komplejna nimtlew b'kuraġġ sabiex inkomplu b'ħidmietna f'dan il-qasam. U meta taħdem bil-għaqal ir-riżultat jasal u s-suċċess mixtieq jintlaħaq. U x-xiehda ta' dan kollu jinsab fil-każin tas-Soċjetà tagħna. Flimkien ma' l-Etoile d'Or wieħed jista' jsib xhieda ta' aktar suċċessi Internazzjonali, suċċessi miksuba din id-darba mill-Għaqda tan-Nar tas-Soċjetà tagħna li f'temp ta' sentejn irnexxielha tagħmel żewġ suċċessi internazzjonali, saħansitra wieħed minnhom ikun fuq skala dinjija. Għal min forsi mhux midħla tagħna u għandu f'idejh din il-pubblikazzjoni għall-ewwel darba, l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba hija rebbieħa assoluta fil-Festival Internazzjonali tan-Nar li sar f'Malta fl-2006, u litteralment kaxkret l-unur ta' Champion Mondjali fil-kampjonat dinji ta' Caput Lucis fl-Italja s-sena li għaddiet !!

## 2. L-aspett internazzjonali tal-Festa 2007

### *Żjara mill-Banda Ingliża St. Stythians Brass Band minn Cornwall*

Wara s-suċċessi li kellna fl-aħħar snin permezz ta' Baned minn ġewwa l-Ingilterra, għall-festa tas-



**Ċena uffiċjali ġewwa Ferrara l-Italja fejn matulha s-Soċjetà tagħna ġiet onorata bl-unur Les Etoiles d'Or du Jumelage. Jidher ukoll il-President tas-Soċjetà**



**Ritratt ta' l-okkażjoni wara r-rebħ ta' l-unur mingħand l-UE.**



Il-Banda St Stythians Brass Band minn Cornwall tesegwixxi programm sinfoniku fuq il-planċier.



Il-Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi jindirizza u jsellem lill-Banda Ingliża li kienet il-mistiedna speċjali għall-Festa tas-sena l-oħra.

sena l-oħra ħsibt biex inġib banda oħra mill-Ingilterra. Il-Banda, flimkien ma' numru ta' *supporters*, waslu Malta nhar it-12 t'Awwissu filgħodu. Matul iż-żjara tagħhom f'Malta din il-Banda kellha diversi impenji mużikali ġewwa l-Imqabba matul il-festa. Bdew nhar it-12 t'Awwissu b'marċ u *display* żgħira segwiti minn laqgħa uffiċjali mas-Sindku u l-Kunsill ta' l-Imqabba. Nhar it-13 u 14 t'Awwissu kellna żewġ programmi strumentali fuq il-planċier fil-pjazza quddiem il-każin, b'dak ta' lejliet il-festa jsir bil-preżenza tal-Prim Ministru Dr. Lawrence Gonzi u martu Kate. Għal darb' oħra mbagħad kellna l-għeluq tal-festa jkun fdat f'idejn il-banda barranija mistiedna. Ta' min jgħid li n-nies issa donnha drat li wara l-purċissjoni jkun hemm banda barranija ddoqq, għax il-preżenza ta' udjenza barranija s-sena l-oħra żdiedet. Fil-jumejn ta' wara l-festa mbagħad il-banda għamlet żewġ servizzi oħra mużikali, wieħed ġewwa Marsaskala u l-ieħor f'Għajnsielem, Għawdex. Apparti l-impenji mużikali l-bandisti u *supporters* ta' St. Stythians daqu dak li għandhom x'joffru l-gżejjer tagħna bi żjarat f'postijiet ta' nteress f'Malta u Għawdex u dawra diveretenti madwar l-ibħra Maltin fost oħrajn. Lil St. Stythians Brass Band u lis-sostenituri tagħhom sellimnielhom għall-aħħar darba ġewwa l-ajruport nhar it-18 t'Awwissu. Għal darba oħra rajna grupp sejjer lura pajjiżu b'dehra ta' sodisfazzjon kbir fuq wiċċ kull wieħed u waħda li ffurmaw il-grupp. Esperjenza oħra li nista' ngħid ħallietli sens ta' sodisfazzjon kbir u kompliet timlini b'kuraġġ sabiex inkompli din il-ħidma tiegħi.

### Mro. Dr. Andy Isca – mistieden speċjali mill-Amerika

Flimkien mal-Banda ta' St. Stythians is-sena li għaddiet kellna wkoll magħna għall-festa surmast mistieden speċjali li ġie apposta minn ġewwa l-Istati Uniti ta' l-Amerika. Ma' Andy Isca ilni f'kuntatt għal dawn l-aħħar snin. Kemm ilna f'kuntatt flimkien Andy Isca għoġbu jibgħat kemm-il darba mużika sabiex tindaqq mill-Banda tagħna. Saħansitra kien kiteb ukoll marċ apposta għalina li ndaqq fil-kunċert annwali ta' żmien l-Għid, jidhirli fl-2005. Apparti hekk kien ilu jgħidli li xi darba għad irid iżur Malta. Is-sena l-oħra kien talabni nissuġġerilu l-aħjar żmien li fih setà jżur Malta. U meta l-aħjar żmien iżżur Malta jekk mhux fil-jiem ta' xi festa tradizzjonali Maltija? Kont tkellimt rigward din ix-xewqa ta' Andy Isca mas-surmast u mal-kumitat u mill-ewwel qbilna flimkien li stajna nistednuh jiġi fil-jiem tal-festa ta' Santa Marija, u stajna wkoll nistednuh jidderieġi l-Banda tagħna. Naturalment Andy aċċetta mill-ewwel meta għedtlu bl-idea. Andy żar Malta bejn is-7 u 16 t'Awwissu 2008. Idderieġa l-Banda tagħna fi tlitt okkażjonijiet, tnejn waqt kunċert u l-aħħar darba waqt il-programm annwali tal-festa fl-10 t'Awwissu, fejn idderieġa żewġ siltiet. Apparti li dewwaqna ftit mill-professjonalità tiegħu fil-qasam mużikali, Andy Isca ġie wkoll apprezzat ħafna mill-udjenza anke minħabba l-ħila oriġinali tiegħu ta' kif jidderieġi. Kemm dam hawn Malta irregala iżjed mużika lill-Banda tagħna, kif ukoll għoġbu jirregala xi kotba lill-Kunsill sabiex jinżammu fil-librerija pubblika fl-Imqabba.

### Artiklu f'magazine influwenti Amerikan dwar Malta !!

L-esperjenza f'Malta tant ħalliet impatt li Andy Isca ddeċieda li jikteb artiklu ta' żewġ faċċati fuq il-magazine 'ADVANCE', perjodiku ppubblikat mill-American Association of Concert Bands, u li jitqassam bejn iktar minn 3,000 Banda li hemm ġewwa l-Amerika. L-artiklu, Andy Isca semmieh 'Bands, Bands Everywhere'. Fost oħrajn, Andy isemmi kif qabel ma kellu l-ewwel kuntatt miegħi qatt ma assoċja l-gżira żgħira ta' Malta mal-baned. Jgħid ukoll illi l-Banda f'postijiet bħall-Imqabba tagħmel parti minn każin li mhux biss jaħdem fil-qasam tal-mużika, iżda għandu wkoll il-kamra tan-nar marbuta miegħu. Jispjega kif kulħadd jaħdem għal għan wieħed, dik tal-festa tal-Qaddis Patrun jew Patruna tal-każin jew raħal. Qabel jgħaddi biex isemmi xi ftit tagħrif dwar Malta u l-ammont ta' baned li wieħed isib fiha, Andy Isca jagħti idea żgħira dwar il-bini majestuż ta' ħafna każini tal-baned f'Malta.

Aktar tard imbagħad jagħti idea ta' x'isir waqt il-festa Maltija: Baned, Nar, Armar, Marċi, Purċissjonijiet, Ċelebrazzjonijiet Reliġjużi, eċċ. Isemmi wkoll xi ħaġa dwar ir-rivalità u l-pika li hi marbuta mal-festa Maltija, u kif spjegajtlu jien, jgħid li ħafna minnha (fil-maġġoranza żgur!!) nippruvaw nużaw il-pika u r-rivalità ta' bejnietna biex dejjem inkabbru aktar din it-tradizzjoni Maltija, qatt biex tkun mezz ta' ġlied u ħsara bejnietna!! Fl-aħħar ta' l-artiklu tiegħu Dr. Isca jirrelata ftit is-sistema edukattiva fil-qasam mużikali bejn Malta u l-Amerika. Andy juri x-xewqa li fis-sistema edukattiva ta' Malta għandna nieħdu iżjed bis-serjetà l-qasam mużikali tagħna, aktar u aktar meta għandna dawn l-affarijiet u tradizzjonijiet qawwija hawn Malta. Fl-aħħar Andy Isca jiġbor fi frażi waħda l-impatt li ħalliet fuqu ż-żjara ġewwa Malta billi jgħid: "YOU HAVE TO SEE IT TO BELEIVE IT!"

### 3. U wara l-festa 2007?

Naturalment hekk kif għaddiet il-festa 2007 komplejt naħdem f'dan il-qasam b'riżq is-Soċjetà tagħna. Matul is-sena ħdimt sabiex issa norganizza ż-żjara ta' banda oħra barranija li ġejja Malta u tipparteċipa fil-festa tagħna. Din is-sena f'għeluq l-10 snin ta' L'Etoile d'Or ser ikollna Banda li magħha għamilna ftehim ta' skambju mużiko-kulturali. Wara li l-Banda tagħna żaret l-Italja s-sena l-oħra sabiex tieħu sehem fil-Festa del Socio ġewwa Cave, fil-provinċja ta' Ruma, issa din is-sena magħna ser ikollna l-Banda li torganizza din il-festa, l-Associazione Bandistica Citta' di Cave. Din il-Banda ser iżżur Malta matul il-perjodu mid-9 sas-17 t'Awwissu. Matul iż-żjara l-Banda ser iddoqq f'marċi nhar it-12, 14 u 15 t'Awwissu, filwaqt li ser tagħti programmi mużikali nhar l-10 u 14 t'Awwissu. Ninsab ċert li din ser tkun esperjenza oħra indimentikabbli kemm għalina, kif ukoll għall-mistiedna barranin li ser ikollna magħna. Tagħrif fuq din il-Banda, kif ukoll fuq il-belt minn fejn ġejja jista' wieħed jaqrah f'kitbiet separati li jidhru f'dan il-ktejjeb.

Iżda matul din is-sena fil-qasam Internazzjonali mhux dan biss kelli x'nesperjenza. Kelli sorpriża sabiħa li qatt ma bsart ser tiġri. Xi ħaġa li kompliet tixhed li x-xogħol tagħna bħala Soċjetà qiegħed jiġi apprezzat u li l-għan tagħna f'dan l-orizzont qiegħed jintlaħaq!!

### Malta Tourism Authority STAR Award 2007 !!

Kien lejn l-aħħar nofs ta' Jannar li għadda meta rċevejt *sms* fuq il-*mobile* tiegħi mingħand il-*barman* tal-każin. L-*sms* kien jgħidli li ċemplu mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu jistaqsu għalija għax xtaquni nċemplilhom ħalli jkellmuni. Meta ċempilt qaluli li kont ġejt nominat għal STAR Award, 2007. Meta staqsejt kif stajt wasalt għal dan qaluli li żgur in-nominazzjoni kienet ġejja minn turisti li setgħu kellhom xi kuntatt miegħi hawn Malta. Issa jien il-ħajja professjonali tiegħi m'għandha x'taqsam xejn mat-turiżmu. Minn riklami u billboards li kont rajt qabel fuq dan l-unur jien kelli idea illi dan huwa Award riżervat għal dawk kollha li xogħolhom huwa fil-qasam tat-turiżmu. Allura min seta kien li nnominani? Wara li ħsibt ftit u għamilt kif jgħidu l-Ingliżi 'One plus One', malajr ħsibt min seta kien li nnominani. U dan malajr ikkonfermajtu wara *emails* li bgħatt lill-ħbiebna barra minn Malta li żaruna fil-festa. Dan kollu kien xogħol ħafna minn dawk li żaru Malta f'dawn l-aħħar snin bi skop ewlieni li jipparteċipaw u jesperjenzaw il-festa tagħna. Imma x'inhu dan l-Award?

L-isem STAR Award ifisser 'Special Thanks And Recognition Award'. Din hi inizjattiva importanti li permezz tagħha, kull sena, l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu tagħti rikonoxximent pubbliku lil dawk kollha li direttament jew indirettament jaħdmu fl-industrija tat-Turiżmu. Din is-sena ċ-ċerimonja ta' l-għoti ta' l-unuri saret nhar l-20 ta' Frar ġewwa l-Lukanda Corinthia San Ġorġ.

F'ittra datata 1 ta' Frar 2008, jien flimkien mal-mara tiegħi Antoinette konna mistednin nattendu għaċ-ċerimonja. Jien ġejt mgħarraf uffiċjalment li kont wieħed minn dawk innominati



Dr. Andy Isca jirċievi tifkira żgħira mingħand il-President tas-Soċjetà, is-Sur Carmel Zahra.



Fir-ritratt jidher Dr Andy Isca flimkien ma' l-Onorevoli Prim Ministru ta' Malta Dr Lawrence Gonzi, is-Surmast tal-Banda Ingliża St Stythians Brass Band u s-Sur Alfred Galea, l-Uffiċjal Relazzjonijiet Internazzjonali.



# Bands, Bands Everywhere

– Andy Isca

The people of Malta have an intense passion for two things – fireworks and bands – and not necessarily in that order. Recently I was invited to Malta to conduct an original march I composed for the King George V Band of the Society of Saint Mary located in Mqabba, Malta. The concert was part of the celebration of the feast of Saint Mary. Before my contact with Alfred Galea, international coordinator for the King George V Band, I never associated the small island nation of Malta with bands. But as I quickly discovered Malta is a nation of bands – lots and lots of bands. Every town has a band, probably two, and some even have three. These bands are part of a larger organization called the Band Club. While the musicians are a major part of the Band Club, fireworks makers and supporters may actually make up the majority of the membership. The Band Club owns their own building in which the band rehearses, but the building may also house a banquet hall, social area and a bar. Almost all of these buildings are several stories tall and very elaborate. The bands play several concerts a year, but the major performance is given during the feast of the village's Patron Saint. As Malta does not have a tradition of World Cup contender soccer teams, the enthusiasm usually reserved for such teams is shifted to their bands. Thousands of people will turn out to cheer for their band, and believe me; no soccer team has ever had any more support than the Maltese bands. Huge signs and banners are everywhere proclaiming that their band is bigger and stronger than another band in the same village and visa versa. I was witness to just such an event while visiting the village of Hamrun – it is beyond words, you just have to see it to believe it.

Malta is a small nation of about 405,000 people and roughly 122 square miles. The two main islands are Malta and the neighboring island of Gozo and within this small area resides about 130 bands. Some large, some small but all of them are making music. During feast time it is not unusual to hire extra musicians to fill out the ranks – as street processions are a major part of the proceedings. But never will a musician be hired from a band in the same village; this would be treasonous and may very well cause a fight to break out. While I was visiting the village of Hamrun watching the bands prepare to start a processional through the streets, I learned that that evening's processional would last five hours and end at 1 AM. The bands will never cross paths, as this could result in a street brawl. The next morning at about ten o'clock the bands would parade for another four hours – no union here! There are many Maltese marches and every one of them gets played during the processional. Fortunately in the town of Mqabba, where I was conducting, only one of the two village bands was taking part as the other band celebrates another feast held in June. Formal concerts by the home band and visiting bands (while I was in Mqabba the St. Stythians Brass Band from England were guest performers) are also part of the festivities and a band, especially during a feast, may program an hour's worth of music but the concert could easily go on for over two hours. In between each selection there may be any number of presentations, religious readings, poems and speeches. It is not only music but a total event.

*"Every town has a band, probably two, and some even have three."*

*L-R: Alfred Galea International coordinator for the King George V Band, Derek Johnson-Director of the St. Stythians Brass Band, ACB Past-president Andy Isca, and Lawrence Gonzi-Prime Minister of Malta.*

14 ADVANCE October 2007



## . . . Bands, Bands

Since Malta does not have a system of instrumental music education, as we do in the United States, children who want to learn an instrument take free private lessons from the band director on Saturdays in the Band Club. Or they can attend for music lessons in the State Music School, found in Valletta. And this is done after school hours or on Saturday mornings. When the young musician is deemed ready he or she becomes a part of the adult band. All bands except for the military band on Malta are community bands.

As for the non-musicians in the band club, they may be part of a team of people that make fireworks or the elaborate decorations that festoon the village. The fireworks team from the village of Mqabba had recently won Caput Lucis, the World Fireworks Championship held in Rome and much of the celebration this year was about this prestigious honor. These are amazing fireworks of magnificent proportions, and it is not unusual for fireworks to be exploding while the band is performing. And since bands and fireworks are my two favorite things I was in my glory to say the least. As I said earlier, you have to see it to believe it!

*King George V Band during a processional*

**We all love Sousa. Wouldn't it have been fun to play in Sousa's Band? Of course it would!**

***You can experience that kind of feeling!***

**What about a Caribbean cruise? This invitation is for you!!!**

***Sousa's Cruises***

***A Sousa experience and a Caribbean cruise—one package!***

***Weighs anchor 20 July 2008 from Port Canaveral***

Arrive in Orlando on the 19th or 20th, board on the 20th, rehearse and perform on board. Enjoy a seven day Eastern Caribbean cruise on the luxurious **Mariner of the Seas.**

SOUSA, THE 2008 VERSION

Conceived and developed by Robert Foster and Dr. William Gora

Sousa's Cruises are the brainchild of **Robert Foster** (seen as Sousa, above) and **Dr. William Gora**. Foster and Gora are two of the most eminent musicians and bandleaders in the nation. **Foster**, for 31 years, was director of bands at the Univ. of Kansas, is now Assistant Department Chair, and is also director of the Lawrence City Band. **Dr. Gora** was, for 30 years, Dir. of Bands at Appalachian State University, and in retirement is in great demand as a guest conductor, both in the States and abroad. Dr. Gora and wife, Virginia (Ginny) have retired to the Florida coast where they can see the cruise ships departing regularly. **H-m-m-m! Wonder where the Sousa's Cruises idea came from?????**

**For information contact Global Educational Tours at 1-888-50TOURS (888-508-6877) and ask about "Sousa's Cruises." You may also write: P.O. Box 47606, Indianapolis, Indiana 46247, or find us at: <www.globaledtours.com> Questions?: Contact Dr. Gora at 828-719-7810, Cathy Foreman at 317-787-2787 or Bryan Shelburne at: 317-490-5482.**

15 ADVANCE October 2007

**Ir-rapport li kiteb Dr Andy Isca f'magazine prominenti dwar il-Baned.**




**Il-Medalja mogħtija lis-Sur Alfred Galea, rebbieħ ta' l-iStar Awards 2007.**

għal dan l-unur. Sal-20 ta' Frar jien ħassejtni ferm ferħan u kburi li wasalt s'hawn. Ħassejtni ferm aktar meta waqt iċ-ċerimonja tħabbar li jien kont mhux biss nominat, iżda rebbieħ ta' l-Award, bħala 'Ċittadin' fil-kategorija 'Ġenerali'. Flimkien miegħi ġew ippremjati numru ta' nies oħrajn li jaħdmu f'oqsma differenti ta' din l-industrija; minn *Taxi Drivers*, għal *Waiters*, *Managers* ta' lukandi u ristoranti, sewwieqa ta' karozzini u karozzi tal-Linja, gwidi turistiċi, ħaddiema fi ħwienet, eċċ insomma, oqsma varji fl-industrija. Għas-sena 2007 kien hemm 'il fuq minn 4,000 nominazzjoni għal 700 persuna differenti. Wara diskorsi qosra u preżentazzjoni fuq l-unur ġew imħabbra r-rebbieħa li ġew ippreżentati b'ċertifikat, somma flus, u *lapel-pin* tad-deheb mill-Ministru tat-Turiżmu Or. Francis Zammit Dimech. Kien ta' unur kbir għalija li l-Ministru għalaq id-diskors tiegħu b'riferenza għalija meta qal li l-unur din is-sena għandu sinifikat akbar meta anke ċittadin normali ġie ppremjat. Dan għandu



**Is-Sur Alfred Galea, Uffiċjal Relazzjonijiet Internazzjonali tas-Soċjetà jidher jirċievi l-unur Star Awards 2007.**




**Iċ-Ċertifikat mogħti lis-Sur Alfred Galea, Uffiċjal Relazzjonijiet Internazzjonali u bandist attiv, wara li rebaħ l-iStar Awards 2007 (Special Thanks and Recognition Awards) mill-Awtorità Maltija tat-Turiżmu.**



MALTA

Mr. Alfred Galea
Zurrieq ZRQ 2831

1

1st February 2008

Dear Mr. Galea,

We are pleased to inform you that you have been nominated for the tourism STAR (Special Thanks and Recognition) Awards, 2007.

You and your guest are invited to attend the award ceremony on the 20th February 2008, at 7:30pm. We kindly request you to be seated by 7.15pm. The winner from your category will be announced on the night. As one of the top nominees you will be presented with a cash prize and certificate.

The event will be held at The Fortress Suite, Corinthia San Gorg Hotel, St. Julians. This will be followed by a reception at the same premises. The dress code for the event is smart.

Should you be unable to attend kindly contact the undersigned on telephone numbers 22915272 or email john.magri@visitmalta.com

Our warmest congratulations!

John Magri
Quality Assurance Manager

**L-istedina uffiċjali mingħand l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu fejn infurmat lis-Sur Alfred Galea li kien ġie nnominat għall-premju Star Awards 2007.**



KUNSILL LOKALI MQABBA
29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512
TEL: 2168 0622 /3101 3040 • FAX: 2168 0606
E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt
WEB SITE: www.mqabba.gov.mt

4 ta' Marzu, 2008.
Ref: F:\2008\Alfred Galea\040308 - rikonoxximent lil Alfred Galea.doc

Sur Alfred Galea,

**Rikonoxximent:** Star Award for Tourism Support Malta 2007

Ħadna gost ferm li persuna mqabbija mhux biss tikkwalifika iżda toħroġ bl-unuri kollha u tirċievi dan l-*award* prestiġjuż. Bla dubju dan l-unur jirrifletti ferm fuq il-professjonalita' tiegħek li imexxielek takkwista bil-kapaċita' tiegħek kif gustament rikonoxxut mill-Awtorita' Maltija għat-Turiżmu.

Il-Kunsill Lokali Mqabba f'isem l-Imqabbin kollha jifraħ lilek u lil familja tiegħek kollha li nafu ċerti li sibta warajk f'ħidmietek mhux biss għal ġid ta' l-Imqabbin kollha, iżda b'wiċċna minn quddiem ngħidu għal Maltin kollha.

Prosit u grazzi tal-ħidma tiegħek biex mhux biss nippromwovu it-turiżmu iżda wkoll biex dan jirrifletti fil-mutur ta' l-ekonomija ta' pajjiżna li nafu li hija dipendenti ferm fuq dan is-settur.

Nawgurawlek aktar success f'dan il-qasam.

Insellu Għalik,

Nicholas Briffa
Sindku

Anthony Bonello
Segretarju Eżekuttiv

**Ittra mingħand il-Kunsill Lokali ta' l-Imqabba fejn turi r-rikonoxximent lejn is-Sur Alfred Galea wara r-rebħ ta' l-unur Star Awards 2007.**

jkun ta' eżempju għal kulħadd għax l-industrija tat-Turiżmu tiddependi fuq kulħadd!! Kien ta' unur għalija wkoll niġi intervistat minn ġurnalista li xtaqet speċifikament tiegħu l-opinjoni tiegħi bħala 'Ċittadin Normali' ppremjat.

## 4. Konklużjoni

Semmejt din il-kitba tiegħi 'Inkomplu Nibnu fuq is-Suċċess'. Dan l-unur ingħata lili personali veru, però jien inqisu wkoll bħala suċċess ieħor fil-qasam Internazzjonali għas-Soċjetà tagħna. Meta wieħed jara r-rapport dwar l-Award fuq il-websajt ta' l-MTA, kif ukoll ir-rapporti li deħru fil-gazzetti lokali wara ċ-ċerimonja, jinduna li filwaqt li fejn it-13 il-nominat/a rebbieħ/a l-oħra hemm il-post tax-xogħol tagħhom, wara ismi hemm isem is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ ta' l-Imqabba.

Dan l-unur irbaħtu jien, però żgur ma' stajtx nasal s'hawn li kieku ħafna u ħafna nies ma tawnix palata biex jien stajt inwettaq dak kollu li għamilt matul dawn is-snin. L-ewwel u qabel xejn il-mara tiegħi Antoinette li tiegħu paċenzja kbira bija, tgħini ħafna f'dan ix-xogħol u tkun ta' sapport kbir għalija mill-bidu sa l-aħħar ta' kull inizjattiva li nieħu.

Il-kumitati kollha tas-Soċjetà f'dawn l-aħħar snin kemm ilni nahdem f'dan il-qasam. Il-bandisti li magħhom ħdimt fiż-żewġ skambji li organizzajt għall-Banda, flimkien maż-żewġ surmastrijiet Anthony Camilleri u David Agius.

Is-Sindki u Kunsilli li dejjem sibna għajnuna u koperazzjoni kbira mingħandhom. It-tliet sindki li sa issa kellu raħalna, Emmanuel Buttigieg, Nicholas Briffa u Emmanuel Galea dejjem taw l-għajnuna u offrew il-koperazzjoni hekk kif mixtieqa u mitluba mis-Soċjetà tagħna, kif ukoll ħeġġew kull inizjattiva li aħna ħadna f'dan il-qasam.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, lill-poplu kollu Mqabbi, Malti u Għawdxi kollu. Jien bħala Ċittadin ġejt mogħti apprezzament għal xogħli. Dan l-apprezzament ma setà qatt jasal li kieku ma kienx hemm għajnuna u koperazzjoni kbira minn għadd ta' ċittadini oħra li b'xi mod jew ieħor involvew ruħhom matul dawn is-snin ta' ħidma. Grazzi mill-qalb u prosit lil kulħadd talli kontu strumentali biex xogħli jissarraf f'suċċess!!

**Is-Soċjetà tixtieq tifraħ lis-Sur Alfred Galea għar-rebħ ta' l-unur *Star Awards* 2007.**

# Mistednin Internazzjonali għall-Festa 2008



**Tagħrif miġbur mis-Sur Alfred Galea**

*Uffiċjal Relazzjonijiet Internazzjonali*

## Banda Associazione Bandistica Cittadina di Cave, Ruma, Italja.

Għaddiet sena mit-tieni mawra barra minn xtutna tal-Banda Re Ġorġ V ġewwa l-Italja bejn it-3 u 9 ta' Lulju 2007. Din il-mawra kienet saret possibbli wara kuntatti u koperazzjoni bejn is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Taljana Associazione Musicale Bandistica Cittadina di Cave – Roma. Dawn il-kuntatti wasslu sabiex isir ftehim ta' skambju mużiko-kulturali bejn is-Soċjetà Santa Marija ta' l-Imqabba u l-Banda Re Ġorġ V u din l-Assoċjazzjoni Mużikali Taljana. Il-Banda Re Ġorġ V kienet ġiet mistiedna żżur l-Italja u tieħu sehem waqt Festival Internazzjonali tal-Baned li jsir waqt 'La Festa del Socio' organizzat ġewwa Cave (2007), filwaqt li l-Banda Taljana minn Cave ġiet mistiedna żżur Malta u tieħu sehem fil-festa ta' Santa Marija fl-Imqabba din is-sena. Dan l-artiklu jiġbor fih xi ftit tagħrif dwar din il-banda barranija li jmissha żżurna din is-sena għall-festa tagħna.

Il-Banda ta' Cave, li ġġib l-isem propju ta' Associazione Bandistica Cittadina di Cave, twaqqfet fl-1992 minn Grupp ta' mużiċisti mill-Belt. L-għan ewlieni wara t-twaqqif tal-Banda kien illi jinvolvi tfal u żgħażagħ fid-dinja tal-mużika u li joħloq opportunitajiet ta' skambji soċjo-kulturali ma' entitajiet mużikali oħrajn kemm Taljani kif ukoll pajjiżi oħrajn Ewropej. Issa l-Banda ilha taħdem għal dawn l-aħħar sittax-il sena, anke grazzi għan-nies kollha ta' Cave li dejjem segwew, inkoraġġew u sostnew l-attività tal-Banda. Bir-rieda, l-entużjażmu u l-passjoni lejn l-arti mużikali, il-membri ta' din il-Banda dejjem irnexxielhom jegħlbu kull sfida b'kuraġġ.



Il-Banda Associazone Bandista Cittadina di Cave, il-Banda Taljana mistiedna għall-Festa ta' Santa Marija ta' din is-sena.

Dawn is-sittax-il sena raw lil din il-Banda tikber kemm lokalment fl-Italja kif ukoll fl-isfera Internazzjonali. Il-Banda dejjem għamlet unur lill-belt ta' Cave kull fejn daqqet. Ftit ftit il-Banda kibret mużikalment anke grazzi għas-Surmast ħabrieki tagħha Mro. Giuseppe Ambrosini li b'sens ta' dover irnexxielu jidderieġi din il-Banda dejjem 'il quddiem sa mit-twaqqif tagħha. Dan grazzi wkoll għall-membri Bandisti kif ukoll għall-membri tal-Kunsill Amministrattiv li sa mill-bidu nett għarfu kif għandhom jissuperaw b'kuraġġ kull sfida li ġiet quddiemhom sabiex b'hekk irnexxielhom joħolqu realtà tant hekk sabiħa għall-Belt ta' Cave.

Sa mill-bidu nett ta' l-eżistenza tagħha, fl-1994, il-Banda ta' Cave bdiet taħdem fl-isfera Internazzjonali permezz ta' żjara ġewwa l-Awstrija fejn daqqet viċin Salsburg fosthom fil-Palazz ta' l-Imperaturi fi Kremsmunster. Dan wassal ukoll għall-ewwel skambju mal-Banda tal-post Awstrijakk li żaru l-Italja s-sena ta' wara fl-1995. Sentejn wara fl-1996, il-Banda għamlet it-tieni avventura Internazzjonali fl-Ungerija fejn sar ġemellaġġ mal-belt ta' Balaton Maria Furdo. Il-Banda hawnhekk tat kunċerti ġewwa Budapest u bliet u rħula oħrajn fil-viċin ta' Balaton. Ħadet sehem ukoll fl-isfilata tradizzjonali matul il-Festival Tradizzjonali ta' l-Inbid flimkien ma' għadd ta' Baned oħrajn, Gruppi folkloristiċi u *majorettes*. Fl-1997 il-Banda reġgħet ħarġet mill-Italja biex tieħu sehem matul Festival Internazzjonali ieħor, din id-darba ġewwa d-Danimarka. Dawn iż-żjarat kollha kienu opportunitajiet għall-Banda li ħallew memorji

sbieħ kif ukoll servew sabiex dawk kollha li jipparteċipaw skoprew ħbiberiji ġodda u esperjenzaw kulturi ġodda.

Il-Banda ta' Cave wkoll taħdem ħafna fil-qasam lokali Taljan permezz ta' għadd ta' attivitajiet u kunċerti. Tieħu sehem fil-ħafna okkażjonijiet u festi li jsiru ġewwa Cave kif ukoll matul għadd ta' okkazjonijiet oħrajn madwar l-Italja. Fis-sena 2000 il-Banda għamlet ġemellaġġ mal-Banda ta' Civezzano minn ġewwa Trentino. Il-Banda daqqet ukoll ġewwa Villa Borghese f'Ruma, fi pjazza San Pietru ġewwa l-Vatikan, fil-Katidral ta' Orvieto u fl-Awditorium Mużikali ta' l-Aquila fost oħrajn. Il-Banda wkoll regolarment tagħti kunċerti flimkien mal-Kor "Perosi" minn ġewwa Cave stess. Il-Banda dehret ukoll kemm-il darba fuq it-televiżjoni Taljana bl-aħħar dehra tkun fuq Canale 5 f'April 2007 waqt il-programm popolari tal-Ħadd 'Buona Domenica'.

Ir-repertorju ta' din il-Banda huwa wieħed vast ħafna u dejjem immirat sabiex jolqot il-gosti ta' kulħadd. Il-Banda tesegwixxi mużika klassika kif ukoll moderna. Tiffoka wkoll fuq mużika folkloristika Taljana. Fil-fatt il-Banda wkoll għandha element li kapaċi jimprovizza ruħu fi grupp li jdoqqu u jkantaw mużika folkloristika u tradizzjonali Rumana. L-avveniment annwali tal-Banda hija 'La Festa del Socio' li ssir bejn Ġunju u Lulju fejn il-Banda tieħu okkażjoni sabiex testendi l-esperjenza tagħha fil-qasam mużikali, soċjali u kulturali.

## Cave: il-Belt minn fejn ġejja l-Banda.

Il-belt tinsab madwar 40 kilometru 'l bogħod mill-belt kapitali Taljana Ruma. Il-popolazzjoni attwali tlaħħaq madwar 10,000 ruħ. Jekk immorru lura fl-istorja nsibu li l-ewwel dokument li jsemmi l-isem tal-belt imur lura għas-seklu tmienja meta l-Papa Stiefnu II għadda t-territorju ta' Cave u l-monasteri ta' San Stiefnu u Santa Sabina lis-sorjiet ta' San Circeo minn Ruma. Ċertament però, it-territorju ta' Cave kien diġa ilu jeżisti sa minn ħafna snin qabel u x'aktarx kien okkupat mill-Prenestini. Jixhdu dan il-fatt għadd ta' skoperti arkeoloġiċi ta' vilel, toroq u oqbra Rumani li saru fit-territorju maż-żmien. Jingħad ukoll illi f'dawn iż-żminijiet il-mexxejja Prenestini kienu joperaw barrieri sabiex jipproduċu materja prima għall-bini. X'aktarx illi l-isem tal-belt oriġina minħabba din l-attività antika tal-Belt. Dokumenti antiki oħrajn konservati mill-belt imorru lura għas-snin 1296 u 1307. Dawn juru statut jew sett ta' liġijiet li kienu jiġu osservati min-nies tal-Belt. Dawn kienu anke jirregolaw il-produzzjoni u l-bejgħ tal-lewż u qastan għas-suq ta' Ruma. Dan jixhed attività agrikola antika tal-Belt. Fil-fatt illum il-ġurnata għadna nsibu żona ta' Cave fejn għad hemm siġar tal-lewż u qastan.

Fis-seklu 15 imbagħad Cave sofriet waqt battalji għall-poter bejn il-familja Colonna, ħakkiema f'dawk iż-żminijiet u l-Papat. Dan wasal sabiex Cave tkun assedjata u saħansitra mogħtija n-nar mit-truppi Franċiżi. Il-poter wara dik il-battalja għadda f'idejn il-Borgia però mhux għal ħafna żmien minħabba li wara l-mewt ta' Alessandro VI Borgia, il-poter reġa waqa' f'idejn Colonna.


Il-Banda Taljana minn Cave, provinċja ta' Ruma waqt waħda mill-attivitajiet tagħha ġewwa l-istess belt.

Is-16 u 17-il seklu kienu perjodi kemmxejn trankwilli għal Cave li wasslu sabiex l-attività ekonomika ta' Cave tikber. Kienu perjodi wkoll meta nbnew għadd ta' Palazzi, Skejjel u Knejjes ġewwa l-Belt.

Lejn l-aħħar tas-seklu 18 u l-bidu tas-seklu 19 kienet inbniet il-linja ferrovjarja Roma-Fiuggi, li minħabba li kienet tgħaddi minn Cave reġgħet tat spinta oħra 'l quddiem lill-ekonomija ta' Cave. Kien dak iż-żmien ukoll meta minn Cave bdiet l-esportazzjoni tal-qastan u t-tabakk lejn l-Ewropa kollha. Matul it-tieni gwerra mondjali Cave sofriet attakki mill-allejati minħabba li fil-viċin kienu stazzjonaw ruħhom xi suldati Ġermaniżi. Ħsarat tal-gwerra għadhom sal-lum il-ġurnata jidhru mal-faċċati ta' xi bini tal-belt.

Cave ta' llum hi ċertament ħafna differenti minn dik ta' dari. Saret belt kemmxejn moderna anke minħabba għadd ta' bini li tela' fil-periferija tal-belt. L-ekonomija nbidlet kompletament. Il-parti l-kbira tal-ħaddiema ħallew l-għelieqi biex marru jaħdmu f'xogħlijiet oħrajn fil-kapitali Rumana. Anke l-attività artiġjanali llum il-ġurnata naqset ħafna mill-belt ta' Cave. Fuq kollox hekk kif ġara fl-Italja kollha minħabba l-progress li sar fid-dinja tal-lum. Illum ġewwa Cave nsibu għadd ta' skejjel tista' tgħid għal

kull livell ta' studju. Hemm ukoll ċentru sportiv mill-aqwa. Twaqqfu wkoll diversi assoċjazzjonijiet li jimpenjaw għadd ta' żgħażagħ f'attivitajiet kulturali u sportivi. Riċentement anke twaqqaf Museo della Civiltà Contadina li għandu skop ewlieni li jżomm ħaj milli jintilef dak kollu li jixhed il-ħajja antika tal-Belt ta' Cave.

Mużew ieħor f'Cave huwa dak iddedikat lill-artist minn Cave Lorenzo Ferri. Ġewwa l-mużew wieħed jista' jara partijiet mill-ikbar Presepju tad-dinja permezz ta' l-għadd ta' statwi ġiganteski maħduma minn dan l-artist. Il-mużew jinsab anness mal-knisja kolleġġjata ta' Santa Maria Assunta li nsibu f'Cave.

Ġewwa Cave wkoll insibu numru ta' knejjes li nbnew matul is-snin u li jixhdu l-patrimonju reliġjuż u artistiku tal-Belt. Il-knisja ta' San Carlo Borromeo, li fiha nsibu xi pitturi li jmorru lura lejn is-seklu 18 riċentement restawrati. Il-knisja ta' San Stiefnu Pro-martri, li hi l-Parroċċa minn fejn ġejja l-Banda ta' Cave. Knisja oħra tas-seklu 18 huwa s-Santwarju tal-Madonna del Campo li hi l-Patruna ta' Cave. Il-knisja ta' Santa Maria Vecchia li hija parti mill-kolleġġjata tas-seklu 9. Ma' din il-knisja nsibu wkoll oratorju ddedikat lill-Annunzjata u li hu sede tal-fratellanza ta' l-Annunzjata li twaqqfet fl-1614. Fl-aħħar insibu s-Santwarju ta' San Lawrenz, it-tieni Patrun ta' Cave. Din hi x'aktarx l-iktar knisja antika ta' Cave. Dokumenti juru li din il-knisja kienet inbniet fis-seklu 10.



Il-Banda Associazione Bandistica Cittadina di Cave ddoqq siltiet mużikali f'waħda mill-pjazez ewlenin ġewwa Cave.


# Demsey
## *Aluminium*

Manufacturers of Aluminium windows, doors, etc



*Factory*

***Triq il-Wied, Żurrieq***

***Tel: 2168 9862 • Mob: 9949 0381, 9942 2583***

# Programm Festi Esterni

## L-Erbgħa, 30 ta' Lulju: BIDU TAL-KWINDIĊINA

### *JUM IT-TFAL*

**6.00pm** Quddiesa Kantata li fiha jsiru l-preżentazzjoni u t-tberik tat-trabi u tat-tfal lill-Madonna. Iqaddes u jmexxi l-funzjoni l-Wisq Rev. Dun Nazzaren Caruana, Kappillan. Il-Funzjoni tagħlaq billi l-ġenituri jpoġġu l-fjuri u x-xemgħa li jkun ġabu magħhom quddiem l-Istatwa tal-Madonna. Tingħata Santa – tifkira lill-ġenituri tat-tfal li jkunu ħadu sehem fil-funzjoni.

**8.00pm** Mixgħela tal-Knisja u tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V.

**8.00pm** Lejla Maltija fil-pjazza ta' quddiem il-Każin. Jieħu sehem l-aqwa talent Malti.

## MATUL IL-ĠRANET TAL-KWINDIĊINA

**8.00pm** Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja u l-Każin tas-Soċjetà.

## Is-Sibt, 9 ta' Awwissu

### *JUM IL-ĦRUĠ TA' L-ISTATWA*

**7.30pm** Toħroġ l-Istatwa artistika u devota ta' Santa Marija fuq iz-zuntier, fejn tiġi milqugħa mill-Banda Re Ġorġ V bid-daqq ta' innijiet marjani. Tieħu sehem ukoll is-Sopran Imqabbi, is-Sinjorina Francesca Farrugia. Inħeġġu lil kulħadd sabiex wara ninġabru lkoll fil-knisja għall-funzjoni qasira.

**8.30pm** Wara li nassistu għall-wasla tal-mistednin distinti, il-Banda Re Ġorġ V taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tagħti bidu għall-Programm Vokali u Strumentali Annwali. Wara, il-Banda Re Ġorġ V dejjem taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tagħmel l-ewwel marċ tagħha li jibda minn fejn il-Każin.

## Il-Ħadd, 10 ta' Awwissu

### *JUM IL-BANDA*

**11.00am** Isir riċeviment li għalih mistiedna s-soċji, benefatturi u partitarji nisa u rġiel kollha.

**8.30pm** Wara li nassistu għall-wasla tal-mistednin distinti, il-Banda Taljana *Associazione Bandistica Cittadina di Cave minn Ruma*, tagħmel marċ qasir u wara tagħti bidu għall-Programm Vokali u Strumentali fuq il-planċier. Wara jsir riċeviment għall-mistednin distinti.

## It-Tnejn, 11 ta' Awwissu

### *L-EWWEL JUM TAT-TRIDU*

**8.30pm** Il-Banda San Ġużepp ta' Ħal Kirkop, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Brian Cassar, tibda marċ brijuż minn quddiem il-Każin għal madwar diversi toroq fir-raħal li jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin.

## It-Tlieta, 12 ta' Awwissu

### *IT-TIENI JUM TAT-TRIDU*

**8.30pm** Il-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Vella tibda marċ brijuż minn quddiem il-Każin għal madwar it-toroq ewlenin tar-raħal li jerġa' jispiċċa quddiem il-Każin. Fl-istess ħin il-Banda Taljana *Associazione Bandistica Cittadina di Cave* tibda marċ qasir mill-pjazza sa l-Isptar il-Qadim fejn ikollha laqgħa mal-Kunsill Lokali.

# f'ġieħ Santa Marija 2008

## L-Erbgħa, 13 ta' Awwissu

### *IT-TIELET JUM TAT-TRIDU*

**8.30pm** Il-Banda tas-Soċjetà Santa Marija, il-Banda Re Ġorġ V, taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tibda l-marċ tradizzjonali ta' l-aħħar tridu organizzat u mmexxi miż-żgħażagħ. Bħas-soltu, jakkumpanja l-marċ il-briju tas-soċji u partitarji flimkien ma' sorpriżi ġodda.

## Il-Ħamis, 14 ta' Awwissu

### *LEJLET IL-FESTA*

**8.00pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar, taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tibda marċ mat-toroq ta' l-Imqabba.

**8.30pm** Il-Banda Taljana, *Associazione Bandistica Cittadina di Cave,* taħt id-direzzjoni ta' Mro. Giuseppe Ambrosini tesegwixxi Programm Strumentali ġewwa l-pjazza tar-raħal.

**10.30pm** Programm Strumentali mill-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar, dejjem taħt id-direzzjoni tas-Surmast direttur Mro. David Agius.

## Il-Ġimgħa, 15 ta' Awwissu

### *L-GĦID TA' L-ASSUNTA*

**12.00pm** Il-Banda Re Ġorġ V għal darb'oħra mmexxija minn Mro. David Agius, tibda marċ popolari ta' filgħodu minn quddiem il-Każin għal madwar it-toroq prinċipali tar-raħal.

**6.00pm** Il-Banda Taljana *Associazione Bandistica Cittadina di Cave*, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Giuseppe Ambrosini tibda marċ minn ħdejn il-Każin, għal diversi toroq u lura għall-pjazza, tidħol fiz-zuntier tal-Knisja u tilqa' l-ħruġ ta' l-Istatwa artistika u devota ta' Santa Marija b'innijiet Marjani. Wara, il-banda tkompli takkumpanja l-Istatwa tul il-purċissjoni.

**7.15pm** Il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq taħt id-direzzjoni ta' Mro. Alfred Farrugia ssellem l-Istatwa Titulari minn fuq il-planċier bid-daqq ta' l-Ave Maria u innijiet oħra. Tieħu sehem ukoll il-Mezzo Sopran Marie Therese Vassallo. Wara jsir marċ qasir matul it-toroq tar-raħal.

**8.45pm** Malli l-Istatwa tasal quddiem il-Każin, il-Banda Queen Victoria mmexxija minn Mro. Alfred Farrugia tesegwixxi l-Innu l-Kbir lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni ta' Chev. Mro. George Martin, fuq kliem tal-W.R. Patri J.M. Ghigo. Jieħu sehem il-Baritonu Piju Dalli , it-Tenur Andrew Sapiano kif ukoll il-Kor Parrokkjali San Ġużepp tal-Kalkara taħt id-direzzjoni tas-Sur Samuel Bezzina. Wara, l-istess Banda tkompli bil-Programm Strumentali.

**10.30pm** Wara ringrazzjament ġewwa l-Knisja mill-membri u ammiraturi tan-nar, il-Banda Taljana, *Associazione Bandistica Cittadina di Cave*, mmexxija minn Mro. Giuseppe Ambrosini tkompli tallegrana b'siltiet ta' mużika leġġera quddiem il-Każin.

## Il-Ġimgħa, 22 ta' Awwissu

### *L-OTTAVA TAL-FESTA*

**7.30pm** Mixgħela tal-faċċata tal-Knisja kif ukoll tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Nagħlqu l-Festa ta' din is-sena b'serata ta' kant u divertiment quddiem il-Każin.

# Funzjonijiet tal-Knisja

## L-Erbgħa, 30 ta' Lulju

*Bidu tal-Kwindiċina - Jum it-Tfal*

**6.00pm** Issir il-preżentazzjoni u tberik tat-trabi u tfal (sa ħames snin) lill-Madonna. Imexxi l-W. Rev. Kappillan Dun Nazzaren Caruana.

**6.30pm** Quddiesa Solenni għat-tfal tal-parroċċa. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.

## Il-Ħamis, 31 ta' Lulju

*Jum iż-Żgħażagħ*

**6.30 pm** Quddiesa bis-sehem taż-żgħażagħ minn Rev. Fr. Trevor Fairclough. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.

## Is-Sibt, 2 ta' Awwissu

**6.30pm** L-Ewwel quddiesa tas-saċerdot novell Rev. Fr. Jonathan Farrugia.

## It-Tnejn, 4 ta' Awwissu

*Griżma tal-Morda*

**6.30pm** Quddiesa li fiha jiġi amministrat is-Sagrament tal-Morda. Huma mħeġġa sabiex jattendu l-anzjani u l-morda tar-raħal. Imexxi Rev. Patri Carmel Zammit O.P.. Talba tal-Kwindiċina ,Innu u Barka.

## It-Tlieta, 5 ta' Awwissu

*Jum it-Tifkira tas-Soċi u Benefatturi*

**6.30pm** Quddiesa kantata b'suffraġju għall-erwieħ tas-soċi u benefatturi mejtin tas-Soċjetà, immexxija minn Rev. Patri Joe Zahra O.P., Direttur Spiritwali. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.

## Il-Ħamis, 7 ta' Awwissu

*Jum L-Għaqda tan-Nar*

**6.30pm** Quddiesa għall-membri ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija. Talba tal-Kwindiċina, Innu u Barka Sagramentali.

## Is-Sibt, 9 ta' Awwissu

*Ħruġ ta' l-Istatwa*

**6.30pm** Quddiesa kantata, talba tal-Kwindiċina u Barka Sagramentali.

**7.30pm** Isir il-ħruġ solenni ta' l-Istatwa ta' Santa Marija u wara jitkanta l-Innu Ave Maris Stella u l-Antifona.

## Il-Ħadd, 10 ta' Awwissu

*Jum il-Familji*

**6.00pm** Quddiesa bis-sehem tal-familji tal-parroċċa. Talba tal-Kwindiċina u Barka Sagramentali.

## It-Tnejn, 11 ta' Awwissu

*L-Ewwel Jum tat-Tridu*

**6.30pm** Quddiesa solenni mill-W. Rev. Kanonku Joseph Bonello. Wara, talba tal-Kwindiċina, Innu, Salve Reġina, Litanija, Antifona u Barka Sagramentali.

## It-Tlieta, 12 ta' Awwissu

*It-Tieni Jum tat-Tridu*

**6.30pm** Quddiesa solenni mill-W. Rev. Kanonku Joseph Bonello. Wara, kollox bħall-jum ta' qabel.

## L-Erbgħa, 13 ta' Awwissu

*It-Tielet Jum tat-Tridu*

**8.00am** Quddiesa kantata.

**6.30pm** Quddiesa solenni mill-W. Rev. Kanonku Joseph Bonello. Wara, kollox bħall-jum ta' qabel.

## Il-Ħamis, 14 ta' Awwissu

*Lejlet il-Festa*

**8.00am** Quddiesa solenni mill-W. Rev. Kappillan Dun Nazzaren Caruana. Wara jitkanta t-Te Deum u l-Antifona "Beata Mater".

**6.30pm** Tranżulazzjoni solenni tar-relikwa, immexxija minn Rev. Fr. Jonathan Farrugia. Wara, quddiesa kantata, Salve, Litanija u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

## Il-Ġimgħa, 15 ta' Awwissu

*Jum il-Festa*

**7.00am** Quddiesa

**8.00am** Quddiesa

**9.15am** Quddiesa konċelebrata solenni bil-paniġierku mill-W. Rev. Mons. Charles Scicluna.

**10.00am** Quddiesa fil-kappella ta' San Bażilju.

**11.00am** Quddiesa.

**5.00pm** Quddiesa.

**6.00pm** Għasar solenni minn Rev. Fr. Jonathan Farrugia. Salve u Litanija.

**7.15pm** Purċissjoni bl-Istatwa Artistika, Devota u Titulari tal-parroċċa mmexxija mill-istess W. Rev. Ċelebrant.

**10.15pm** Antifona u Ċelebrazzjoni Ewkaristika.

## Il-Ġimgħa, 22 ta' Awwissu

*L-Ottava tal-Festa*

**6.30pm** Quddiesa, Ripożizzjoni tar-Relikwa, Te Deum u Barka.

Il-mużika tat-Tridu, Lejlet u nhar il-Festa tkun taħt id-direzzjoni tas-Surmast W. Rev. Patri Salv Galea O.P.
Sagrament tal-Qrar: Il-Ħamis, 14 ta' Awwissu, Lejlet il-Festa, ikun hawn diversi konfessuri għall-Qrar bejn it-8.30am u l-10.30am, u l-4.30pm u s-6.30pm.



# Il-Planċier tal-Banda Re Ġorġ V

## *Rendikont ta' ħidma 2007/2008*

**mis-Sur Benjamin Camilleri**
*Delegat Planċier*

Hekk kif il-kalendarju jimmarka l-ftuħ ta' l-istaġun tas-sajf, jasal miegħu periodu ieħor ta' festi - kullana ta' ċelebrazzjonijiet reliġjuzi, tiġdid ta' tradizzjonijiet u espożizzjoni ta' artiġjanat madwar il-gżejjer Maltin li jirreplikaw irwieħhom xejn b'inqas ġewwa l-Imqabba.

Għalija, sigħat, ġranet u xhur ta' ħidma biddlu d-delizzju f'impenn u sfida kontra l-ħin biex navvanza fix-xogħol u nwettaq dak li jien emmint fih – li s-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V jkollha wieħed mill-ikbar u l-isbaħ planċieri. Kien għalhekk li, minkejja kollox, erba' snin ilu żidt l-impenn tiegħi f'dan il-proġett u erfajt ir-responsabbiltà li nagħmel diversi alterazzjonijiet. Sal-Festa ta' Santa Marija 2007 kien diġa' sar tibdil fuq il-qafas tal-ħadid, iċ-ċirkonferenza taċ-ċirku ta' quddiem, il-gwarniċa ta' fuq u l-bordura t'isfel, kif ukoll l-addattament ta' partijiet mill-intavlar tal-wiċċ.

Matul is-sena ta' ħidma 2007/2008 bdejt u lestejt repliki ta' sett dekorattiv, fuq disinn u skultura ta' Renie Mizzi (kif jidher fir-ritratt), li twaħħlu mad-dawra tal-planċier. L-irjus tal-pilastri ġew ukoll imħejjija sabiex jgħattu il-fessuri tal-bordura ta' mad-dawra ta' fuq. Waħda mill-akbar sfidi għalija matul din is-sena kienet sabiex infassal u nlesti disinn kompletament ġdid tal-faċċata tal-planċier kif ukoll tal-parti ta' wara. Sa qrib l-aħħar ta' Mejju, il-bażi ta' l-injam tal-faċċata kienet lesta. Mill-banda l-oħra, il-parti ta' wara, li ta' min wieħed isemmi, tinkludi taraġ moħbi minn fejn jistgħu jittellgħu l-istrumenti tal-perkussjoni u l-kor, kienet lesta sa nofs Ġunju. Din il-parti tikkonsisti f'panew li jinfetaħ u jingħalaq, kif ukoll taraġ minsub fuq l-istess qafas tal-ħadid.



Wieħed mill-panewijiet bi skultura dekorattiva ġdida.



Il-faċċata tal-planċier fil-proċess ta' alterazzjoni.

Filwaqt li wħud minn dawk il-partitarji li kienu qed jagħtu l-għajnuna tagħhom fis-snin preċedenti komplew jagħmlu dan, din is-sena kompla jagħti wkoll l-għajnuna tiegħu Ian Camilleri. Il-kumpanija u l-appoġġ ta' partitarji oħra li kienu regolarment preżenti tul il-ġranet ta' ħidma, għalija kienu wkoll ta' sostenn morali biex jitkompla dan il-proġett.

Qabel nagħlaq dan il-messaġġ, nerġa' ntenni li kull min jixtieq aktar tagħrif u dettall dwar ix-xogħol fuq il-planċier, jew sabiex jagħti l-kontribut tiegħu f'dan il-proġett, jista' jagħmel dan billi javviċina lill-uffiċjali fil-kumitat jew lili personalment tul is-sena kollha. Hawn nieħu l-opportunità sabiex nawgura l-Festa t-tajba lilkom ilkoll.

# Qabel ma l-Verġni Marija ġiet mgħollija s-Sema, għexet disa' snin f'Efesu



kitba tas-Sur Joe Chetcuti

Qabel ma l-Verġni Marija mietet u ġiet mgħollija s-Sema bir-Ruħ u bil-Ġisem, Hi kienet tgħix fil-periferija tal-belt ta' Efesu. Fil-fatt, xi disa' kilometri bogħod mill-qalba ta' Efesu. Marija kienet marret tgħix f'din il-belt flimkien ma' San Ġwann l-Evanġelista li għamel diversi snin f'Efesu jxandar l-Evanġelju ta' Ġesù. San Ġwann kien ħa ħsieb li tinbena dar qrib Efesu biex fiha toqgħod il-Madonna. Milli jidher il-Verġni Marija kienet aktar tippreferi li tgħix fid-diżabitat milli qalb ħafna nies.

Il-Papa Pawlu VI kien l-ewwel Papa li mar iżur il-post fejn kienet tgħix il-Madonna. Dan kien fis-sittinijiet. Aktar tard fit-tmeninijiet il-Papa Ġwanni Pawlu II iddikjara li d-dar fejn kienet tgħix il-Madonna hu post ta' pellegrinaġġ għall-insara. Anke l-Musulmani jagħmlu pellegrinaġġi lejn dan il-post għax huma jqisu lill-Verġni Marija bħala l-Omm ta' wieħed mill-profeti tagħhom. Fil-15 ta' Awwissu ta' kull sena ssir festa kbira f'dan il-lokal biex jiċċelebraw it-Tlugħ ta' Marija fis-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem.

Dwar il-mewt u l-assunzjoni tal-Madonna fis-sema, fil-bibbja ma nsibu miktub xejn. It-tagħrif li għandna nistgħu niksbuh biss minn xi rivelazzjonijiet li Hi stess għamlet lil xi erwieħ twajba bħalma kienet il-Venerabbli Anna Katerina Emmerich, soru Agostinjana Ġermaniża li kienet tgħix fl-ewwel kwart tas-seklu dsatax. Din is-soru kellha l-pjagi bħalma kellhom San Franġisk t'Assisi u San Piju ta' Pietrelċina u fl-aħħar snin ta' ħajjitha ma kienet tiekol xejn ħlief l-ostja kkonsagrata fit-tqarbin u tixrob xi ftit ilma kultant.

Nibdew bir-rivelazzjoni li Anna Katerina kellha fit-13 ta' Awwissu 1822: 'Il-Madonna mietet ta' 64 sena nieqsa 23 ġurnata. Dan rajtu miktub waqt il-viżjoni'. U Anna Katerina tkompli : 'Wara li Ġesù tela' s-sema, il-Madonna għexet tliet snin fuq il-muntanja Sijon,



Id-dar fejn kienet tgħix iil-Madonna gewwa Efesu. Illum dan il-post huwa mfittex ħafna mill-pellegrini.




Pellegrini jidhru jimlew ilma mbierek mid-dar fejn kienet tgħix Ommna Marija Santissma.

għexet tliet snin oħra fil-belt ta' Betanja u l-bqija, jiġifieri disa' snin għexithom fil-belt ta' Efesu, fejn San Ġwann l-Evanġelista ħadha biex tgħix.

Milli jidher, San Ġwann ried jeħles lill-Madonna mill-inkwiet tal-persekuzzjoni li faqqgħet kontra s-segwaċi ta' Ġesù. Eżattament ftit wara li xi Lhud qabdu lil Lazzru u l-ħutu, poġġewhom fuq dgħajsa u rħewlhom għal rieħhom jimxu mal-kurrent fil-Mediterran. San Ġwann ħass il-bżonn li jneħħi lill-Verġni Marija minn xi periklu.

Id-dar li San Ġwann bena għall-Madonna ma kienetx fil-qalba ta' Efesu. Kinet ftit kilometri 'l barra miċ-ċentru. Kienet fuq għolja miżgħuda bis-siġar, dar mibnija mill-ġebel u li kellha veduta tal-baħar u xi gżejjer żgħar lil hemm mal-kosta. Bejn id-dar tal-Madonna u l-belt ta' Efesu kien hemm xmara żgħira.

Anna Katerina tgħidilna li Marija kellha seftura li kienet taqdiha u anke torqod magħha f'kamra separata. Fid-dar kien hemm kamra oħra żgħira, li kienet isservi ta' oratorju jew kamra ta' talb. Imdendel ma' wieħed mill-ħitan kien hemm salib ta' l-injam li fuqu kienet imnaqqxa l-figura ta' Ġesù.



Il-kappella fid-dar tal-Madonna fejn jingħad li Marija kienet tqatta' ħafna ħin titlob u timmedita.

Fil-viżjoni Anna Katerina rat imdendla biċċa drapp, ċarruta, li kellha marki ta' demm fuqha, aktarx demm mill-pjagi ta' Binha Ġesù li Hi meshet meta Ġesù ġie mniżżel minn fuq is-salib.

F'dawk id-disa' snin li Marija għexet f'Efesu, Hi għexet ħajja kalma u trankwilla fit-talb u l-meditazzjoni. L-appostlu Ġwanni ma kienx jgħix fl-istess dar tal-Madonna imma kien iżurha spiss. Fl-aħħar ġimgħat ta' ħajjitha, Hi tant kienet debboli li kienet timxi fid-dar bl-għajnuna tas-seftura.

Wiċċha kien sar abjad bħas-silġ u l-fiżiku tagħha sar tabilħaqq bla saħħa. Madankollu Hi baqgħet titqarben sa l-aħħar. San Ġwann kien iġib miegħu l-Ħobż ikkonsagrat li kien ipoġġi f'kaxxa żgħira tal-metall li kien iġorr f'borża mdendla m'għonqu. Anna baqgħet impressjonata b'liema devozzjoni l-Verġni Marija kienet titqarben.

Kemm damet f'Efesu l-Madonna kienet għamlet speċi ta' Via Sagra wara d-dar tagħha bl-istess numru ta' passi bejn kull stazzjon bħal dawk ta' bejn l-istazzjonijiet f'Ġerusalemm.

Kemm damet f'Efesu Marija marret darbtejn Ġerusalemm biex tagħmel il-Via Sagra fuq l-istess passi li mexa Binha Ġesù. Il-Via Sagra li Marija għamlet f'Efesu kellha tnax-il waqfa. Kull stazzjon kien immarkat b'ġebla b'numru fuqha. L-aħħar stazzjon kien ġewwa għar.

Kemm damet tiflaħ timxi, Marija kienet tagħmel il-Via Sagra flimkien mas-seftura. Dawn kienu jgħaddu ħin twil ma' xulxin jitolbu u jimmeditaw il-Passjoni u l-Mewt ta' Ġesù.

Xorti kbira jkollhom dawk li xi darba f'ħajjithom ikollhom l-okkażjoni li jmorru Efesu u jaraw id-dar tal-Madonna u jimmeditaw hemmhekk dwar l-aħħar snin tal-ħajja tal-Madonna.



Il-kappella kif tidher minn barra fid-dar fejn għexet Marija, Omm Ġesù u Ommna lkoll.

# Il-Maġġur Anthony Aquilina

## *Is-Surmast tal-Marċi Maltin*



**ktieb ġdid mis-Sur Victor Galea**

Is-Sur Victor Galea, membru fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V huwa l-awtur ta' ktieb ġdid dwar il-bijografija tal-Maġġur Anthony Aquilina. Is-Sur Victor Galea għaraf ikun oriġinali fix-xogħol tiegħu għaliex għażel li t-tagħrif kollu li rnexxielu jikseb dwar il-Maġġur jippubblikah minsuġ forma ta' rakkont ħiereġ minn fomm qraba, ħbieb u nies oħra li xi darba jew oħra, ħadmu qrib tiegħu. B'dan il-mod, Victor Galea rnexxielu joħroġ b'pubblikazzjoni tassew oriġinali.

Ħajjet il-Maġġur Anthony Aquilina kienet ippermjata fuq il-familja, martu u ibnu l-waħdieni, Geoffrey. Wara l-familja kienet tiġi l-mużika. Jekk wera l-kapaċitajiet tiegħu ta' età żgħira jdoqq il-klarinett, ibbrilla bħala surmast direttur mużikali u kompożitur prolifiku. Bil-marċi tiegħu, il-Maġġur Anthony Aquilina għaraf jifraħ hu u jferraħ lil ħafna.

Anthony Aquilina kien u għadu magħruf mill-għadd kbir ta' ammiraturi tiegħu bħala l-Maġġur. Ingħatalu meta kien fir-Royal Malta Authority. Il-marċi brijużi tiegħu dejjem kienu magħduda bħala ta' livell għoli mill-aqwa baned Maltin u Għawdxin. Saħansitra llum ukoll jinħass it-timbru speċjali tiegħu u jżid jgħinhom jispikkaw. Swielu ħafna t-tagħlim li ħa mir-*Royal Military Academy of Music* ġewwa



Laqgħa ma' l-E.T. President ta' Malta Dr. Edward Fenech Adami.

Kneller Hall, qrib Londra, mnejn kiseb għarfien personali bl-oghla ġieħ. B'dan it-taħriġ flimkien mal-ħila naturali biex jagħraf jislet l-aħjar mill-*brass bands* u l-melodiji seħħlu jagħti xejra speċjali lil kull marċ. Kien xieraq għalhekk li, bħal




Il-qoxra tal-ktieb 'Il-Maġġur Anthony Aquilina. Is-Surmast tal-Marċi Maltin.'



L-awtur tal-ktieb, is-Sur Victor Galea, membru fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V jidher jirregala momentum u ktieb lill-President tas-Soċjetà tagħna, is-Sur Carmel Zahra waqt it-tnedija ta' l-istess ktieb.



July 9th 2008

Dear Victor

Congratulations.

Your biography of my father, Major Anthony Aquilina, is a great success and everyone who has seen it is very impressed. A number of people who were friends of my father have bought the book and then arrived at my door to ask me to sign it for them. Of course they should be coming to you, not me, but I signed it just the same.

A lot of hard work and time went into creating the biography and you deserve a medal for your dedication.

The Major, I am sure, would have been surprised, impressed and flattered that such a good book could have been written about him.

Congratulations again.

My best wishes you and your family.

Geoffrey Aquilina Ross

Geoffrey Aquilina Ross

Ittra mingħand iben il-Maġġur Anthony Aquilina, is-Sur Geoffrey Aquilina Ross fejn qiegħed jifraħ lill-awtur Victor Galea għas-suċċess miksub fit-tnedija tal-ktieb.

marċi li kkompona, l-istorja ta' ħajtu ma tintesa qatt.

Is-Sur Victor Galea nsibuh bħala ammiratur kbir u kollezjonista akkanit tal-marċi tal-Maġġur. Victor seħħlu fost marċi oħra, jikkomponi wieħed, b'arranġament ta' Mro. Alfred Farrugia u ddedikah lir-re tal-melodiji ferrieħa. Għalhekk is-Sur Victor Galea ħaqqu kull tifħir għall-inizjattiva li joħroġ b'din il-pubblikazzjoni. Mhux faċli tinseġ bijografija. Imma l-popolarità tal-Maġġur Anthony Aquilina u n-numru kbir ta' ħbieb li kellu, żgur li għenu lill-awtur fix-xogħol tiegħu.

Din il-pubblikazzjoni, mimlija esperjenzi f'ħajjet il-Maġġur Anthony Aquilina, tkompli tkabbar ġieħu u tibqa' tfakkarna fil-memorji sbieħ li ħalla warajh.

Dan il-ktieb hu rakkont sabiħ ta' bniedem kbir li bil-marċi brijużi tiegħu għana lill-baned ta' dawn il-gżejjer li huma parti importanti mill-wirt tagħna. Jalla dan il-ktieb ikun suċċess totali bħalma huma l-marċi kollha ta' l-istess Maġġur Anthony Aquilina.



Is-Sur Victor Galea, awtur tal-ktieb dwar ħajjet il-Maġġur Anthony Aquilina jagħmel il-messaġġ ta' l-okkażjoni waqt it-tnedija ta' l-istess ktieb.





# Il-pittura ta' l-Inkurunazzjoni tal-Madonna tagħlaq 350 sena



minn Rev. Dun Jonathan Farrugia
*B.A. (Hons.) B.A. Theol. & Hum. Stud. S.Th.B.*

Ftit huma l-knejjes li jistgħu jiftaħru li fihom għad hemm iżejjnu l-artali l-pitturi l-oriġinali li kienu tpoġġew meta nbnew. L-Imqabba mhix eċċezzjoni. Matul is-snin, u mal-bdil li sar fl-istruttura tal-knisja parrokkjali tar-raħal tagħna, pitturi ġodda ħadu post oħrajn aktar antiki. Dan sar fil-każ tal-kwadru titulari u ewlieni ta' l-Assunta, il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju, dak ta' l-Agunija u dak ta' l-Immakulata. B'xorti ħażina mhux magħruf x'seħħ mill-maġġoranza tal-kwadri l-antiki fost dawn – u l-uniku wieħed li nafu fiċ-ċert li għadu jeżisti għax għadu proprjetà tal-parroċċa, dak ta' l-Immakulata, qiegħed fi stat ħażin ħafna. Il-ħames pitturi l-oħra: dak tal-Viżitazzjoni, tal-Pentekoste, ta' San Gejtanu, tal-Konsagrazzjoni ta' San Publiju u ta' l-Inkurunazzjoni għadhom l-istess li mlew il-prospettivi tagħhom meta kienet qed tinbena l-knisja preżenti, jew inkella tpoġġew aktar tard f'artali li kienu għadhom vojta. Dak ta' l-Inkurunazzjoni tal-Madonna huwa l-eqdem fosthom, u l-eqdem kwadru li hemm fil-knisja.



Il-Pittura ta' l-Inkurunazzjoni tal-Madonna li din is-sena għalqet 350 sena.

Li għandu interessanti ħafna dan il-kwadru huwa li fil-fatt huwa aktar qadim mill-knisja nnifisha, li ntemmet mill-bini lejn l-1699. Dan fil-fatt jissemma għall-ewwel darba fil-viżta pastorali ta' l-isqof Meguel Juan Balaguer de Camarassa li saret fl-1658.

## Deskrizzjoni tal-pittura

Il-Madonna, li hija l-protagonista ta' dan il-kwadru, tidher fiċ-ċentru. Narawha għarkubbtejha fuq is-shab, b'idejha fuq sidirha, ħarsitha 'l isfel f'ġest ta' talb lit-Trinità u ta' interċessjoni għall-erwieħ. Ftit 'il fuq minn Marija naraw lill-Missier Etern u lil Ġesù, wieħed f'kull rokna tal-kwadru, bil-qiegħda fuq l-ishab b'kuruna f'idejhom lesti biex ipoġġuhielha fuq rasha.

Fil-parti t'isfel, weqfin b'saqajhom fuq l-art, jidhru San Ġużepp u Santa Katarina ta' Lixandra. Dawn jidhru eżattament taħt il-figuri tal-Missier u ta' Kristu. Taħt il-Madonna, f'nofs il-kwadru, mal-gwarniċ, jidhru tlett erwieħ tal-purgatorju mdawwrin bil-fjammi. Fl-ispazju bejn il-ħames figuri jidher pajsaġġ bis-siġar kemmxejn imdallam.

Apparti dawn il-figuri prinċipali jidhru wkoll ħafna kerubini madwar it-Trinità kif ukoll fis-sħab li jaqsam il-kwadru bejn is-sema u l-art.

Is-simmetrija u r-riġidità huma l-aktar elementi ċari f'dan il-kwadru. Kull figura għandha l-ispazju tagħha, u ebda waħda ma qed tindaħal fl-ispazju ta' l-oħra. Dan l-istil kemmxejn stramb u mhux tas-soltu jista' jkun li kien influwenzat mit-theddida kontinwa tal-flaġell tal-pesta.

Studju interessanti ta' dan il-kwadru jiġi mill-oriġinalità ikonografika li fih. Minkejja li l-artist ma kienx xi wieħed mill-iprem, jidher li fl-eżekuzzjoni tiegħu ma beżax jitbiegħed minn dak li kien tradizzjonali u jpoġġi elementi mhux tas-soltu. Dan jidher l-aktar f'dak li qed iżommu f'idejhom il-qaddisin fil-kwadru.

San Ġużepp jidher qiegħed iżomm ktieb apparti l-ġilju! Ma naf bl-ebda pittura oħra li fiha dan il-qaddis qiegħed iżomm ktieb. Jista' jkun li l-pittur irrappreżentah hekk biex jiġi jixbah il-figura ta' Santa Katarina, li, bħala patruna tal-filosfi, ukoll għandha ktieb f'idha. Inkella jista' jaghti l-każ li l-ktieb tpoġġa f'idejn San Ġużepp b'referenza għall-kobor tiegħu bħala missier putattiv ta' Kristu, il-Kelma magħmulha bniedem.

Lil Santa Katarina narawha bħala tfajla wieqfa bi dritt San Ġużepp, taħt il-Missier Etern, bi ħjiel ta' tbissima fuq xufftejha. F'idha x-xellugija għandha ktieb (għax bħalma għedna hi l-patruna tal-filosfi nsara); fil-leminja qed iżżomm xabla (li tfakkar il-martirju tagħha). Simboli oħra li s-soltu jkunu assoċjati ma' din il-qaddisa, bħalma huma r-rota, il-palma u l-kuruna, huma neqsin. Il-qaddisa tidher liebsa libsa roża u mant kannella – dan l-ilbies m'għandu xejn x'jaqsam ma' l-ilbies irjali li s-soltu jpinġuha bih! Nistgħu ngħidu li liebsa kważi bħal xi filosfu tal-qedem!

Elementi tradizzjonali narawhom fil-figuri tal-Missier u ta' Kristu: il-Missier għandu l-globu f'idejh, waqt li l-Iben qed iżomm il-bandalora tal-Fidi. L-Ispirtu s-Santu ma jidhirx. L-erwieħ tal-purgatorju jidhru artistikament ferm inferjuri mill-bqija tal-persunaġġi. Il-pajsaġġ bejn il-figuri huwa wieħed melankoniku, b'sema mdallam, siġar taċ-ċipress u għoljiet battala.

## L-istorja tal-kwadru

Interessanti ferm hija l-oriġni ta' dan il-kwadru. L-ewwel darba li jissemma huwa fiż-żjara pastorali ta' l-isqof Meguel Juan Balaguer de Camarassa li saret fl-1658. Ġie deskritt bħala icona recens eleganti picturae ("pittura li m'ilhiex li saret, impittra tassew tajjeb")[1]. Għalkemm din mhix ta' xi ġmiel straordinarju, il-preġju tagħha jinsab fl-antikità u fl-eżekuzzjoni simmetrika li għandha. Tirrifletti l-iżvilupp ta' l-arti Maltija fis-seklu sbatax, qabel ma din ġiet dominata totalment mill-barokk.

Oriġinarjament dan il-kwadru kien tqiegħed flok it-titular ta' knisja ddedikata lill-Assunta mibnija sew qabel l-1575. Fl-1607 din il-knisja ta' l-Assunta tgħaqqdet ma' knisja ddedikata lill-Annunzjata li kienet qrib ħafna u b'hekk saret l-ewwel knisja parrokkjali ddedikata lil Santa Marija Assunta f'raħalna[2] – 9 snin wara t-twaqqif tal-parroċċa. Fil-viżta pastorali ta' l-1615, dan l-artal jissemma bħala l-artal ta' l-Assunta, b'hekk probabbli li ma kienx hemm figuri oħra mdaħħla apparti ta' Marija tiegħla s-sema. Madwar għoxrin sena wara nbniet kursija bejn dawn iż-żewġ knejjes u din il-binja damet isservi bħala parroċċa sakemm tlestiet il-knisja li hemm illum, xi żmien qabel l-1699.

Il-kwadru li qed nitkellmu dwaru kien tpoġġa f'postu fiż-żmien ta' tranżizzjoni bejn il-knisja l-qadima u dik preżenti. Għaldaqstant huwa l-eqdem kwadru li jinsab fil-knisja preżentement, u huwa wkoll l-uniku wieħed li għadda mill-knisja l-qadima għall-ġdida u għadu hemm.[3] Ir-raġuni l-għala nbidlet il-pittura tista' tkun minħabba li xi żmien qrib l-1636 kien sar titular ġdid ta' l-Assunta, għalhekk ma kienx għad baqa' skop li fil-knisja jkun hemm artal tal-ġenb bl-istess dedikazzjoni. Biss, min ikkummissjunah jidher li xtaq iżomm ma' l-istess tema, għalhekk ordna kwadru tal-Madonna tiegħla s-sema bit-Trinità lesta bil-kuruna biex jinkurunawha, u ma' dawn daħħal qaddisin oħrajn. Meta tlestiet il-knisja preżenti Dun Arkanġlu Zammit, saċerdot mill-Imqabba, ħallas biex isir l-artal ta' l-irħam li naraw illum.

Oriġinarjament dan l-artal kellu prospettiva bil-kolonni bħalma huma l-maġġoranza ta' l-artali l-oħra. Il-knisja ta' l-Imqabba baqgħet ħielsa mill-isfreġju li sar f'ħafna knejjes fil-bidu tas-seklu għoxrin meta tkissret ħafna arkitettura barokka biex ħadet postha arkitettura aktar għerja u inferjuri. Dan l-artal salva anke mit-tifrik tal-gwerra, iżda spiċċa biex inqered fil-bidu tas-snin ħamsin biex isir jixbaħ lill-prospettiva l-ġdida ta' l-artal ta' l-Immakulata! Hija veru ħasra.

Ta' min insemmu wkoll il-fatt li dan l-artal ħadd ma jirreferi għalih bħala ta' l-Inkurunazzjoni, imma bħala ta' San Ġużepp. Dan l-isem jidher ukoll fuq il-kaxex li fihom jintrefa' l-armar sabiħ ta' dan l-artal li jintuża biss fil-festa titulari ta' l-Assunta. Insibu wkoll l-arma ta' San Ġużepp imnaqqxa fil-lampier tal-fidda li jintrama' quddiemu fil-ġranet tal-festa. Barra minn hekk sew fir-reġistri qodma tal-legati tal-knisja kif ukoll f'pubblikazzjonijiet reċenti, dan l-artal dejjem jirreferu għalih bħala "altare San Giuseppe" jew "l-artal ta' San Ġużepp".

L-artal igawdi wkoll ċerta importanza fil-knisja tagħna. Din

ġejja mit-tradizzjoni li lejliet Santa Marija, it-Traslazzjoni bir-relikwija tal-Madonna titlaq minn fuq dan l-artal, li jżomm dan il-privileġġ uniku. Ġimgħa wara, fl-ottava tas-solennità ta' l-Assunta, meta ssir il-proċessjoni tar-repożizzjoni tar-relikwija, din tintemm billi titpoġġa mill-ġdid fuq dan l-artal. B'hekk nistgħu ngħidu li dan l-artal huwa t-tielet fl-importanza wara l-artal maġġur u l-artal titulari tal-knisja.

## Għeluq

Kwadru antik bi storja interessanti ħafna fuq artal li għandu importanza sostanzjali fil-kuntest Imqabbi... Sfortunatament huwa wkoll l-aktar kwadru li jinsab f'qagħda ħażina. Biex inkunu nistgħu nibqgħu ngawduh għandu bżonn ta' restawr sabiex jerġa' jieħu l-ħajja mill-ġdid u narawh kif kien meta tpoġġa f'postu, almenu 350 sena ilu. Hemm bżonn li jintwera aktar interess fit-teżori li għandha l-parroċċa tagħna, li ftit ftit qegħdin jitnaqqru bl-effetti taż-żmien! Din kienet waħda mir-raġunijiet għalfejn għażilt dan il-kwadru bħala waħda mis-santi ta' tifkira ta' l-ewwel quddiesa tiegħi, biex ikun magħruf aktar u jingħatalu l-apprezzament li jistħoqqlu... u biex forsi jinqala' xi benefattur li jagħmel tajjeb għalih!

[1] KEITH SCIBERRAS, Kwadru qadim ta' l-inkorunazzjoni tal-Madonna fil-Programm tal-Festa ta' Santa Marija - Mqabba 1993, 67.

[2] F'din is-sena ġiet reġistrata l-ewwel difna fil-knisja parrokkjali ta' l-Assunta.

[3] Il-pitturi l-oħra li kienu jeżistu fil-knisja l-qadima u li mbagħad insibuhom mill-ġdid fil-knisja l-ġdida kienu t-titular ta' l-Assunzjoni, ta' l-Agunija, tar-Rużarju, u ta' l-Immakulata. Dawn kollha nbidlu jew intilfu maż-żmien. Il-pitturi ta' Pentekoste u tal-Viżitazzjoni li kien hemm fil-knisja l-qadima nbidlu meta nbniet il-knisja l-ġdida. L-antiki għadhom konservati.




Carabott Jewellers

Dun Ġużepp Zammit Street
Żurrieq - Malta. Tel: 2168 0760

Business Hours:
Monday to Friday: 9.00a.m. - 12.00p.m.
4.00p.m. - 7.00p.m.
Wednesdays & Saturdays : Half Days



VIERGE

Unisex Hair Salon by Sonia

The Salon for a New Look

**St. Innocent Street, Mqabba**
*For Appointment Call:*
Tel: 2168 3175
Mob: 7920 8040

*Opening Hours:*
Mon: Closed
Tue, Thur, Fri & Sat: 9am - 7pm
Wed: 9am - 2pm



*Messaġġ mill-Arċisqof ta' Malta*

l-E.T. Mons. Pawlu Cremona O.P.

# Insaffu l-festi tagħna

Din is-sena hija s-Sena Pawlina. Xieraq li anki l-festi ngħixuhom f'dan il-wirt li tana San Pawl Missierna. Jekk hemm kelma li tixraq lill-festi tagħna, hija: "Ifraħ, Ferħ". U dan il-ferħ, fil-festi tagħna dejjem isir fid-dawl tal-Fidi tagħna. Il-festi tagħna huma msemmijin jew għal xi misteru tad-Divinità, jew tal-ħajja ta' Sidna Ġesù Kristu, jew għal xi qaddisin, l-akbar fosthom Marija, Omm Alla.

Naf li kull min jaħdem għall-festa, jagħmel dan b'sagrifiċċju, u b'sens kbir ta' impenn. Imma mhux bilfors dan l-impenn ikollu togħma kristjana. F'xi wħud tħoss li hemm fidi u talb u devozzjoni vera lejn il-festa. Iżda sfortunatament, hemm xi wħud li ma tagħrafx il-ħidma tagħhom fil-festi minn dak li jagħmlu xi oħrajn biex itellgħu festa għal xi avveniment ieħor, jew għal xi festival mużikali.



L-E.T. Arċisqof ta' Malta, Mons. Pawlu Cremona O.P. jidher jiffirma l-ktieb tal-viżitaturi waqt l-ewwel viżta pastorali tiegħu fl-Imqabba wara inizjattiva min-naħa tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija fil-ftuħ tal-wirja La Semana Santa.

## Appell

Jien qiegħed nappella lin-nies ta' rieda tajba biex jibdew attivament isaffu l-festi tagħna, jagħmluhom hekk li min ikun qiegħed jagħrafhom, jagħraf li huma festi reliġjużi. Din għandha tkun l-unika raġuni li nagħmlu l-festi, u din għandha tkun il-missjoni ta' min jixtieq festi nsara verament. Qiegħed nappella għal dawn in-nies ta' rieda tajba: "Aħdmu fuq sħabkom li għandhom bżonn l-għajnuna, biex jifhmu dawn l-affarijiet. Ibdew proċess li fih tifirħu li tagħmlu l-festa tagħkom verament nisranija, verament ta' ġieħ għas-sejħa nisranija tagħna, tixraq lill-qaddis li nkunu qegħdin niċċelebraw."

Nixtieq inħalli lil San Pawl jgħallimna kif il-ferħ tagħna jista' jkun nisrani. Ħa nisimgħu l-ewwel x'jikteb San Pawl lill-Filippin: "Ifirħu dejjem fil-Mulej: nerġa' ngħidilkom, ifirħu. Il-ħlewwa tagħkom, ħa jkunu jafuha l-bnedmin kollha. Il-Mulej qorob. Mill-bqija, ħuti, f'dan għandkom taħsbu: f'kull ma hu veru, f'kull ma hu xieraq, f'kull ma hu ġust, f'kull ma hu safi, f'kull ma jiġbed l-imħabba, f'kull ma jistħoqqlu l-ġieħ, f'kull ma hu virtù, f'kull ma ħaqqu tifħir: f'dan kollu aħsbu." (4,4).



Il-Ħruġ ta' l-Istatwa artistika u devota ta' Santa Marija. Fl-isfond tidher is-sede tas-Soċjetà, imżejna għall-festa Titulari ta' l-Imqabba.

Ifirħu fil-Mulej: Ma nistgħux nifirħu verament fil-Mulej, jekk f'qalbna għandna xi firdiet, jew jekk nippretendu li l-ferħ tagħna nuruh billi ngħajru lil dawk li m'humiex tal-festa tagħna.

Il-ħlewwa tagħkom ħa jkunu jafu biha l-bnedmin kollha: Aħna nistgħu nħossu f'qalbna li għandna lill-Qaddis. Iżda l-oħrajn, forsi li ma jemmnux, kif se nuruhom il-ħlewwa ta' Ġesù, meta jarawna niġġieldu jew irrabjati għal xulxin?

Aħsbu f'kull ma hu veru: Jekk qegħdin niċċelebraw lil xi Qaddis u mhux biss l-istatwa tal-Qaddis, irridu dejjem iktar nitolbu flimkien u nitgħallmu

flimkien biex insiru nafu x'ħabb il-Qaddis, kif għex, biex niċċelebraw ukoll il-ħajja tiegħu nisranija, inkella nkunu qed nifirdu l-istatwa mill-Qaddis li tirrappreżenta.

Aħsbu f'kull ma hu xieraq, kull ma jistħoqqlu l-ġieħ, f'kull ma ħaqqu t-tifħir: In-nisrani suppost ikollu wkoll imġiba differenti kif iġib ruħu. Nistgħu nsemmu wkoll xi affarijiet li n-nisrani ma jistax jaċċetta bħala parti mill-ħajja tiegħu; il-kliem ħażin, u d-dagħa, jekk mhux ukoll kontra xi qaddis ieħor; l-eċċess ta' l-alkoħol, forsi anki f'dawk li huma żgħar; l-eċċess fiċ-ċelebrazzjoni purament umana, b'mod speċjali f'xi marċijiet fejn anki d-deċenża tkun nieqsa. Dawn ma jaqblux b'ferħ li jsir f'isem xi Qaddis.

## Ħolma u tama

Jiena għidt dan kollu għaliex nixtieq li nnaqqsa dak kollu li jista' jfixkel il-valuri veri tal-festi. Jiena noħlom u nittama li xi darba fil-festi tagħna nersqu lejn dak li jgħid San Pawl: li fil-ferħ tagħna jkun għad fadal biss dak li "jiġbed l-imħabba".

Nibgħat il-Barka tiegħi fuq il-festi li se jiġu ċċelebrati din is-sena: fuq il-komunitajiet tal-Knisja li fi ħdanhom jiġu ċċelebrati, fuq dawk li jaħdmu għalihom u fuq dawk li jattendu għalihom.



Dehra tal-briju matul il-Festa ta' Santa Marija.



Żewġ umbrelluni kollha pittura li ġew imżanżna s-sena l-oħra għal waqt il-briju tal-festa.




# A. Ferriggi

## Hand Tools Supplier

*Available from all leading ironmongeries*

'Fiorella', 65, Triq Ġużè Abela, Żejtun.
Tel: 2167 3719 Mobile: 9947 5154

# 15-il Sena Żgħażagħ

## Fl-Okkażjoni ta' l-Għeluq il-15-il sena mit- twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ



minn Patrick Ghigo
*Birkirkara*

15-il sena bħal ħolma għaddew,
Niftakarahom għadhom jibdew,
Grupp ta' żgħażagħ mis-Soċjetà,
Bdew dis-Sezzjoni b'tant serjeta'.

Kollha kienu joffru l-ħin,
Biex jgħollu l-isem ta' dal-każin,
Laqgħa fil-ġimgħa bdew jorganizzaw,
U għall-Festa ferm jistinkaw.

Malajr inbdew l-attivitajiet,
U spikkaw fiċ-ċelebrazzjonijiet,
Is-sena kollha għaddejjin,
Qatt ma tarahom jaħlu l-ħin.

Laqgħat reliġjużi u wirjiet marjani,
Kompetizzjonijiet u żjarat lill-anzjani,
Anke proġetti internazzjonali,
U sar l-ewwel Skambju Kulturali.

Fis-Soċjetà tagħna dawn huma xempju,
Ta' żgħażagħ ta' vera u ta' eżempju,
Fihom tidher l-ispiritwalita',
Għenu ukoll bil-karita'.

Minnhom issib jagħmlu l-armar,
U oħrajn fosthom jaħdmu n-nar,
Għall-festa kulħadd tarah jirsisti,
Issib ukoll minnhom bandisti.

Fil-briju ż-żgħażagħ dejjem iżidu,
U x'marċ kbir jagħmlu fl-Aħħar Tridu,
Biex il-festa tkun dejjem eċċezzjonali,
Joħolqu sorpriżi oriġinali.

It-talent tagħhom ta' min jammira,
Għamlu l-imrewħa u l-bandalora l-kbira,
Is-sistema tal-kanuni,
U ħolqu wkoll żewġ umbrelluni.

Fis-suċċessi u l-unuri,
Kull żagħżugħ iħossu kburi,
Għax kif jirfes l-għatba tas-Soċjetà,
Jilmaħ unuri bil-kwantita'.

Ġejna l-ewwel fin-nar ġewwa l-port,
Presepju Ħaj onorat bl-ewwel post,
Dan kollu ġej minn demm żagħżugħ,
Kif jista' ma jaqbiżlekx id-dmugħ.

Lill-bandisti ngħid Prosit, kollha kemm huma,
Tan-nar bellħu lil kulħadd f'Ruma,
L'Etoile d'Or għadu uniku u popolari,
U fin-nar sirna *Champions* Mondjali.

Intom iż-żgħażagħ tat-Titular,
Komplu għamlu festi kbar,
Semmejtkom bla ma ftaħart,
U dejjem żommu saqajkom fl-art.

Lilek Marija, li tagħna Int l-Omm,
Fuq dawn iż-żgħażagħ kompli jdejk żomm,
Kif bl-anġli Inti mdawwra b'tant devozzjoni,
Lejk nibqgħu nħarsu, għax Int l-Assunzjoni.

***Ġunju 2008***



# Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija (1993 – 2008) Żgħażagħ Rebbiħin!

mis-Sur Carlo Sciberras
*President tas-Sezzjoni Żgħażagħ*

Reġa' wasal iż-żmien tant mistenni minna lkoll; propju ż-żmien fejn l-Imqabba bid-dritt tkun qiegħda tiċċelebra l-Festa tagħha; il-Festa Titulari ta' Ommna Marija mtellgħa s-sema bir-Ruħ u bil-Ġisem.

Għaddiet sena oħra; sena ta' ħidma kontinwa mid-diversi fergħat fi ħdan is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. 'Sena Memorabbli'; din hija l-frażi li sewwa sew tiddeskrivi s-sena 2007/2008 tas-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija, sena ta' ħidma kbira li tista' titqies bħala rigal denju lis-Soċjetà propju fl-okkażjoni tal-15-il anniversarju mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ fi ħdanha.

Illum il-ġurnata nistgħu ngħidu li wasalna fi żmien fejn is-Sezzjoni



Żgħażagħ Santa Marija ta' l-Imqabba tkun meqjusa bħala waħda mis-Sezzjonijiet taż-Żgħażagħ ewlenin f'pajjiżna.

Dan jista' jiġi kkostitwit ferm tajjeb mil-lat organizzattiv tul is-sena kollha kif ukoll permezz ta' dak kollu li jirrigwarda l-'prodott finali' li bl-għajnuna tal-Madonna ser inkunu qegħdin naħsdu l-frott tiegħu fil-ġranet impenjattivi tal-Festa, bil-qofol jintlaħaq fil-lejl tat-13 ta' Awwissu sewwa sew fil-Marċ ta' l-Aħħar Tridu. Hawnhekk ser tkompli tispikka l-qawwa u l-importanza ta' l-element organizzattiv kif ukoll dak innovattiv waqt dan l-ispettaklu varjat.



Il-Kumitat Sezzjoni Żgħażagħ 2008.

## 2007/2008 Sena Memorabbli

Hekk kif għaddiet il-Festa tas-sena l-oħra, il-Kumitat tas-Sezzjoni Żgħażagħ kompla jiġġedded b'numru sabiħ ta' żgħażagħ li ngħaqdu magħna għall-ewwel darba fil-kumitat. Minn hawn nifirħilhom tal-ħidma li wettqu s'issa filwaqt li nirringrazzja lil dawk il-persuni li kienu jiffurmaw parti mill-kumitat fis-sena 2006/2007 għas-servizz tagħhom. Dlonk fassalna pjan ta' ħidma għal din is-sena bil-prijoritajiet ewlenin ikunu:

- It-Tieni Edizzjoni ta' l- Ewwel Presepju Ħaj organizzat fl-Imqabba.
- Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-15-il anniversarju mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ.

Sabiex pjan ta' ħidma jkun jista' jitqies bħala pjan effettiv, huwa ta' importanza assoluta li wieħed jibni u janalizza sewwa l-istrateġija u l-miżuri li ser juża sabiex il-miri ewlenin tal-pjan jintlaħqu u jintlaħqu bl-aħjar mod possibbli. Hekk għamel il-Kumitat taż-żgħażagħ u tabilħaqq sfruttajna flimkien kull possibilità sabiex l-aspirazzjonijiet tagħna jsehħu f'realtà. Dan huwa wieħed mill-

fatturi ewlenin li jagħtu distinzjoni speċjali lis-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija. Jien personalment nemmen li ż-żgħażagħ tagħna huma tassew privileġġjati li jagħrfu jaħdmu b'dan il-mod tant intelliġenti, effettiv u nadif. Żgur li m'huwiex fl-istil u fl-etika tagħna li tintuża jew titwaddab xi kimika tossika bil-ħsieb li tgħin f'xi ċelebrazzjoni partikolari u eventwalment nonqsu mir-rispett lejn id-drittijiet fundamentali tal-bniedem. Anzi kontrarjament għal dan kollu ż-żgħażagħ tagħna għarfu jaħdmu fuq binarji totalment differenti bl-element innovattiv ikun il-pilastru ewlieni f'ħidmietna. Komplejna nenfasizzaw fuq l-attivitajiet b'konsistenza kif ukoll fis-sehem sħiħ tagħna bħala żgħażagħ fil-komunità in ġenerali, fejn poġġejna fiċ-ċentru ta' l-attenzjoni l- involviment dirett taż-żgħażagħ Imqabbin f'kull attività li ħejjejna b'mod speċifiku sabiex tabilħaqq jintlaħqu l-prijoritajiet ewlenin tal-pjan tagħna. Ittellgħu xejn inqas minn 35 attività/inizjattiva f'inqas minn 12-il xahar!



Uħud mill-membri fi ħdan is-Sezzjoni Żgħażagħ offrew nofs ta' nhar għajnuna fid-Dar tal-Providenza.

## Ħidma Solida u Kredibbli

Attivitajiet bħal Get Togethers, discos u ikliet ma naqsux, fil-fatt komplejna nżidu fejn fost dawn spikkaw l-Omega Friday's Carnival Costume Party fit-2 ta' Frar, il-Lejla ta' Ikel Malti mtellgħa ġewwa l-Każin fit-30 t'April u l-BBQ & Pool Party ġewwa t-Torri tal-Qrendi fit-28 ta' Ġunju. Minn hawn nirrinrazzja lill-partitarju s-Sur Kevin Camilleri kif ukoll lill-Onorevoli Dr. Marlene Pullicino li hija benefattriċi tas-Sezzjoni Żgħażagħ, għall-għajnuna li offrewlna tul dawn l-attivitajiet. Fil-15 ta' Lulju, sewwa sew xahar qabel il-Festa, tellajna b'suċċess flimkien ma' l-Għaqda tan-Nar, BBQ fil-pjazza fejn bl-iktar mod xieraq sar il-*launch* uffiċjali tad-diska "Qalb Żagħżugħa Waħdanija" kantata mill-brava Eleanor Cassar, b'kompożizzjoni tas-Surmast Imqabbi Mro. Anthony Camilleri u lirika ta' Nicholas Baldacchino, Segretarju tas-Sezzjoni Żgħażagħ. F'din l-attività ħriġna wkoll il-ħames edizzjoni tas-CD ta' Marċi Brijużi bil-kant intitolata 'Ċelebrità Vol 5'.



BBQ & Pool Party ġewwa t-Torri tal-Qrendi

Fost l-attivitajiet Reliġjużi u Filantropiċi nsibu fuq quddiem il-Wirja tal-Ġimgħa Mqaddsa li hija Unika għall-gżejjer Maltin bl-isem 'La Semana Santa - Espana' li propju kienet l-istrument ewlieni tal-miġja ta' l-E.T. l-Arċisqof ta' Malta Mons. Pawlu Cremona fl-Imqabba fl-2007 kif ukoll il-miġja ta' l-E.T. Isqof Emeritus tal-Kuwait Mons. Adeodato Micallef din is-sena. Minn hawn nirringrazzja lil kull min għen f'din l- attività b'mod partikluari lis-Sinjuri Michael Chetcuti, Nathalie u Leonard Azzopardi. Din ittellgħet fis-swali prinċipali ġewwa l-każin bejn it-12 u t-23 ta' Marzu.

Żammejna wkoll l-appuntament tagħna ma' l-anzjani Mqabbin, residenti f'San Vinċenz fejn f'Ottubru għamilnielhom żjara fl-okkażjoni tal-Jum Dinji ta' l-Anzjani kif ukoll qattajna nofs ta' nhar mar-residenti bi bżonnijiet speċjali ġewwa d-Dar tal- Providenza nhar it-23 ta' Marzu. Tellgħajna wkoll quddiesa ta' ringrazzjament lil Alla

fl-okkażjoni tal-15-il Anniversarju mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ ġewwa l-Knisja Parrokkjali ta' l-Imqabba nhar it-3 ta' Frar. Fi żmien il-Ġimgħa Mqaddsa erġajna konna parti minn grupp organizzattiv fejn tellajna b'suċċess sensiela ta' Eżerċizzi Spiritwali għaż-żgħażagħ bit-tema 'Għaqda jew għoqda kif ukoll ippartecipajna fl-irfiegħ tal-vara devota tad-Duluri waqt il-purċissjoni u l-ħasil tar-riġlejn f'Ħamis ix-Xirka. Il-Ġimgħa Marjana li reġgħet kisbet attendenzi numerużi tul il-ġimgħa kollha fejn għar-raba' sena konsekuttiva żammejna l-appuntament mal-komunità Mqabbija b'sensiela ta' laqgħat ta' Tagħlim Marjan għal kulħadd. Dawn il-laqgħat saru bejn is- 26 u t-30 ta' Mejju għall-ewwel darba ġewwa l-Kappella ta' San Bażilju. Minn hawn nirringrazzja lill-Kappillan tal-Parroċċa Dun Nazzaren Caruana u lis-Sinjura Mary Cassar ta' l-għajnuna tagħhom.

Is-Sezzjoni Żgħażagħ tat ukoll is-sehem tagħha fil-Festi tal-Madonna tar-Rużarju kif ukoll f'Corpus Cristi f'Ottubru u f'Mejju. Minn hawn nifraħ lill-Prokuratur il-ġdid tal-Fratellanza tas-SSmu. Sagrament iż-żagħżugħ Antoine Farrugia tal-ħidma li qed iwettaq flimkien maż-żgħażagħ tagħna. Fit-2 t'Awwissu tajna s-sehem sħiħ tagħna waqt il-Festa ta' l-Ordinazzjoni Saċerdotali taż-żagħżugħ Imqabbi Rev. Dun Jonathan Farrugia li minn hawn nawgurawlu 'Ad Multos Annos' fil-Ministeru Saċerdotali tiegħu. Minn hawn nieħu l-opportunità wkoll sabiex nuri l-apprezzament tas-Sezzjoni Żgħażagħ lejn is-saċerdot Imqabbi Dun Karm Ghigo għall-ħidma li wettaq tul is-snin fost iż-żgħażagħ Imqabbin. Dun Karm ħalla dan il-Wied ta' Dmugħ nhar it-22 ta' Ġunju. Agħtieh o Mulej il-Mistrieħ ta' dejjem.

Dwar l-attivitajiet sportivi wieħed ta' min isemmi li organizzajna żewġ Football Tournaments ġewwa l-Imqabba *Synthetic Pitch* f'Ottubru u f'Ġunju li kienu ġentilment sponsorjati minn Dr. Louis Galea u s-Sur Julius Farrugia, kif ukoll Playstation Tournament ġewwa l-Każin f'Mejju ġentilment sponsorjat mis-Sur Lolly Briffa.

Jekk inħarsu lejn id-djalogu mal-kommunità kif ukoll lejn it-tisħiħ tar-relazzjonijiet tagħna mad-diversi korpi awtoritarji jispikkaw l-edizzjonijiet tal-pubblikazzjoni popolari t-'Titular' f'Diċembru u f'April; il-laqgħa kordjali ma' l-Arċisqof l-E.T. Mons. Pawlu Cremona bit-tema 'Iż-żgħażagħ x'post għandhom fil-Knisja' f'April, kif ukoll permezz tar-rappreżentanza tagħna fil-Kumitat Eżekuttiv ta' l-Għaqda Każini tal-Banda rappreżentati minni u mill-Kaxxier tas-Soċjetà s-Sur Carmel Briffa. Minbarra li saru dawn l-attivitajiet ta' min isemmi wkoll li din is-sena komplejna fuq is-snin preċedenti u investejna f'ħidma ta' ammont kbir ta' liedna ġdida għal Triq Valletta, Triq il-Parroċċa, Misraħ il-Fidwa u l-madwar kollu. Hawn ta' min nirringrazzja lis-Sinjuri Raymond Vella, Roderick u Emmanuel Pace tal-ħidma siewja tagħhom. Il-lotteriji sabiex jittaffew ftit mill-ispejjeż ma naqsux, bħas-soltu nieħu l-opportunità sabiex nirringrazzja lis-Sinjura Doris Camilleri ta' l-għajnuna siewja tagħha f'kull attività li ntellgħu. Ġie ppreżentat ukoll *logo* uffiċjali ġdid tal-15-il anniversarju, xogħol bl-idejn ta' l-artist Brian Borg mingħajr ebda interessi.

## Żgħażagħ Rebbiħin – Unur ieħor għall-Imqabba

Wara li tajna ħarsa żgħira lejn is-sena ta' ħidma u elenkajt uħud mill-attivitajiet varji li organizzat is-Sezzjoni Żgħażagħ, tajjeb jekk nagħtu ħarsa wkoll lejn waħda mill-prijoritajiet li bħala kumitat poġġejna fuq quddiem nett ta' l-aġenda tagħna għas-sena 2007/2008; It- Tieni Edizzjoni ta' l-Ewwel Presepju Ħaj organizzat fl-Imqabba mtella' ġewwa l-binja ta' l-Isptar il-Qadim bejn it-22 u t-30 ta' Diċembru. F'dawn id-disat ijiem wieħed seta' japprezza ferm it-trasformazzjoni tal-binja ta' l-Isptar il-Qadim f'villaġġ sinonimu maż-żminijiet tat-twelid ta' Ġesù Bambin. Tajjeb insemmi li kien hemm il-parteċipazzjoni ta' 'l fuq minn sebgħin karattru kuljum, kif ukoll ir-reċtar f'sinkronizzazzjoni mar-rakkont tat-twelid. L-ammont ta' viżitaturi kien wieħed impressjonanti. Għal darb'oħra bħala żgħażagħ





Membri fi ħdan is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija waqt il-quddiesa ta' radd il-ħajr lil Alla fl-okkażjoni tal-15-il sena anniversarju mit-twaqqif ta' l-istess sezzjoni.



BBQ quddiem il-Każin nhar il-15 ta' Lulju 2008 fejn ġiet anke ppreżentata d-diska 'Qalb Żagħżugħa Waħdenija' kantata minn Eleonor Cassar.


Milied 2007
Premju
moghti lil
fil-kompetizzjoni



L-E.T. Isqof Emetitus tal-Kuwait, Mons. Adeodato Micallef, jiftaħ il-wirja marbuta mal-Ġimgħa Mqaddsa, La Semana Santa.



L-istatwa artistika tal-Madonna bħala parti minn sett ta' vari tal-Ġimgħa Mqaddsa fuq stil Spanjol.

irnexxielna nispikkaw ferm bl-ideat innovattivi tagħna, fejn din is-sena lħaqna quċċata oħra fl-istorja rikka tagħna u tar-raħal ta' l-Imqabba bil-kisba ta' l-Ewwel Premju fil-Kompetizzjoni Nazzjonali tal-Presepji b'livell straordinarju fil-punteġġi mogħtija minn ġurija esperta f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-oriġinalità, l-aċċessorji, il-konsistenza fil-karattri, l-effetti ta' dwal u mużika u d-dehra ġenerali.

Tajjeb insemmi wkoll il-fatt li tul is-snin li ilha ssir din il-kompetizzjoni, l-ebda għaqda ma rnexxielha tikkwalifika għall-ewwel premju. Dan l-unur kompla jsaħħaħ isem is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija u r-raħal ta' l-Imqabba fejn eventwalment is-Sezzjoni Żgħażagħ tagħna saret l-ewwel u l-unika għaqda ta' żgħażagħ



Il-bandalora artistika li tintuża waqt il-briju tal-marċi.



Parti mill-briju organizzat waqt il-marċi



Iż-żgħażagħ huma parti importanti ħafna fl-organizzazzjoni tal-briju waqt il-Festa.



L-Aħħar Ċena. Xogħol ġdid li żżanżan fil-wirja La Semana Santa ta' din is-sena.



Żewġ umbrelluni kollha pittura li żżanżnu matul il-Festa tas-sena li għaddiet.



Waħda mil-laqgħat matul il-Ġimgħa Marjana 2008, organizzata mis-Sezzjoni Żgħażagħ għar-raba' sena konsekuttiva.




Azzjoni waqt tournament tal-futbol organizzat ġewwa s-synthetic ground ta' l-Imqabba F.C.

fl-Imqabba li hija mogħnija b'Unur Nazzjonali. Minn hawn nirringrazzja lil kull min b' xi mod jew ieħor għen sabiex irnexxielna nagħmlu dan kollu. Impossibbli li nsemmi persuna b'persuna għax ma nispiċċa qatt, però minn hawn nirrigrazzja mill-ikbar wieħed sa l-iżgħar wieħed għax flimkien tajna risposta; u b'qalb kbira dawk l- azzjonijiet ħżiena li inġustament soffrejna ġew mirbuħin kollha permezz ta' l- apprezzament ta' kull min żarna kif ukoll tal-ġurija li rat b'għajnejha x'sar u eventwalment kienet kapaċi tiddikjarana bħala l-aqwa u l-aħjar minn fost l-għaqdiet kollha li kkompetew f'din il-kompetizzjoni tul l-aħħar snin. Nieħu l-opportunità wkoll sabiex f'isem il-Kumitat nirringrazzja lill-Onor. Dr. Franco Debono li għoġbu jisponsorja l-avveniment kollu, Bronk Productions u s-Sur Nicholas Briffa li pprovdewlna l-vestwarju, u s-Sinjuri Philip u Anthony Farrugia li pprovdewlna l-materjali. Nifraħ lis-Sur Alfred Galea li din is-sena rebaħ l-unur Star Awards 2007 kif ukoll lis-Sur Vince Aius li rebaħ il-kampjonat ta' l-i*scooters*. Apprezzament speċjali ieħor imur lejn l-kollegi tiegħi; l-Uffiċjali tal-Kumitat Eżekuttiv li taw l-appoġġ kontinwu tagħhom lis-Sezzjoni Żgħażagħ sa mill-bidu nett.

## B'ħarsitna 'l quddiem lejn aktar suċċessi

Issa li qrobna ferm għall-festa, dalwaqt ser inkunu qed niżvelaw u jekk Alla jrid ser inkunu qed naħsdu l-frotttal-prijoritàl-oħrafuql-aġenda tagħna; 'Iċ-ċelebrazzjonijiet tal-15-il anniversarju mit-twaqqif tas-Sezzjoni Żgħażagħ' fejn il-qofol ser jintlaħaq propju fil-lejl tat-13 t'Awwissu, fil-Marċ grandjuż ta' l-Aħħar Tridu. Huwa importanti li ngħid li s-Sezzjoni Żgħażagħ investiet sena ta' ħidma mingħajr waqfien sabiex tipprepara b'tant reqqa dan l-avveniment uniku ġewwa raħalna. Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd, però l-ħidma u l-kisbiet li saru propju miż-żgħażagħ tagħna tul l-aħħar snin żgur li diffiċli biex wieħed jinsihom. Għalhekk filwaqt li rridu nżommu saqajna dejjem ma' l-art, irridu nkomplu nħarsu 'l quddiem sabiex li ksibna tul is-snin ikompli jisseddaq b'kisbiet oħrajn.

Jalla l-Madonna żżomm idejha fuqna sabiex ilkoll flimkien ikollna ċelebrazzjoni kbira bl-aktar mod dinjituż li tassew ikun jixraq lill-Festa Titulari Mqabbija.

Grazzi mill-qalb lil Kulħadd!

Viva r-Reġina tas-Sema u l-Art Santa Marija, l-Omm u l-Patruna tagħna lkoll!



Il-Purċissjoni devota bl-istatwa tal-Madonna tad-Duluri merfugħa miż-żgħażagħ tal-parroċċa.



Diskussjoni bejn iż-żgħażagħ waqt l-eżerċizzi 2008 bit-tema 'Għaqda jew għoqda'.



'Omega Party'. Wieħed mill-attivitajiet organizzati ġewwa l-Każin tagħna.



*Is-Santwarju tal-Madonna Ta’ Pinu ġewwa Għawdex*

# 125 Sena mis-Sejħa tal-Madonna ta’ Pinu lil Karmela Grima u Franġisk Portelli

kitba tas-Sur Antoine Sciberras



Karmni Grima. 125 sena ilu wieġbet għas-sejħa li għamlitilha l-Madonna.



Franġisku Portelli. Żagħżugħ li huwa wkoll sema’ l-leħen tal-Madonna ġej mill-kappella.

Ftit li xejn nafu dwar l-oriġini tas-Santwarju tal-Madonna Ta’ Pinu għaliex x’aktarx li d-dokumenti dwar dan is-Santwarju ġew mitlufin matul iż-żminijiet. L-ewwel provi bil-miktub ta’ l-eżistenza ta’ dan is-Santwarju jinsabu ġewwa l-arkivji tal-Kurja ta’ Għawdex, meta ssir referenza għal żjara li l-Isqof Domenico Cubelles kien għamel f’din il-kappella. L-unika tagħrif li nsibu f’dan id-dokument hu li l-kappella kienet għadha kif inbniet u li kienet propjetà ta’ familja nobbli magħrufin bħala tal-‘Ġentili’.

Fis-sena 1575 wara żjara lill-kappella mill-appostoliku Mons. Pietru Dusina li kien mibgħut mill-Papa Gregorju XII, sab din il-kappella fi stat ħażin ħafna. Għalhekk Mons. Dusina ordna li l-kappella tkun magħluqa u mwaqqgħa, u d-dmirijiet tagħha jiġu mgħoddija lill-knisja parrokkjali, li llum hija l-Katidral ta’ Għawdex. Madankollu, dejjem skond it-tradizzjoni, meta l-ħaddiem ta l-ewwel daqqa biex jibda jwaqqa’ din il-kappella, hu kiser idu. Din ġiet meħuda bħala sinjal li din il-kappella kellha tkun miżmuma, u fil-fatt, din kienet l-uniku kappella li ġiet salvata mid-digriet ta’ Mons. Dusina li kienet tordna t-twaqqiegħ ta’ kappelli oħra simili fil-gżira.

Fl-1958, is-sidien tal-propjetà tal-kappella nbidlu, u magħhom inbidel isem il-kappella. Sa dan iż-żmien, il-kappella kienet magħrufa bħala ‘tal-Ġentili’. Il-kappella issa bdiet tiġi msejħa ‘Ta’ Pinu’. Dan ġara għaliex Pinu Gauci sar il-prokuratur ta’ din il-kappella u fl-1611 hu offra l-flus minn butu



Il-Papa Ġwanni Pawlu II waqt iż-żjara tiegħu fis-Santwarju tal-Madonna Ta’ Pinu jidher iwaħħal stellarju mal-kwadru tal-Madonna.

għar-restawr tagħha. Nistgħu ngħidu li l-kappella ġiet mibnija mill-ġdid. Hu ħallas ukoll għall-pittura tal-Madonna ta' l-Assunta għall-artal maġġur. Dan l-inkwadru ġie mpitter minn Amadeo Perugino.

Fit-22 ta' Ġunju ta' l-1883, Karmni Grima, xebba ta' ħamsa u erbgħin sena u devota kbira tal-Madonna, semgħet lil xi ħadd isejħilha waqt li kienet sejra lura d-dar mill-għelieqi ta' madwar il-kappella. Hi semgħet vuċi ta' mara tgħidilha: "Ejja, ejja". Hi bdiet tibża' u bdiet tiġri 'l hemm mill-post. Il-vuċi reġgħet sejħitilha, u din id-darba Karmi ndunat li l-vuċi kienet ġejja minn ġol-kappella. Hi daħlet ġol-kappella u qalet it-talb tagħha tas-soltu. Il-vuċi, li kienet ġejja mix-xbieha tal-Verġni Mqaddsa, talbitha biex tgħid tliet darbiet Ave Maria f'ġieħ it-tlett ijiem li l-Ġisem Tagħha dam fil-qabar qabel ma tela' fis-sema.

Karmni għamlet kif talbitha l-vuċi, u baqgħet sejra fi triqitha. Ftit wara, Karmni mardet u kellha tibqa' fis-sodda għal aktar minn sena shiħa. Wara, Karmni qalet is-sigriet tagħha lil ħabib tagħha, Frenċ Portelli, li min-naħa tiegħu qalilha li għal dak iż-żmien hu kien ukoll sema' vuċi ta' mara ġej mill-kappella jgħidlu biex jitlob. Ftit żmien wara din is-sejħa misterjuża, omm Frenċ ġiet imfejqa mirakolożament bl-interċessjoni tal-Madonna Ta' Pinu. Il-kappella mwarrba spiċċat bħala post ta' pellegrinaġġ għal ħafna nies.

L-isqof Pietru Pace ġie mgħarraf b'dawn il-ġrajjiet u wara li kellem lil Karmni u lil Frenċ, hu kkonkluda li l-vuċi kienet ġejja mis-sema. Id-devozzjoni għall-Madonna Ta' Pinu kibret minnufih u numru kbir ta' pellegrini żaru l-kappella.

B'hekk ittieħdet deċiżjoni li jinbena santwarju xieraq li jkun jista' jilqa' l-folol, u l-bini ta' knisja fi stil Ruman beda fl-1920. Fl-1932, il-knisja l-ġdida ġiet imbierka u miftuħa għall-pubbliku, u fl-1935, il-Papa Piju XI iddikjaraha bħala Bażilika Minuri. F'dik l-istess sena, ix-xbieha mirakuluża tal-Madonna ġiet inkurunata mill-Kardinal Alessio Lepicier, b'digriet iffirmat mis-segretarju ta' l-istat tal-Vatikan, il-Kardinal Ewġenju Pacelli, li wara laħaq il-Papa Piju XII.

F'Mejju 1990, il-papa Ġwanni Pawlu II żar s-santwarju Ta' Pinu, u wara li talab fil-kappella, hu qaddes quddiesa fuq z-zuntier u żejjen ix-xbieha tal-Madonna b'ħames stilel tad-deheb, bħala prova ta' ,l-imħabba tal-poplu lejn il-Madonna.

Ta' min isemmi wkoll li Karmni Grima kienet meqjusa minn kulħadd bħala mara qaddisa. Karmni twieldet ġewwa l-Għarb, Għawdex nhar it-2 ta' Frar 1838. Missierha Tumas u ommha Antonia xebba Apap kienu familja sempliċi u fqira, ħaddiema fir-raba' bħall-maġġoranza tan-nies f'dawk iż-żminijiet. Illum il-ġurnata d-dar fejn kienet tgħix Karmni Grima ġiet mibdula f'Mużew sabiex ifakkar kemm lil din Karmni kif ukoll is-Sejħa tal-Madonna. Karmni Grima mietet nhar il-25 ta' Frar 1922 meta hi kellha 84 sena.

Għal dawn l-anniversarji tal-125 sena mis-sejħa tal-Madonna Ta' Pinu saru ċelebrazzjonijiet kbar bejn l-4 u t-22 ta' Ġunju 2008 ġewwa l-gżira ta' Għawdex, liema ċelebrazzjonijiet juru d-devozzjoni u l-imħabba kbira li l-poplu Malti u Għawdxi għandu lejn l-Omm tagħna tas-Sema.


Dehra tas-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, qabel magħrufa bħala 'Tal-Ġentlom'.



Il-programm uffiċjali taċ-ċelebrazzjonijiet organizzati din is-sena b'rabta mal-125 sena mis-sejħa tal-Madonna lil Karmni Grima u Franġisku Portelli.


Il-Papa Ġwanni Pawlu II waqt mument ta' talb u riflessjoni quddiem ix-xbieha tal-Madonna Ta' Pinu.

# Rev. Dun Jonathan Farrugia

## *L-Imqabba mogħnija b'saċerdot ġdid*

Dun Jonathan Farrugia, iben Joseph u Josephine xebba wkoll Farrugia twieled nhar id-19 ta' Settembru 1978. Jonathan Farrugia, il-fustani fost żewġ ħutu bniet, Rosienne il-kbira u s-Sopran Frances Catherine, irċieva s-sagrament tal-magħmudija nhar it-22 ta' Ottubru 1978 ġewwa l-Knisja Arċipretali ta' Santa Katarina V.M. taż-Żurrieq. Jonathan irċieva s-sagrament ta' l-Ewwel Tqarbina fit-2 ta Ġunju 1985 ġewwa l-istess knisja. Irċieva s-sagrament tal-Griżma ta' l-Isqof nhar l-14 ta' Ottubru 1988 fil-Knisja parrokkjali ta' Santa Marija Assunta fl-Imqabba.

L-ewwel edukazzjoni li ħa kienet ġewwa l-Kulleġġ De La Salle, il-Birgu fis-sena 1984 fejn baqa' hemmhekk sal-klassijiet tas-sixth form sas-sena 1996. Bejn l-1996 u l-2000, Jonathon kompla bl-istudji tiegħu ġewwa l-Università ta' Malta, fejn iggradwa fil-Baċellerat ta' l-Arti bl-Unuri (B.A. Hons) fit-Taljan. F'Lulju 2000 attenda għal kors ta' speċjalizzazzjoni fit-Taljan fil-Fondazione Giorgio Cini ta' Venezia. Bejn is-snin 2001-2004 kompla bl-istudji ġewwa l-Università ta' Malta, fejn iggradwa fil-Baċellerat fit-Teoloġija u Studju Umani (B.A. Theol. & Hum. Stud.). Ta' min isemmi wkoll li fil-gradwazzjoni kien ikkummisjonat jagħmel id-diskors ta' l-okkażjoni f'isem l-istudenti. Bejn l-2005 u l-2007 Jonathan temm il-kors maġġuri tat-Teoloġija u gradwa b'Summa Cum Laude (*first class degree*) S.Th.B. mill-Università ta' Malta filwaqt li fis-sena 2007 beda l-kors tal-Liċenzjat fit-Teoloġija. Bejn l-2006 u l-2008 kien il-President ta' l-Għaqda Studenti tat-Teoloġija.



L-E.T. Arċisqof Pawlu Cremona jordna lil Fr. Jonathan Farrugia bħala djaknu fil-knisja parrokkjali ta' San Ġużepp, l-Imsida nhar l-4 ta' Novembru 2007.

Il-passatempi ta' Jonathan huma l-mużika, it-teatru u r-riċerka. Beda jitgħallem idoqq fl-1984 fl-Iskola tal-Mużika Johann Strauss. Xi snin wara beda jitgħallem il-klarinett fl-istess skola. Daqq għall-ewwel darba mal-Banda Re Ġorġ V ta' l-Imqabba fis-sena 1997 filwaqt li fl-2004 ingħaqad mal-Cappella Bugeja u daqq ma' din l-orkerstra f'diversi knejjes fil-festi rispettivi tagħhom. L-ewwel darba li daqq ma' din l-orkestra kien fit-Tridu tal-Festa Titulari ta' Santa Marija fl-Imqabba. Festi oħra li daqq fihom jinkludu: Marija Bambina (ix-Xagħra), Is-Salvatur (Ħal Lija), il-Madonna tas-Sacro Cuor (Tas-Sliema), San Duminku (il-Birgu) u San Publju (il-Floriana).

Fejn jidħol it-teatru, Jonathan kien attiv ħafna, l-aktar fil-musicals bħal: Dellijiet (1994), Reġa' Sebaħ (1994), Salad Days (1996), Jisimni Katarina (1997 u 2005), Lo Zingaro Barone (1997), Evita (1998), Les Miserables (1998), Anything Goes (1999) u La Vedova Allegra (1999), kif ukoll bosta drammi u kummiedji fil-MUSEUM u fis-snin tas-Seminarju. Kif isostni Jonathan innifsu, l-isbaħ esperjenzi kienu ma' Lino Grech fid-dramm dwar San Ġorġ Preca "Agħtini



Qabel il-purċissjoni ta' l-1983 tal-Qalb ta' Ġesù fiż-Żurrieq. Rev. Dun Jonathan Farrugia kien joqgħod mal-Bandalora tal-fratellanza.

l-Għajnuna" (1993), miegħu wkoll fid-dramm "Pasturi jiċċaqalqu" (2005), u fil-musicals "Evita" u "Jisimni Katarina".

Jonathan Farrugia kellu l-ewwel esperjenza ta' riċerka meta kien qed jagħmel l-ewwel teżi tiegħu għal-lawrea fit-Taljan. Din kienet "Il romanzo cavalleresco: lo sviluppo, i temi, le techniche narrative". Wara mbagħad sa mill-1999 beda jikteb fil-programmi tal-festi b'mod regolari. L-ewwel artiklu li kiteb kien dwar id-devozzjoni Marjana fl-Art Imqaddsa, u dan ġie ppubblikat fl-annwal tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V ta' l-Imqabba fl-1999. Minn dik is-sena sal-lum baqa' jikteb ta' kull sena f'din il-pubblikazzjoni. Festi oħrajn li minn żmien għal żmien kien kiteb xi artikli fl-annwal tagħhom huma: Il-Madonna tal-Karmnu (iż-Żurrieq), Santa Katarina V.M. (iż-Żurrieq), il-Madonna tal-Ġilju (l-Imqabba), L-Immakulata Kunċizzjoni (ir-Rabat – Għawdex), Santa Marija (il-Gudja), San Ġużepp (Ħal Kirkop), San Nikola (is-Siġġiewi), Sant'Andrija (Ħal Luqa), il-Ġimgħa l-Kbira (Ħaż-Żebbuġ), Marija Bambina (L-Isla). Kiteb ukoll fir-rivisti lokali 'It-Titular' u 'Il-Fjur' u rivisti akkademiċi 'Logos' (Għaqda Studenti tat-Teoloġija) u 'Solidarjetà' (Studenti Demokristjani Maltin).

Wara li Jonathan ħass il-vokazzjoni tas-saċerdozju, daħal is-Seminarju ta' Malta f'Settembru 2001. Matul is-sjuf tas-snin fis-Seminarju serva fil-parroċċi ta' Santa Marija Assunta (l-Imqabba), ta' l-Immakulata Kunċizzjoni (Bormla) u ta' Santa Marija Assunta (H'Attard) fejn baqa' jaqdi dmirijietu wkoll bħala djaknu. Mar ukoll tliet darbiet għal ħames ġimgħat kull darba jagħmel xogħol volontarju mas-sorijiet ta' Madre Tereża f'Palermo (2002, 2004, 2005). Jonathan ġie aċċettat bħala kandidat ghas-saċerdozju nhar l-14 ta' Frar 2006 fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja f'Ħaż-Żabbar u ġie istitwit Lettur mill-Arċisqof Mercieca nhar l-20 ta' Mejju 2006 fil-Knisja parrokkjali ta' Santa Marija Assunta fl-Imqabba. Ġie istitwit



L-orkestra li tagħha Rev Dun Jonathan jifforma parti. L-ewwel darba li daqq ma' din l-orkestra kien propju fit-Tridu tal-Festa ta' Santa Marija ta' l-Imqabba.



Dun Jonathan Farrugia ħdejn l-artal maġġur tal-Knisja Parrokkjali ta' l-Imqabba



Rev. Dun Jonathan flimkien ma' sħabu d-djakni l-oħra ma' l-Arċisqof Ġużeppi Mercieca wara l-quddiesa tal-Lettorat, fil-knisja ta' Santa Marija Assunta, l-Imqabba nhar l-20 ta' Mejju 2006.

Akkolitu mill-Arċisqof Ġużeppi Merċieca fit-30 ta' Novembru 2006 fil-Knisja Arċipretali ta' San Nikola fis-Siġġiewi filwaqt li ġie ordnat Djaknu mill-Arċisqof Pawlu Cremona nhar l-4 ta' Novembru 2007 fil-Knisja parrokkjali ta' San Ġużepp fl-Imsida. F'kummenti li ta Dun Jonathan fir-rivista 'Is-Seminarju' qal: "Jekk ikolli nagħżel kelma, li fiha niġbor dawn is-seba' snin li għaddejt fis-Seminarju, nagħżel il-kelma 'ħolma'. Ħolma, għax taru; ħolma, għax kienu sbieħ; ħolma, għax ma ppjanajtx li nidħol għalihom!... Issa li għaddew, inħossni grat ħafna lejn Alla li għaraf ikellimni fl-episodji ta' ħajti: it-tagħlim, il-volontarjat, l-iżbalji u n-nies li ltqajt magħhom. Dan kollu għeni biex nagħraf aktar Hu x'jixtieq minni, u ħallejtu jqawwini biex inġedded l-'iva' tiegħi kuljum, għall-imħabba lejh u lejn ħuti ta' madwari."



Rev. Dun Jonathan Farrugia flimkien mal-familja tiegħu wara l-ordinazzjoni tad-Djakonat nhar l-4 ta' Novembru 2007.

Dun Jonathan Farrugia ġie ordnat Saċerdot mill-Arċisqof ta' Malta Pawlu Cremona nhar il-Ħamis, 3 ta' Lulju 2008 flimkien ma' ħames djakni oħra, fil-KonKatidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta. Hu qaddes l-ewwel quddiesa tiegħu fil-kappella ta' Santa Katarina fl-Imqabba nhar l-4 ta' Lulju 2008. Dun Jonathan Farrugia ċċelebra l-ewwel quddiesa solenni fil-knisja parrokkjali ta' Santa Marija Assunta fl-Imqabba fit-2 ta' Awwissu 2008.

Fl-aħharnett, f'isem is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V u f'isem l-Imqabbin kollha, nixtieq nawguraw lil Dun Jonathan Farrugia. Jalla l-Mulej Ġesù u l-Madonna jkomplu jħarsu lil dan il-qaddej t'Alla fil-ħidma pastorali tiegħu.

*Ad multos annos.*

***Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V***
***tixtieq itfraħ u tawgura***
***lill-*W. Rev. Dun Jonathan Farrugia.**



*Apprezzament*

# Dun Karm Ghigo

*(1935 - 2008)*

Dun Karm Ghigo twieled nhar l-10 ta' Novembru 1935 ġewwa l-Imqabba. Missieru kien jismu Ġużeppi Ghigo u ommu Ġulja imwielda xebba Mallia. Dun Karm kien ir-raba' wild fost sitt aħwa; Ġużeppi, Karmena (li mietet ta' sentejn), Nikola, Toninu u Ġilardu. Dawn it-tnejn ta' l-aħħar mietu meta kienu għadhom trabi. Wara li rċieva l-ewwel edukazzjoni tiegħu ġewwa l-iskola ta' l-Imqabba, kompla jistudja fis-Seminarju Minuri. Aktar tard kompla l-istudji tiegħu fis-Seminarju Maġġuri fejn ipprepara ruħu sabiex iwettaq is-sejħa li għamillu Alla. Fis-sena li daħal is-Seminarju Maġġuri u kellu jibda jistudja l-filosofija ġara li dan il-kors ma sarx fl-Università ta' Malta, u allura Dun Karm għażel li jmur jgħallem ġewwa l-iskola ta' l-Imqabba sakemm jibda dan il-kors, fejn fil-fatt dam jgħallem sentejn. Dun Karm kien anke jgħallem lil xi tfal wara l-iskola billi kien jagħti privat individwali. Fost dawn it-tfal insibu lil Onorevoli l-Avukat Louis Galea li llum huwa l-i*speaker* tal-Kamra tar-Rappreżentanti fil-Parlament Malti. Sakemm kien qed jistudja għal saċerdot, Dun Karm kien inkarigat mill-biblijoteka tas-Seminarju.



Wieħed mill-aħħar ritratti ta' Dun Karm Ghigo (1935 – 2008).

Wara disgħa u għoxrin sena li l-parroċċa tagħna kienet nieqsa minn xi vokazzjoni saċerdotali, nhar is-Sibt 3 ta' April 1965, fil-Kon Katidral ta' San Ġwann ġewwa l-Belt Valletta, insibu li żewġ Imqabbin ġew ikkonsagrati bħala qassisin minn fost 21 saċerdot, 9 djoċesani u 12-il reliġjuż. Dawn kienu Dun Karm Ghigo u Dun Joe Bugeja. Il-quddiesa solenni tagħhom saret fil-Knisja Parrokkjali ta' l-Imqabba taħt il-Patroċinju ta' Santa Marija nhar il-Ħadd 1 ta' Awwissu 1965 fil-każ ta' Dun Karm Ghigo, u ġimgħa wara, sewwasew nhar il-Ħadd 8 ta' Awwissu 1965 saret il-quddiesa solenni ta' Dun Joe Bugeja. It-tranżulazzjoni ta' dik is-sena fil-festa ta' Santa Marija kienet imbagħad immexxija mill-istess Dun Karm Ghigo.



Dehra tal-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba nhar l-1 ta' Awwissu 1965 fl-ewwel quddiesa solenni ta' Dun Karm Ghigo.

L-Imqabbin kienu ħarġu bi ħġarhom biex jaraw lil dawn il-qassisin u mal-pilastri taz-zuntier tal-knisja nkitbu l-kliem 'Nifirħu bis-Saċerdoti Novelli'. Dun Karm Ghigo għall-ewwel beda jaħdem ġewwa l-Kurja ta' l-Arċisqof u aktar tard kompla l-missjoni tiegħu fil-parroċċa ta' l-Imqabba. Aktar tard Dun Karm beda jaħdem bħala skrivan mal-Bank ta' San Ġużepp kif kien magħruf dak iż-żmien, illum APS Bank. Ir-residenza tiegħu kienet propju fil-pjazza tar-raħal eżattament faċċata tal-knisja parrokkjali. Dun Karm kien qassis eżemplari, dejjem liebes dik is-suttana sewda u bil-kappell. Kien iħobb jieqaf jitkellem ma' kulħadd speċjalment mat-tfal li kien jieħu gost jirrakkuntalhom xi ġrajja tal-passat.

L-hena tiegħu kienet li wara l-quddiesa joqgħod jistaqsi, speċjalment lill-abbatini, fuq x'hiex kien l-Evanġelju u fuq min kien il-qaddis ta' dik il-ġurnata, biex jara jekk kinux ikunu attenti waqt il-quddiesa. Ma kienx jinsa lil dawk l-anzjani li kien imur regolarment fid-djar tagħhom joffrilhom dawk

il-kelmiet ta' faraġ filwaqt li jqarbinhom. Bħala wieħed mill-passatempi ta' Dun Karm insibu li kien iħobb jgħamel il-pasturi tal-ġibs għall-presepji tal-Milied u kien ukoll iħobb ħafna l-futbol. It-tim favorit tiegħu kien dak Taljan u dak ta' Juventus.

Kien ukoll membru f'diversi għaqdiet fir-raħal fosthom dik tax-Xirka ta' l-Isem Imqaddes ta' Ġesù u l-Leġjun ta' Marija.

Kemm dam l-Imqabba, Dun Karm ħadem ħafna għall-ġid tar-raħal. Wieħed mix-xogħolijiet li għamel fil-knisja parrokkjali kienet propju skrizzjoni mad-dawra tal-koppla dwar l-Assunta. Kitba bil-Latin li għadha hemmhekk sal-lum.

Ta' min jgħid ukoll li skrizzjoni oħra kienet dik maċ-ċinta tal-knisja iżda din ġiet imneħħija fi żmien il-kappillan Dun Willie Vella bl-iskop inizjali li l-kitba tinbidel minn dik tal-Latin għall-Malti. Hija veru ħasra li din l-iskrizzjoni sfortunatament ma reġgħetx saret!

Fil-bidu tas-snin tmenin Dun Karm Ghigo flimkien ma' ħutu Ġużeppi u Nikola kienu għaddew biċċa art lis-Soċjeta Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, fejn fuqha nbena maħżen kbir magħruf aktar bħala l-maħżen tan-nar ta' l-art.

Aktar tard inxtrat biċċa art oħra biswit l-istess art fejn fuqha wkoll inbena maħżen ieħor u sala fuq l-istess żewġt imħazen. Għalhekk Dun Karm Ghigo huwa meqjus bħala wieħed mill-benefatturi tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V ta' l-Imqabba.

Matul it-43 sena ta' saċerdozju, Dun Karm serva taħt diversi kappillani fosthom; Dun Ġelard Mangion, Monsinjur Carmelo Bianco, Monsinjur Anton Vella, Dun Willie Vella u Dun Joe Bartolo. Propju fis-sena 2001 Dun Karm Ghigo, li issa saħħtu kienet bdiet tbatti xi ftit, iddeċieda li jinġabar fid-dar tal-kleru ġewwa Birkirkara sabiex ikollu l-mistrieħ neċessarju. Dam hemmhekk għal madwar sitt snin u nofs sakemm il-Mulej għoġbu jsejjaħlu.



Uħud min-nies preżenti għall-ewwel quddiesa solenni ta' Dun Karm Ghigo.



Ritratt taż-żewġ qassisin Imqabbin, Dun Karm Ghigo u Dun Joe Bugeja fis-sede tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V. Jidhru wkoll xi membri tas-Soċjetà u familjari.



Dun Karm Ghigo flimkien maż-żewġ ħutu, Ġużeppi u Nikola.

L-aħħar quddiesa tiegħu ġewwa l-Imqabba kien qaddisha propju fil-festa tal-Madonna tal-Ġilju tas-sena 2006. Il-Kalċi tiegħu flimkien ma' xi oġġetti oħra ħallihom lill-Knisja ta' l-Imqabba. Kien propju nhar il-Ħadd 22 ta' Ġunju 2008, festa li fiha l-isqfijiet tagħna stednuna sabiex infakkru s-Sejħa tal-Madonna "Ta' Pinu" li kienet għamlet propju 125 sena ilu lil Franġisk Portelli u lil Karmena Grima. Mar-raħal



Laqgħa mal-membri tal-kumitat ta' l-iMqabba F.C. wara li kisbu l-promozzjoni għall-ogħla diviżjoni fil-futbol Malti fis-sena 1984.



Dehra oħra ta' l-ewwel quddiesa solenni ta' Dun Karm Ghigo nhar l-1 ta' Awwissu 1965.

kollu għall-ħabta tal-għaxra neqsin għoxrin instemgħet mota ta' swied il-qalb u ta' sogħba, fejn il-knisja kienet qed tħabbar il-mewt ta' Dun Karm Ghigo. Miet ta' 72 sena. Il-funeral sar nhar it-Tnejn 23 ta' Ġunju 2008 ġewwa l-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba fl-4.00pm. Il-corp ta' Dun Karm inżamm fil-kappella ta' San Mikiel fejn kulħadd setà jagħtih l-aħħar tislima. Wara, corteo tmexxa mill-kappella ta' San Mikiel sal-knisja parrokkjali fejn saret quddiesa presente cadavere. Il-quddiesa ġiet ikkonċelebrata minn Dun Anton Gouder flimkien ma' diversi qassisin oħra. Il-Barka ta' l-aħħar ingħatatlu mill-E.T. Arcisqof ta' Malta Mons. Pawlu Cremona nnifsu.

Wara, il-Banda Re Ġorġ V tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V ta' l-Imqabba akkumpanjatu f'corteo mill-knisja saċ-ċimiterju ta' l-Imqabba fejn anke ġie midfun f'qabar tal-qassisin. Jalla l-Mulej li għalih Dun Karm offra ħajtu kollha jagħtih il-glorja tal-Ġenna u l-mistrieħ ta' dejjem.



Il-Banda Re Ġorġ V takkumpanja l-korteo mill-knisja sal-post tad-difna.



Mument waqt il-quddiesa presente cadavere nhar it-Tnejn 23 ta' Ġunju 2008.



Dehra tal-funeral ta' Dun Karm Ghigo.



## *Trofew Chev. George Martin*
## *A. Mus. L.C.M., O.S.T.J.*

# L-attivist tas-Sena

Bħal kull sena, is-Soċjetà tagħna tieħu ħsieb li tippreżenta l-unur ta' l-attivist tas-sena lil dak jew dawk il-persuni li fl-opinjoni tagħha jkunu iddistingwew ruħhom b'xi mod aktar minn oħrajn. Għall-impenn u ħidma matul is-sena. Din kienet inizjattiva oħra tal-familja Martin li bla dubju għandhom għal qalbhom ferm is-Soċjetà tagħna.

L-attivist għal din is-sena kien fil-fatt is-Sur Alfred Galea, Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Internazzjonali kif ukoll bandist attiv fi ħdan il-Banda Re Ġorġ V. Dan l-unur ġie ppreżentat nhar l-10 ta' Awwissu 2007 waqt il-programm vokali u strumentali mtella' mill-Banda Re Ġorġ V.

Kif diġa' semmejna, Alfred huwa bniedem attiv ħafna speċjalment fejn tidħol il-banda. Huwa bniedem ta' kuraġġ kbir u dejjem iheġġiġna biex il-Banda Re Ġorġ V u l-festa li tant iħobb ma jkun jonqoshom xejn. Alfred hu bniedem ħabrieki ħafna u dejjem jagħti kontribut qawwi biex il-festa ta' Santa Marija tkompli tikber minn sena għall-oħra. Fil-fatt Alfred huwa l-moħħ u l-organizzatur ewlieni fejn jidħlu r-relazzjonijiet internazzjonali speċjalment ma' kompożituri, surmastrijiet, mużiċisti u baned barranin. L-ewwel esperjenza fuq bażi internazzjonali tmur lura għas-sena 1996 meta l-Banda Re Ġorġ V ħarġet iddoqq għall-ewwel darba barra minn xtutna sewwasew ġewwa Ascoli Piceno, l-Italja. Din l-esperjenza ta' ġemellaġġ wasslet sabiex is-Soċjetà tagħna tiġi ppremjata b'Les Etoiles d'Or du Jumelage mill-Unjoni Ewropea. Wara l-1996 nistgħu ngħidu li bis-saħħa ta' Alfred setà jkollna fostna diversi baned u anke korijiet barranin speċjalment matul il-festa ad unur Santa Marija. Insibu li fis-sena 1997 kellna fostna l-Corpo Bandistico Santa Vittoria in Matenano mill-Italja filwaqt li sena wara kellna fostna l-Banda Jugend Blasorchester tal-Ġermanja (1998). Is-Soċjetà kompliet tkabbar ir-relazzjonijiet barranin billi kellna fostna l-Banda Filarmonika ta' Larissa mill-Greċja u l-Banda Kiryat mill-Iżrael bħala parti mill-festi ta' l-Assunta li ċċelebrajna fis-sena tal-millenju (2000). Sena wara (2001) kellna bħala banda mistiedna il-Kfar Saba Community Concert Band mill-Iżrael, filwaqt li fis-sena 2002 kien imiss il-Kor minn Iżrael, Alei Gefen. Wara mbagħad, fis-sena 2005 kellna bħala banda barranija mistiedna għall-festa ta' Santa Marija il-Bedford Town Band mill-Ingilterra. Għall-festi tal-2006 kellna fostna l-Banda St. Keverne minn Cornwall, l-Ingilterra kif ukoll il-Whistling World Champion David Morris, filwaqt li s-sena li għaddiet kellna fostna Surmast Amerikan minn Louisana Mro. Andy Isca kif ukoll banda oħra Ingliża għal darb'oħra minn Cormnwall fl-Ingilterra, St. Stythians Brass Band. Din is-sena l-Banda Taljana *Associazione Bandistica Cittadina di Cave*, provinċja ta' Ruma ser tkun il-banda barranija mistiedna tagħna wara li f'Lulju tas-sena l-oħra l-Banda tagħna kienet għamlet it-tieni mawra tagħha barra minn Malta sabiex tieħu sehem fil-Festa del Socio li ssir ġewwa Cave stess. Ta' min jgħid li f'din il-festa kienu ħadu sehem diversi baned oħra barranin kemm mill-Italja, Franza u mill-Ingilterra. Nistgħu ngħidu li dawn ir-relazzjonijiet kollha kif ukoll iż-żewġ mawriet barra minn Malta tal-Banda Re Ġorġ V ġew organizzati bis-saħħa ta' Alfred. Żgur li Alfred bil-ħila tiegħu għen sabiex il-Banda Re Ġorġ V kif ukoll is-Soċjetà tagħna kibret fuq livelli internazzjonali. Mhux ta' b'xejn li din is-sena Alfred rebaħ ukoll l-unur Star Award mogħti mill-Awtorità Maltija għat-Turiżmu tax-xogħol siewi tiegħu f'dan is-settur.



**Is-Sur Alfred Galea, Uffiċjal Relazzjonijiet Internazzjonali u bandist attiv fi ħdan il-Banda Re Ġorġ V jidher jirċievi mingħand il-familja Martin l-unur bħala Attivist tas-sena 2007 wara l-ħidma tiegħu b'riżq il-Banda**

Mill-ġdid prosit Alfred.





# Fejn sejrin?

ħsibijiet mis-Sur Mario Fenech

Ta' Kultant niltaqgħu xi erba' ħbieb waqt il-jiem ta' l-istaġun tal-festi u b'mod informali nagħmlu eżami ta' dak li jkun qiegħed iseħħ waqt iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festi li jkunu fl-aqwa tagħhom bħal dan iż-żmien tas-sena.

Kulħadd jgħid tiegħu kemm favur kif ukoll b'xi ftit kritika kostruttiva. Il-qbil tal-fehmiet tagħna jkunu dejjem l-istess fuq suġġett wieħed, dak li ma jistax ikun li dak li qegħdin jonfqu l-organizzaturi tal-festi llum, jibqa' jiżdied għaliex l-ispejjeż huma tant kbar li diffiċli jkun hemm bilanċ fil-kontijiet li jsiru wara li tintemm il-festa.

Matul dawn l-aħħar snin rajna splużjoni qawwija ta' ċelebrazzjonijiet kbar qisu kulħadd qiegħed jiċċelebra xi anniversarju importanti jew xi okkażjoni mhux tas-soltu.

Ilkoll niftakru meta sa ftit tas-snin ilu l-festi ta' barra kienu jsiru matul tlett ijiem biss u l-armar ta' barra ma kienx daqstant rikk u mifrux mar-raħal kollu. Illum il-festi qegħdin isiru matul il-ġimgħa kollha tal-festa.

Fil-pjazza ewlenija minbarra l-armar li min jaf kemm flus intefqu fih biex sar, qed naraw jiżdiedu l-famużi planċieri li trid nofs ta' nhar shiħ biex iddur dawra magħhom u tifli x-xogħol li fihom.

Imma dan kollu għaliex seħħ ? Kif ser jiġu kkontrollati dawn il-fenomeni? U fuq kollox għaliex dan kollu ?

L-ewwelnett irridu ngħidu li llum huwa ferm aktar faċli li jinġabru l-flus biex isiru dawn l-opri u aktar minn hekk ir-restrizzjonijiet kultant eżaġerati li ħarġu mill-Awtoritajiet Ekkleżjastiċi biex jiġu kkontrollati l-opri sagri fil-knejjes wasslu lil dawk li dejjem xtaqu jagħmlu xi opra fil-knisja biex jonfqu dan il-flus f'affarijiet oħra.

Kultant naraw armar tal-festi fit-toroq li trid seba' għajnejn biex tarah, imbagħad tidħol fil-knisja u tara damask imqatta' ċraret, żebgħa mqaxxra minn mal-ħitan, sistema tad-dawl qisha siġra tal-Milied itteptep għax tkun ilha li saret snin ilu jew saqaf nofsu miksi bil-pittura u nofsu le !

Dan kollu għaliex hemm min kull ma jaf jgħid hija l-kelma le !

Jien ma nippretendix li kull min ikun irid jagħmel xi ħaġa għandu jaqbad u jagħmilha, iżda jekk ikun komdu finanzjarjament li jagħmel xi opra fid-dar t'Alla dan għandu jitħalla jagħmilha.

Jista' jkun li dak li jkun xtaq jagħmel xi ħaġa, ikun żejjed jew mhux daqstant bżonnjuż, allura bil-kelma t-tajba u spjegazzjoni dan



Il-Koppla tal-Knisja Parrokkjali ddedikata lil Santa Marija mixgħula għall-Festa Titulari tal-parroċċa.



Mixgħela tal-faċċata tal-knisja matul il-festa.



Matul il-festa Titulari l-knisja tkun armata sa l-inqas dettall.



Il-Knisja armata għall-festa ad unur Santa Marija, patruna ta' l-Imqabba.



Parti mill-miġġħema waqt funzjoni matul iż-żminijiet tal-festa.



Il-festi jirrikjedu ħafna xogħol u dedikazzjoni kbira speċjalment fejn jidħol l-armar tal-festa.



Il-Pedestall il-Kbir armat fil-pjazza. Jidher fl-isfond il-Każin tas-Soċjetà.

jista' jiġi ssuġġerit li jagħmel dik l-opra li hija aktar meħtieġa.

Għaddejjin minn żmien meta hawn kuxjenza nazzjonali kbira biex nikkonservaw dak li għandna, allura jeħtieġ li fejn hemm bżonn ta' restawr fil-knejjes tagħna isir kemm jista' jkun maljar qabel ma ssir aktar ħsara.

Ħafna huma tal-fehma li jekk isir appell biex in-nies tgħin bid-donazzjonijiet tagħha, din twieġeb bil-herqa, iżda mbagħad jekk ikun hemm il-ħsieb li l-knisja tissebbaħ b'xi opra sagra din għandha titħalla ssir. Dejjem jekk tkun xi ħaġa li ma tistunax ma' dak li jkun diġà hemm.

Hawnhekk ukoll nixtieq li nkun xi ftit kritiku. Mhux darba u tnejn li 'l hekk imsejħa esperti li quddiemhom trid tidher il-proposta ta' l-opra li tkun ser issir joġġezzjonaw fuq xi parti minnha jew id-disinn tagħha.

Din tiġi maħduma skond ir-rieda tagħhom u r-riżultat ikun froġa! Naf x'qed ngħid u għandi l-kuraġġ ngħid fejn u kif, iżda ma nixtieqx li noffendi lil dawk li jkunu ħarġu bil-proposta jew ħallsu għal din l-opra.

Id-djalogu huwa importanti biex din il-ġirja qawwija ta' ċelebrazzjonijiet kbar tiġi kkontrollata. Dan l-aħħar rajna lill-E.T. l-Arcisqof ta' Malta Mons. Pawlu Cremona jitkellem ma' rappreżentanti u organizzaturi tal-festi.

Smajna dak li kellu xi jgħid, u bil-kariżma unika tiegħu ħafna minna nixtiequ li nimxu fuq is-suġġerimenti tiegħu. Iva hekk għandu jkun, iżda mbagħad ma nistgħux insibu kull bieb magħluq minn dawk li għalihom b'daqqa ta' pinna jsolvu kollox u jissospendu xi festa għal kull ħaġa ta' xejn. In-nuqqas ta' qbil kulħadd ikun jaf bih u jkun ilu jinħema, allura xi jkunu qed jistennew dawk li suppost imexxuna fit-triq it-tajba biex jaraw isibux xi soluzzjoni ?

Dan qiegħed ngħidu għaliex naf kemm hemm min jagħti l-aħjar tiegħu kollu biex il-festa tkun waħda kompluta u li biha jieħu sehem u jieħu pjaċir kulħadd. Qed ngħidu għaliex għandi kuraġġ ngħid dak li nħoss u nerfa' r-responsabbiltà tiegħi biex il-festi tagħna nkomplu nsaħħuhom.

B'dawn il-ħsibijiet tiegħi nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd.

**Pet Care**

Kull ma trid għall-ġnien u għar-raba', sustanzi eċċ.
Għall-Pets, Mediċini għall-annimali kollha.
Ġwież u affarijiet għall-kaċċa, insib u sajd,
ħniex ta' l-imperjal ta' barra u reels,
qasab, snanar u swivels u kaxxi tal-plastic tas-sajd eċċ,
lenza, spag tan-nar, nases u dqiq tal-ful eċċ.



**Qrendi Road, Żurrieq – Tel: 2164 9727**



# Unur dinji għall-Imqabba u għal Malta

*L-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba tirbaħ il-Kampjonat Dinji tal-Logħob tan-Nar 'Caput Lucis' f'Ruma fl-2007*

jikteb is-Sur John Zammit

Awwissu 2007 jibqa' mniżżel b'ittri tad-deheb fl-istorja ta' l-Imqabba u tas-Soċjetà Santa Marija meta dan ir-raħal tant magħruf għal-logħob tan-nar fil-festa tiegħu niżżel ismu u isem Malta bħala r-rebbieħa tal-Kampjonat Dinji tal-Logħob tan-Nar imsemmi 'Caput Lucis' li jsir fil-provinċja ta' Ruma, il-kapitali Taljana.




Plakka li turi li l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta l-Imqabba hija r-rebbieħa tal-Kampjonat Mondjali Caput Lucis organizzat ġewwa Ruma l-Italja.

B'hekk, l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba żiedet unur ieħor, din id-darba internazzjonali u barra minn Malta, mal-kampjonat tal-logħob tan-nar f'Malta li kienet l-ewwel rebbieħa tiegħu fl-2006.

Fil-fatt, l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba kienet mistiedna għall-Kampjonat Dinji 'Caput Lucis' proprju għax fis-sena ta' qabel kienet dikjarata bħala r-rebbieħa tal-kampjonat Malti fl-ewwel kompetizzjoni li qatt saret fil-Festival tal-Logħob tan-Nar fil-Port il-Kbir. Dan għax l-organizzaturi ta' 'Caput Lucis jaraw li jistiednu biex jirrappreżentaw lil pajjiżhom dawk l-għaqdiet li jkunu taw prova li huma l-aqwa f'pajjiżhom.

## Caput Mundi – Caput Lucis

Il-kampjonat dinji 'Caput Lucis' – bil-Latin għal 'Kapitali tad-Dawl' – f'Ruma jieħu ismu b'varjazzjoni fuq l-isem li r-Rumani kienu taw lil Ruma u li kienu jsejħulha 'Caput Mundi' – kapitali tad-dinja. L-isem 'Caput Lucis' għal Ruma fl-ewwel ħamest ijiem ta' Awwissu jixraq ħafna.

'Caput Lucis' hu kampjonat organizzat tajjeb ħafna f'zona wiesgħa fejn kważi nofs miljun ruħ ħallsu biex daħlu jaraw il-wirjiet tan-nar mill-kompetituri internazzjonali.

Il-pajjiżi kompetituri fl-edizzjoni ta' Caput Lucis is-sena l-oħra kienu tmienja: l-Italja nnifisha, l-Ingilterra, Spanja, ir-Rumanija, Malta, is-Slovenja, il-Ġappun u ċ-Ċina. Kif wieħed jista' jifhem mil-lista ta' pajjiżi parteċipanti, 'Caput Lucis' hu kampjonat bejn il-pajjiżi l-aktar magħrufin għal-logħob tan-nar u ma jistax ikun hemm aktar minn tmien kompetituri fiħ biex il-kampjonat isir fuq erbat ijiem




b'żewġ wirjiet kuljum. Għalhekk, kien diġa' ta' unur kbir għal Malta li tkun mistiedna tieħu sehem ma' l-aqwa tmien pajjiżi fid-dinja u kien diġa' ta' unur għall-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba li tirrappreżenta lil pajjiżna.

Il-kumpaniji jew għaqdiet tan-nar li ħadu sehem f''Caput Lucis' kellhom jagħtu wirja ta' logħob tan-nar li ddum mill-anqas 20 minuta u li tkun iġġudikata minn ġurija internazzjonali ta' esperti tan-nar minn madwar id-dinja.

Kien hemm ukoll numru ta' restrizzjonijiet fosthom fuq il-ħin li kull kumpanija kellha ddum biex tarma l-logħob tan-nar tagħha li kien limitat għal dakinhar stess li kull kumpanija kellha tagħti l-wirja tagħha. Kien hemm bżonn għalhekk li jitilgħu ħafna dilettanti tan-nar mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija



L-ittri minn ma' l-art, element ieħor innovattiv, kitbu bin-nar isem il-Kampjonat kif ukoll isem Malta.

# Kampjonat Mondjali tan-Nar

# Caput Lucis

## 2007

## Ruma – Italja



## Klassifika Finali kif mogħtija minn ġurija esperta

*L-Ewwel Klassifikati*
Malta
Għaqda tan-Nar Santa Marija, Imqabba
Punteġġ: 9.75

*It-tieni klassifikati*
Ingilterra
Festival Fireworks UK Ltd
Punteġġ: 9.64

*It-Tieni Klassifikati*
Spanja
Pirotecnika Zaragozana S.A.
Punteġġ: 8.62

Ġappun
Tamaya Kitahara Fireworks Co. Ltd
Punteġġ: 8.41

Slovenja
Hames D.o.o.
Punteġġ 8.28

Rumanija
Artifiċii Orastie Srl.
Punteġġ 7.90

Ċina
Yung Feng Firecrackers & Fireworks Co. Ltd
Punteġġ: 6.90

Italja
F.lli Liccardo Snc. & Co.
Punteġġ 6.24



In-numri minn ma' l-art, element innovattiv ieħor li saħħar il dawk kollha preżenti.

biex kollox ikun organizzat sew u l-logħob tan-nar jintrama fil-ħin limitat skond ir-regolamenti.

## Kampjonat akkanit

Il-kompetituri fl-2007 kienu kollha kumpaniji kummerċjali tal-logħob tan-nar ħlief għall-Għaqda tan-Nar Santa Marija li hi għaqda volontarja. Barra minn dan, il-kompetituri l-oħrajn jixtru l-logħob tan-nar minn kumpaniji oħrajn madwar id-dinja waqt li l-Għaqda tan-Nar Santa Marija pprovdiet xogħol tipiku u uniku tagħha.

Il-wirja ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba ngħatat fit-2 ta' Awwissu u ntlaqgħet tajjeb ħafna kemm mill-organizzaturi kif ukoll mill-pubbliku.

Fil-fatt, dakinhar ikkompetiet ukoll l-Italja li l-wirja tagħha fetħet il-kampjonat. Iżda minkejja l-appoġġ mistenni mill-ispettaturi Taljani għall-kumpanija Napplitana li rrappreżentat lil pajjiżhom, malli raw il-wirja Maltija, l-ispettaturi Taljani stess urew appoġġ kbir għall-elementi innovattivi fil-wirja, għall-koreografija tagħha u għall-gran final impressjonanti tagħha.

Mill-ewwel kien hemm l-istennija li r-rappreżentanti ta' Malta kienu se jmorru tajjeb f'dan il-kampjonat. Iżda wieħed dejjem kellu joqgħod lura milli jbassar xi riżultat għax dan kien tassew kampjonat akkanit.

Kien għad jonqos il-wirjiet taċ-Ċina u tal-Ġappun li kienu mistennijin ħafna fil-jumejn ta' wara, apparti l-fatt li l-kompetituri l-oħrajn kollha għamlu l-almu tagħhom kollu biex jirbħu speċjalment ir-rappreżentant mill-Ingilterra li kien tilef il-kampjonat tas-sena ta' qabel għal punt wieħed biss biex il-kampjonat dinji tal-2006 kien intrebaħ mill-Italja stess.

## Splużjoni ta' ferħ

L-Għaqda tan-Nar Santa Marija organizzat mawra tar-rappreżentanti tagħha, tad-dilettanti tan-nar, ta' membri tal-familja tagħhom u ta' sostenituri tas-Soċjetà u li telgħet għal aktar minn mitt ruħ li kollha rċevew kummenti sbieħ ħafna ta' appoġġ mill-pubbliku Taljan. Ir-rappreżentanti ewlenin ta' l-Għaqda tan-Nar baqgħu Ruma għar-riżultat waqt li l-bqija niżlu wara l-ewwel erba' wirjiet.

Kif wieħed setà jimmaġina, ir-rappreżentanti ewlenin ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba kienu fuq ix-xwiek fl-aħħar lejla tal-kampjonat u matul il-bqija



Il-grupp ta' rappreżentanti Maltin wara li l-Għaqda tan-Nar Santa Marija kienet ippreżentata bit-trofew tal-Kampjonat Caput Lucis kmieni filgħodu tas-6 ta' Awwissu 2007.



It-tħejjijiet f'Ruma fil-post fejn ingħatat il-wirja ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija...il-preparazzjonijiet kellhom isiru f'ħin limitat skond ir-regolamenti tal-kampjonat minn għadd kbir ta' dilettanti tan-nar Imqabbin.



Fuq il-lemin jidher is-Sur Ronald Zammit. f'isem l-Għaqda tan-Nar Santa Marija flimkien ma' rappreżentanti mill-Ingilterra u Spanja, klassifikati fit-tieni u t-tielet post rispettivament.



Mument mill-aktar spettakolari fil-wirja ta' aktar minn 20 minuta li biha l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba rebħet il-Kampjonat Dinji tal-Logħob tan-Nar 'Caput Lucis' f'Ruma.



Il-folla li rat il-wirja u l-ġurija internazzjonali setgħu japprezzaw uħud mill-elementi innovattivi u oriġinali proposti mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija fil-wirjiet tagħha.

tal-lejl ta' bejn il-Ħadd u t-Tnejn 6 ta' Awwissu meta l-ġurija ta' esperti internazzjonali kienet qed tivvota fuq l-aħħar żewġ wirjiet kif ukoll tiddikjara l-klassifika finali tal-kamjonat dinji 'Caput Lucis' għall-2007.

Kien hawn stennija kbira għar-riżultat fl-Imqabba wkoll. Ħafna nies inġabru fis-sede tas-Socjetà Santa Marija u waqa' skiet kbir meta minn fuq linja ta' telefon ċellulari ta' wieħed mir-rappreżentanti f'Ruma kulħadd setà jisma' r-riżultat jitħabbar dirett anke fis-sala t'isfel tas-sede tas-Soċjetà Santa Marija.

Spanja ġiet dikjarata t-tielet… mumenti ta' stennija waqt li ngħatat tifkira lir-rappreżentanti Spanjoli… imbagħad l-Ingilterra ġiet dikjarata t-tieni… aktar stennija sakemm tingħata tifkira lit-tieni klassifikat… f'dawk is-sekondi l-mistoqsija f'moħħ kulħadd… tgħid Malta ġiet l-ewwel jew forsi lanqas biss ikklassifikat?.. imbagħad id-dikjarazzjoni bit-Taljan… la prima classificata… MALTA… u splużjoni ta' ferħ ta' l-Imqabbin f'Ruma u fl-Imqabba li ebda kliem ma jista' jiddeskrivi!

Il-mezzi tax-xandir u l-istampa rrapurtaw bi prominenza din l-aħbar u kif folla kbira ta' Mqabbin lebsin il-kuluri tas-Soċjetà Santa Marija laqgħu fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta lill-organizzaturi ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba li t-Tnejn 6 t'Awwissu 2007 wara nofsinhar ġabu magħhom lejn Malta u lejn l-Imqabba t-trofew tar-rebħ ta' 'Caput Lucis' li ddaħħal b'salut u b'marċ kif jixraq fir-raħal li l-festa tiegħu ġiet dikjarata r-rebbieħa ta' kampjonat dinji hekk prestiġjuż tal-logħob tan-nar.

## Merħba mill-ogħla awtoritajiet

L-ogħla awtoritajiet tal-pajjiż, fosthom il-President ta' Malta Edward Fenech Adami, il-Prim Ministru Lawrence Gonzi u l-Kap ta' l-Oppożizzjoni Alfred Sant laqgħu lill-President tas-Soċjetà Santa Marija Carmel Zahra u membri oħrajn tal-Kumitat u ta' l-Għaqda tan-Nar u wrew il-ferħ tagħhom għal dan il-kampjonat dinji mirbuħ minn Malta.

F'diskors fil-laqgħa mal-President ta' Malta fil-Palazz, il-Belt, il-President tas-Soċjetà Santa Marija Carmel Zahra għamel dawn il-kummenti, fost oħrajn:

"Ir-rebh ta' dan il-kampjonat tal-logħob tan-nar f'Ruma jqanqal fina numru ta' riflessjonijiet. L-ewwelnett, li aħna l-Maltin kapaċi nikkompetu u kapaċi nissorprendu.



Wiċċ ferħan. Xogħol ieħor innovattiv li ra l-bidu tiegħu mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba.



Partitarji tas-Soċjetà Santa Marija li laqgħu lir-rappreżentanti lura minn Ruma fl-Ajruport Internazzjonali ta' Malta flimkien mat-trofew tal-Kampjonat dinji tal-logħob tan-nar.





Biżżejjed naqraw parti minn kummenti li l-organizzaturi ta' 'Caput Lucis' baghtu lil gazzetta Maltija li talbithom kumment dwar il-prestazzjoni ta' Malta: 'Iż-żghira Malta gharfet tissorprendi lill-ispettaturi u lill-ġurija bil-kapaċità teknika u bl-emozzjonijiet li qanqlet bil-wirja kbira tagħha. L-iskwadra Maltija ħadmet b'impenn u b'serjetà bla ma ħalliet barra l-inqas dettall. Ħafna nies ċemplulna biex jifirħulna għall-ġudizzju korrett tal-ġurija li ddikjarat lil Malta Champion tad-Dinja ta' Caput Lucis 2007' ".

## Ġieħ għas-Soċjetà tal-Patruna ta' l-Imqabbin

Carmel Zahra kompla li, "Riflessjoni oħra hi li l-loghob tan-nar huwa parti mill-kultura ta' pajjiżna. L-awtoritajiet f'dawn l-aħħar snin taw għarfien lil dan billi bdew jorganizzaw il-Festival Malti tal-Loghob tan-Nar u tellgħu dan il-festival għal-livell ta' kompetizzjoni li l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba kienet l-ewwel rebbieħa tagħha.

Fl-istess waqt, kulħadd jifhem li hu fl-interess ta' kulħadd, l-aktar ta' dawk li jaħdmu n-nar stess, li l-logħob tan-nar isir bl-inqas sogru possibbli… B'ħidma għaqlija, permezz ta' spettakli siguri tal-logħob tan-nar, inkomplu nseddqu l-kultura Maltija u l-attrazzjonijiet ta' Malta.

Dan kien ġieħ għal Malta, ġieħ għall-Imqabba u ġieħ għall-festa tal-patruna tar-raħal tagħna, Santa Marija. Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V tixtieq tiddedika dan il-ġieħ lill-Maltin kollha u partikolarment lil dawk li jaħdmu n-nar għal spettakli li jiġbdu eluf ta' nies matul is-sajf Malti", temm il-President tas-Soċjetà Santa Marija.

(ritratti: Jonathan Mifsud, Dipartiment ta' l-Informazzjoni – Malta, Caput Lucis – Ruma)

## Kummenti ta' l-organizzaturi ta' 'Caput Lucis' lill-gazzetta 'Il-Mument':

"La piccola Malta ha saputo sorprendere tutti gli spettatori e la giuria per la capacità tecnica e le emozioni che il grande spettacolo ha regalato a tutti i visitatori del campionato. La squadra maltese




L-istatwa titulari ta' Santa Marija nhar il-festa ta' l-Imqabba quddiem is-sede tas-Soċjetà tagħha mżejna b'banner juri ferħ xieraq u ħajr lill-patruna ta' l-Imqabbin għar-rebħ tal-Kampjonat dinji tal-logħob tan-nar f'Ruma.

ha lavorato con grande impegno e serietà senza tralasciare alcun dettaglio tecnico, portando a seguito una forte rappresentanza di maltesi che hanno saputo incitare la squadra come in una trasferta di calcio.

Semplici appassionati e partecipanti alla manifestazione hanno telefonato alla nostra info-line complimentandosi per l'ottima riuscita dell'evento e il corretto giudizio della giuria che ha decretato Malta Campione del Mondo di Caput Lucis 2007."






F'SANTA MARIJA, L-IMQABBA
St. Mary
FIREWORKS FACTORY
14 t'Awwissu 9.30pm,
15 t'Awwissu 7.00pm
L-Ewwel Rebbieħa
Festival tan-Nar ta'
Malta - 2006
WIRJIET B'ELEMENTI ĠODDA U INNOVATTIVI
Rebbieħa Kampjonat
Dinji tan-Nar Caput Lucis
Ruma, l-Italja - 2007

# Programm tan-Nar

## L-Erbgħa, 30 ta' Lulju
*Bidu tal-Kwindiċina*

**8.00am** Hruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Hruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**7.15pm** Mad-daqq tal-Barka Sagramentali, tiġi sparata kaxxa infernali u murtaletti.
**9.30pm** Hruq tal-beraq pront u murtali tal-kulur.

## Is-Sibt, 9 ta' Awwissu
*Ħruġ ta' l-Istatwa fuq iz-zuntier*

**8.00am** Hruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Hruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**7.30pm** Mal-ħruġ ta' l-Istatwa jsir ħruq ta' salut, musketterija, kaxxa infernali u murtaletti bil-logħob.
**10.00pm** Hruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.00pm** Hruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ. Wara jsir ħruq ta' logħob tan-nar ta' l-art.

## It-Tnejn, 11 ta' Awwissu
*L-ewwel jum tat-Tridu*

**8.00am** Hruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**12.00pm** Hruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**8.15pm** Mal-barka Sagramentali jsir ħruq ta' musketterija u murtaletti bil-logħob.
**9.15pm** Hruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**11.30pm** Hruq ta' musketterija ma' tmiem il-marċ. Wara jsir ħruq ta' logħob tan-nar ta' l-art.

## It-Tlieta, 12 ta' Awwissu
*It-Tieni jum tat-Tridu*

Kollox bħall-jum ta' qabel.

## L-Erbgħa, 13 ta' Awwissu:
*It-Tielet jum tat-Tridu*

Kollox bħall-jum ta' qabel.

## Il-Ħamis, 14 ta' Awwissu
*Lejlet il-Festa*

**9.30am** Mad-daqq tat-Te Deum, ikun hemm ħruq ta' musketterija, kaxxa infernali u diversi murtaletti bil-logħob.
**11.45am** Hruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti bil-logħob.
**6.30pm** Toħrog it-Translazzjoni. Ikun hemm ħruq ta' salut, kaxxa infernali u esebizzjoni kbira ta' diversi settijiet ta' murtaletti bil-logħob.
**9.45pm** Jingħata bidu għall-ispettaklu kbir ta' logħob tan-nar ta' l-ajru li jinkludi salut, bombi tal-lampjun, blalen u disinni, sfejjer, baraxxijiet kbar u spettakolari sinkronizzat mal-mużika. Settijiet ta' murtali tal-beraq pront u murtali tal-kulur. In-nar kollu jinħaraq permezz tas-sistema kompjuterizzata tal-Fire One.
**11.30pm** Wirja ta' logħob tan-nar ta' l-art mekkanizzat.

## Il-Ġimgħa, 15 ta' Awwissu
*L-Għid ta' l-Assunta*

**8.00am** Hruq ta' murtali tal-bomba u murtaletti.
**9.30am** Mad-daqq tal-glorja, ikun hemm ħruq ta' murtali tal-bomba, kaxxa infernali u murtaletti bil-logħob.
**11.45am** Hruq ta' murtali tal-bomba akkumpanjata mid-daqq tas-sirena, segwita minn ħruq ta' murtaletti bil-logħob.
**7.15pm** Waqt il-ħruġ tal-purċissjoni bl-Istatwa meraviljuża u artistika ta' Ommna Marija Mtellgħa s-Sema bir-Ruħ u l-Ġisem, jiġi sparat salut. Hekk kif l-istatwa devota tal-Padruna tar-raħal, Santa Marija, toħroġ fuq iz-zuntier u tindaqq l-Ave Marija, tinħaraq musketterija u kaxxa infernali spettakolari li ser tkun tinkludi ħafna baraxxijiet u logħob ieħor. Wara jkun hemm wirja kbira ta' murtaletti bil-logħob li jakkumpanjaw il-purċissjoni.
**9.30pm** Hekk kif jiġi esegwit l-Innu lil Santa Marija Mtellgħa s-Sema, ikun hemm ħruq ta' murtali tal-beraq pront u tal-kulur.
**10.15pm** Hruq ta' kaxxa infernali tal-kulur ma' tmiem il-purċissjoni. Wara, fil-knisja tingħata l-barka flimkien mal-partitarji u dawk kollha involuti fil-logħob tan-nar bħala ringrazzjament lill-Madonna.

## Il-Ġimgħa, 22 ta' Awwissu
*L-Ottava tal-Festa*

**6.00pm** Mal-ħruġ tal-purċissjoni tinħaraq musketterija, murtali tal-bomba u murtaletti.



## Nota mill-Bord Editorjali

Bħas-snin ta' qabel, dan ix-xogħol kollu sar bis-saħħa tal-membri ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija. F'isem il-Kumitat Eżekuttiv, nieħdu din l-opportunità biex f'isem is-soċi u l-partitarji kollha, nirringrazzjaw u nuru l-apprezzament sinċier tagħna lkoll lejn il-membri kollha ta' din l-Għaqda tan-Nar, kif ukoll lil kull min għen sabiex dan il-programm hekk vast setà jitwettaq. J'Alla jkollhom is-sodisfazzjon shih ta' xogħolhom u nitolbu biex Santa Marija tħarishom waqt ħidmiethom fil-kmamar tan-nar kif ukoll waqt il-ħruq.

*Messaġġ mil-Licencee*



is-Sur Joseph Camilleri

# Xogħol kbir li wassal għal Unuri kbar



Meta qed nikteb dan il-messaġġ, il-kamra tan-nar tagħna qiegħda fl-eqqel tal-preparamenti biex ikollna festa oħra grandjuża f'dak li għandu x'jaqsam in-nar. In-nar huwa attrazzjoni kbira sew għall-Maltin u l-Għawdxin kif ukoll għal dawk l-eluf ta' turisti li jiġu f'pajjiżna fis-sajf biex igawdu sew in-nar u anke l-festi Maltin. Kif diġa' tafu l-Għaqda tan-Nar Santa Marija fit-2 ta' Awwissu 2007 kienet mistiedna biex tieħu sehem fil-kampjonat mondjali tan-nar li jsiru ġewwa Valmontone provinċja ta' Ruma, l-Italja. Biex dan setà jsir il-ħaddiema tal-kamra tan-nar tagħna ħadmu qatigħ biex meta mmorru nikkompetu hemm naqtgħu figura tajba. Hemmhekk l-Għaqda tagħna uriet il-ħiliet kbar li tippossiedi.

Meta dawn l-eluf ta' barranin raw l-esebizzjoni tas-Soċjetà tagħna baqgħu meraviljati b'dak kollu li raw fosthom ftuħ bid-disinni kif ukoll dak l-impekkabbli kliem miktub fl-ajru, numri fl-ajru u anke bebbux bil-kulur u anke bil-beraq u ħafna aktar xogħol li bħalma tafu ma nistax noqgħod insemmi kollox. X'ħin spiċċat l-esebizzjoni kien hemm ovazzjoni kbira sew mill-pubbliku preżenti u anke minn dawk il-kmamar tan-nar l-oħra li pparteċipaw magħna.

Ma tafux kemm tħossok kburi b'dak kollu Malti li ġie ppreżentat mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija li bħalma tafu hija l-pijuniera ta' dan ix-xogħol fejn jidħlu n-numri, ittri, bebbux, disinni, beraq li ma jidhrux u ħafna xogħol ieħor. Mhux bilfors tħossok kburi meta wara li tlesti u tkun miexi fit-triq, tara l-ambaxxatur Malti jerġa' jdawwar il-karozza tiegħu u jiġi ħdejna jifraħ bl-esebizzjoni kbira u mpekkabbli li għamilna u jgħidlilna x'unur kbir għamilna lil pajjiżna mad-dinja kollha! L-aħwa din mhux xi ċajta li tieħu sehem f'kampjonat mondjali bħal dan imma l-Għaqda tagħna taf li bin-nies kapaċissimi li għandha tista' tieħu sehem f'kull kampjonat li nkunu nixtiequ aħna, għax wara s-suċċess li għamilna ġewwa Valmontne bdejna niġu mistednin minn madwar id-dinja biex nieħdu sehem f'ħafna kampjonati oħra.

F'Diċembru li għadda l-Għaqda tagħna ħadet sehem fil-festi Maltin fejn iċċelebrajna d-dħul ta' l-Ewro ġewwa pajjiżna. Hawnhekk spikkaw b'mod partikulari l-ftuħ forma tal-€. Kellna wkoll żewġ spettakli oħra fil-port il-kbir bħala parti minn attivitajiet privati sewwasew f'Jannar ta' din is-sena. Il-membri fi ħdan l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba ddeċidejna lkoll flimkien li wara li rnexxielna nirbħu bl-unuri l-Kampjonat Mondjali Caput Lucis 2007 u spiċċajna bħala 'Campioni del Mondo', din is-sena kellna niffukaw aktar fuq il-festa li ġejja ad unur il-Patruna Universali Santa Marija.

L-ewwel ħaġa li rrid nagħmel nixtieq ngħid grazzi kbira u mill-qalb lill-membri kollha ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija tax-xogħol u ta' l-unuri kbar li qed iġibu lejn is-Soċjetà tagħna u tal-ħiliet kbar li jippossiedu. U kif nista' ma ngħidx grazzi wkoll lill-familjari tagħna li jagħmlu tant sagrifiċċju biex żwieġhom jew uliedhom ikunu jistgħu jmorru jaħdmu n-nar. Grazzi mill-qalb. L-Għaqda tagħna din is-sena ħejjiet programm vast ta' nar għal matul il-ġimgħa kollha tal-festa ta' Santa







Marija. Però ma nistax ma nsemmix il-wirja kbira li jekk Alla jrid ser tiġi ppreżentata nhar il-Ħamis 14 ta' Awwissu 2008 proprju Lejlet il-Festa. Inħeġġukom li ma titilfuhiex għax qed niggarantilkom spettaklu kbir li jinkludi forom ta' kull kwalità, blalen u ħafna affarijiet oħra ġodda li żgur li min ikun preżenti ma jiddispjaċihx. Barra minn hekk, il-festa hija kompluta b'kollox għax anke għal matul il-ġimgħa tal-festa hemm imħejji proġramm vast ħafna.

Irrid insemmi wkoll it-tranżulazzjoni fejn jiġu maħruqa murtali bil-logħob u li ħafna nies jiġu jitpaxxew bihom. Ma rridx ukoll ma nsemmix nhar il-Festa, l-Għid ta' l-Assunta, li wkoll bħal ma tafu ser ikun hemm kaxxa infernali li bħal lejlet il-festa tiġi maħruqa bl-aktar sistema avvanzata tal-Fire One. Barra dan kollu ma rridx ma nsemmix in-Nar ta' l-art mekkanizzat u oriġinali li jkollna matul il-ġimgħa kollha tal-festa fejn b'mod partikulari tispikka l-ħarqa u l-ispettaklu ta' lejlet il-festa. Insomma kif diġa' għidt ser ikun hemm spettakli kbar matul il-ġimgħa kollha tal-festa li mhux ta' min wieħed jitlifhom.

Għeżież partitarji ma nistax ma nirringrazzjax lil Wenzu Ellul magħruf aħjar magħna bħala Ta' Ketrinu u 'l ħutu ta' l-għajnuna u l-appoġġ kbir li jagħtuna sew manwalment u sew finanzjarjament. Ma' dawn ħuti Mqabbin u partitarji ta' Santa Marija rrid ngħid grazzi wkoll lil ħafna benefatturi oħra li l-Għaqda tagħna dejjem sabet għajnuna kbira minn għandhom. Irrid ngħid ukoll li biex tagħmel dawn l-ispettakli jinvolvu flejjes kbar.

Għalhekk bħal ma dejjem kontu, inħeġġukom biex tkunu ġenerużi u toffru l-għajnuna tagħkom sew finanzjarjament kif ukoll manwalment għax jekk ma tkunux intom, dawn l-ispettakli ma jkunux jistgħu jsiru. Qabel nagħlaq din il-kitba rrid nirringrazzja lill-Kumitat Eżekuttiv ta' l-appoġġ li dejjem sibna mingħandu, lis-Sezzjoni Żgħażagħ u lis-sotto Kumitati kollha fi ħdan is-Soċjetà tagħna. Irrid nirringrazzja wkoll lill-kleru kollu tal-parroċċa tagħna ddedikata lil Marija Assunta. Grazzi wkoll tmur lejn il-membri tal-korp tal-pulizija tax-xogħol siewi tagħhom u anke tal-koperazzjoni li dejjem sibna mingħandhom. Grazzi kbira wkoll tmur lejn dawk li jħalluna nużaw ir-raba' tagħhom fejn ukoll insellmu lil tnejn minnhom li m'għadhomx magħna. Ma nistax ninsa u ma nsemmix lil ħabib kbir tagħna Twanny Farrugia ta' Ħal Lija li miet is-sena l-oħra. Kull min hu midħla tan-nar jaf sew x'vojt kbir ħalla Twanny.



Jalla l-Bambin jagħtih il-glorja tal-Ġenna. Ma nistax nibqa' għaddej bil-kitba, u jekk insejt xi ħaġa jew lil xi ħadd jiddispjaċini bil-quddiem. Tifhmu li ma tistax tiftakar kollox. Fl-aħħarnett qed nitlob lill-maħbuba tagħna Santa Marija biex iżżomm dejjem il-mant tagħha fuqna u tħarisna minn kull tiġrib ħalli bħal ma għamilna dejjem, inkunu nistgħu nagħtu dik l-ovazzjoni kbira li tixraq lil din l-Omm tas-Sema.

Wasalt fl-aħħar tal-messaġġ tiegħi, imma qabel xejn għeżież partitarji u benefatturi nappella biex bħal aħwa nieħdu pjaċir fil-festa tagħna u bħal ma dejjem għamilna, nagħtu eżempju ta' kif għandha tiġi ċċelebrata l-festa ta' Marija Assunta, l-akbar festa ta' l-Imqabbin kollha.

Nixtieq il-festa t-tajba lill-Maltin u l-Għawdxin kollha li matul il-ġimgħa tal-festa jiġu biex jieħdu gost magħna ġewwa r-raħal tagħna. Nawgura wkoll il-festa t-tajba lis-Soċjetà tagħna kollha u lill-Imqabbin kollha għall-festa oħra meraviljuża f'ġieħ il-Verġni Omnna Marija Santissma.

Viva Santa Marija, il-Patruna ta' l-Imqabbin kollha.



# Rikonoxximent Nazzjonali



Delegazzjoni mis-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V flimkien ma' rappreżentanti ta' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija f'laqgħa mal-President ta' Malta, Dr. Edward Fenech Adami.

*Unur lis-Soċjetà*
*Unur lill-Imqabba*
*Unur lil Malta*



L-Onorevoli Prim Minsitru ta' Malta Dr. Lawrence Gonzi jirregala momentum lis-Soċjetà wara r-rebħ ta' l-unur internazzjonali fil-Kampjonat Caput Lucis 2007.



Delegazzjoni mis-Soċjetà tiltaqa' ma' l-Onorevoli Kap ta' l-Oppożizzjoni Dr. Alfred Sant.

World Champions
Valmontone, Rome - Italy
www.santamarija.com



# Caput Lucis 2007

**Antoine Sciberras**
*Mqabba*

Prosit kbira aħna ngħidu
lill-Għaqda tagħna minn tan-nar
għax urejtu ġewwa Ruma
li intom l-aqwa fost il-KBAR.

Wirja mill-aqwa intom tajtu
lin-nies preżenti kollha ċċassajtu
qatt ma raw nar hekk sabiħ
'Malta, Malta' kollha bdew jgħajtu.

Nistennew konna bil-ħerqa
il-Ħadd jasal għar-riżultat
fuq ix-xwiek kulħadd jistenna
Caput Lucis żgur  meritat.

Mhux ta' b'xejn f'Malta iċ-CHAMPIONS
aħna l-kbar hekk meqjusin
xogħol in-nies bieżla minn tagħna
f'idejna jibqa' iċ-ĊINTURIN.

VIVA SANTA MARIJA
VIVA L-GĦAQDA TAN-NAR TAGĦNA

# 'Champions'

**Fr. Joseph Zahra O.P.**
*Pietà*

Issa żgur ħadd ma jmerina
Issa żgur li aħna l-kbar
Champions konna, għadna u nibqgħu
Hekk hu – l-akbar fost il-kbar

Tant hu hekk li unur ieħor aħna ksibna mill-aħjar
Ejjew mela ifirħu magħna
Ejjew kunu magħna l-kbar
Ejjew faħħru lill-Assunta
Il-Patruna tat-Titular

Viva ngħajtu issa u dejjem
Viva tagħna t-Titular
Viva dejjem Santa Marija
U c-CHAMPIONS tad-dinja fin-nar

# Champions: Intom l-aqwa ġewwa Malta

**Joe Ghigo**
*Melbourne, Australia*

Intom l-aqwa ġewwa Malta
Unur mondjali irbaħtu f'Ruma,
Għamiltu ġieħ lil Malta tagħna,
Issa wkoll l-aqwa tad-dinja.

Malta kollha qiegħed tfaħħarna,
ta' l-unur li rbaħna għal Malta,
Anke d-dinja saret taf bina
kulħadd qiegħed ifaħħarna.

X'festa tagħmlu lil Marija
ta' kull sena festa kbira!
Nirringrazzja lilkom kollha
li qed taqraw dil-poeżija.



# Għeluq il-45 sena mit-Twaqqif tal-Kamra tan-Nar preżenti

mis-Sinjura Carmen Lia
B.Ed. (Hons), B.A.

Aħna l-Imqabbin minn dejjem kellna għal qalbna t-tradizzjonijiet ta’ missirijietna u lil dawn bqajna nirtuhom speċjalment fejn jidħol in-nar tal-festa ta’ Santa Marija. Biex jinħadem dan in-nar bl-inqas riskju jrid ikollok fabbrika tan-nar kif titlob il-liġi. L-ewwel referenza li nsibu rigward il-logħob tan-nar tmur lura għas-sena 1903. Jidher, iżda li l-logħob tan-nar ta’ l-art u ta’ l-ajru kien isir b’ċerta esaġerazzjoni fl-Imqabba. Is-Sibt 30 ta’ Mejju ta’ l-1903 ġurnal ta l-aħbar li fl-Imqabba s-Sibt ta’ qabel kienet ġrat diżgrazzja kerha lil ċerti Toni Tonna ta’ madwar 30 sena meta waqt li kien qed jilgħab ma’ xi skrataċ li kienu jsibu fin-naħat ta’ Għajn Dwieli, f’daqqa waħda, wieħed minnhom ħa n-nar u tajjarlu subgħajh kollha ta’ idejh u ferielu żaqqu wkoll. Kien fi stat l-aktar ikrah u gravi meta ttieħed l-Isptar Ċentrali akkumpanjat minn tabib. L-istess ġurnal kompla jikkummenta dwar il-ħruq tan-nar fl-Imqabba:–



Ritratt ta’ tifkira wara t-tberik tal-kmamar tan-nar preżenti fl-1963.

“Il Pulizia f’dan ir-raħal tat uisk liberta’ għall dan il-logħob tan-nar, u ma tismax ħlief sparar anche f’nofs ta’ lieli uakt li kull ħatt icun jistrieħ. Il Pulizia jec trid taf tagħmel dmira u ma tħallix iżied isiru dawn l’inconvenienti”.

Wara d-diżgrazzja tal-Kamra tan-Nar ta’ l-1937, għal sitta u għoxrin sena sħaħ, is-Soċjetà ma kellhiex iżjed għad-dispożizzjoni tagħha post fejn il-ħafna dilettanti tan-nar ta’ dak iż-żmien setgħu bla biża’ jkomplu jaħdmu n-nar. L-art fejn qabel kien hemm il-Kamra tan-Nar ittieħdet mis-Servizzi Ingliżi għall-*Airstrip* tar-*Runway*. F’dan iż-żmien kollu d-dilettanti tan-nar kienu jmorru jaħdmu n-nar f’postijiet tan-nar ta’ rħula oħra bħal ta’ Ħal-Qormi, Ħal-Tarxien jew il-Gudja.

Fil-bidu tas-snin sittin tressqet mozzjoni biex tinxtara biċċa għalqa għal dan l-iskop. L-art li nxtrat kienet tinsab fil-limiti tas-Siġġiewi kontrada ta’ Kandja u msejħa ta’ Sapjan u kienet tikkonsisti f’erba’ biċċiet raba’, tal-kejl komplessiv ta’ elfejn tmien mija u għaxar metri kwadri ossija tomnejn u tliet sigħan. Il-kuntratt ta’ l-akkwist ta’ l-art sar fil-31 ta’ Jannar 1961 u kien ippubblikat min-Nutar Nicola Said fid-dar ta’ Joseph Zammit, il-bejjiegħ ta’ l-art imsemmija. L-art inxtrat £50. Għas-Soċjetà King George V, dehru l-President Charles Sciberras u s-Segretarju Joseph Ghigo. Ix-xhieda kienu Ċensu u ibnu Karmnu Psaila. Għaldaqstant il-kumitat tal-każin minnufih ħa l-inizjattiva biex jagħti bidu għall-bini ta’ fabbrika tan-nar ġdida skond il-pjanta mnedija mill-awtorità konċernata. Il-bini ta’ din



Id-daħla tal-post tan-nar li jinsab fil-limiti Ta’ Kandja.



Dehra tal-kamra tan-nar li tbierket fis-sena 1963.









il-fabbrika ma kienx xi biċċa xogħol faċli għax minkejja l-parteċipazzjoni ta' dawk kollha li ħadmu mingħajr l-ebda ħlas u l-benefatturi li offrew materjal, għodda u makkinarju ieħor, l-ispejjeż ma naqsux. Bis-saħħa ta' dawn il-voluntiera u benefatturi, ix-xogħol fuq dan il-post tlesta f'perjodu ta' sentejn. Il-Kamra tan-Nar il-ġdida tbierket il-Ħadd 30 ta' April 1963 mill-Kappillan Dun Carm Bianco D.D. L-ewwel nar li nħadem fil-post kien għall-festa ta' Santa Marija ta' l-1963. Minn dak iż-żmien sa llum fil-post inbnew aktar imħażen u kmamar għal aktar kumditè tad-dilettanti tan-nar li jqattgħu sigħat twal b'sagrifiċċju u riskju. U sena wara l-oħra, il-poplu Mqabbi jitgħaxxaq b'logħob tan-nar li jsebbaħ il-pjazza u s-smewwiet b'taħlita ta' dawl ikkulurit f'dawk l-iljieli sajfin u qatt minsija tal-festa.

Ta' kull sena jsiru mijiet ta' murtali, fosthom murtali tal-kulur, sfejjer, blalen, prexex, murtaletti u beraq pront u kaxxi infernali. Il-fabbrika tan-nar Santa Marija, taf il-bidu ta' diversi logħob tan-nar, kemm ta' l-ajru kif ukoll ta' l-art. Insibu per eżempju l-*universals,* il-katina u anke kompjuter u arloġġ jaħdmu bin-nar fejn jidħol il-ġiġġifogu. Fejn jidħol nar ta' l-ajru nsibu l-beraq li ma jidhrux, sfejjer, blalen kbar u blalen jimxu, disinni forma ta' trijangoli, uċuħ, stilel u qlub jew trijangoli ġo ċrieki, slaleb tal-kavallieri u saħansitra forma ta' raġel jimxi. Insibu wkoll murtali li jiftħu forma ta' bebbux kif ukoll żbruffatturi li jiffurmaw kliem bin-nar. F'Ġunju tas-sena 2005 l-Għaqda tan-Nar Santa Marija kienet mistiedna toffri spettaklu ta' nar ta' l-art bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-25 anniversarju tal-FECC (Federazzjoni Ewropea tal-bliet tal-Karnival). Fl-istess sena l-Għaqda tan-nar Santa Marija ġiet mistiedna toffri spettaklu tan-nar ta' l-ajru sinkronizzat mal-mużika bħala għeluq ta' ċena offruta mill-E.T. Reġina Eliżabetta II lir-rappreżentanti tal-pajjiżi *Commonwealth* (CHOGM). F'April tas-sena 2006, l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ħarġet bl-unuri meta kienet rebbieħa assoluta ta' l-ewwel Festival Internazzjonali tan-Nar ta' Malta minn fost fabbriki tan-nar kemm Maltin kif ukoll barranin. Fl-istess sena, l-Għaqda offriet żewġ spettakli oħra fil-port il-kbir bħala parti minn konferenza ta' Thomas Cook.

Propju f'Awwissu li għadda l-Għaqda tan-Nar Santa Marija kkompetiet għall-ewwel darba barra minn xtutna matul il-Kampjonat Mondjali tan-Nar *Caput Lucis* li sar ġewwa Valmontone viċin Ruma fl-Italja fejn ġiet ikkonfermata bħala ċ-Champion Mondjali fil-logħob tan-nar. Dan il-festival offra spettakli kbar ta' nar minn tmien fabbriki mondjali li huma meqjusa fost l-aqwa fid-dinja.




Dawn kienu mill-Italja, Ingilterra, Spanja, Rumanija, Ġappun, Slovenja, Ċina u minn Malta, rappreżentata mill-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba. L-Għaqda tan-Nar Santa Marija tat l-ispettaklu tagħha nhar il-Ħamis 2 ta' Awwissu 2007 quddiem folla enormi ta' madwar 350,000 persuna. Fil-wirja spikka t-talent u xogħol uniku Malti. Xogħol li huwa rinomat ma' l-Għaqda tan-Nar Santa Marija ta' l-Imqabba. Żgur li riżultat prestiġjuż bħal dan għen sabiex l-Għaqda għamlet unur kbir kemm għas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V, għar-raħal ta' l-Imqabba kif ukoll serva ta' riklam tajjeb għal pajjiżna.

Il-qofol ta' l-Għaqda tan-Nar ikun ta' kull sena matul il-ġimgħa tal-Festa ad unur Santa Marija, speċjalment nhar l-14 ta' Awwissu, lejlet il-Festa, li żgur tkun mistennija minn bosta dilettanti Maltin u Għawdxin, kif ukoll minn dilettanti barranin. Ta' min isemmi li dan ix-xogħol kollu jsir minn dilettanti dedikati li b'mod volontarju jiddedikaw il-ħin liberu tagħhom għal dan id-delizzju tul is-sena kollha. Ta' dan żgur li ħaqqhom kull tifħir. Dan l-avveniment annwali issa sar parti integrali fil-kalendarju tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V u żgur li l-ebda dilettant tan-nar m'għandu jitilfu.

Referenzi:

Programm Festa Santa Marija Mqabba 1988, paġna 37.

Lia Carmen (1960 – ): Ġrajjet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-Istorja ta' l-Imqabba – Mqabba: Soċjetà Santa Marija u Banda Re ĠorġV, 1997



# Awgurju

Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V
tixtieq tifraħ
lill-**Onorevoli Dr. Louis Galea**,
President Onorarju tas-Soċjetà,
li ġie maħtur bħala
*Speaker* tal-Kamra tar-Rappreżentanti
tal-Parlament.



*Nawgurawlu kull suċċess f'din il-kariga ġdida kif ukoll ħidma sfieqa b'riżq il-ġid ta' pajjiżna.*




# GĦAR LAPSI VIEW

*Bar, Restaurant & Pizzeria*

(ta' Rita)
Now Under New Management
Tel: 2164 0608 - 2168 0800
Open Daily from 9.00 onwards

# Anniversarji marbuta mal-parroċċa ta’ l-Imqabba



informazzjoni mis-Sur Antoine Sciberras

## 410 Sena ilu … L-Imqabba ssir parroċċa (1598):

Tista’ tgħid li kull min kiteb biex jagħti tifsir ta’ isem dan ir-raħal, ipprova jkun oriġinali billi qal xi ħaġa li ma qalha ħadd qabel. Hemm min qal li ‘Mqabba’ hi ġejja minn ‘imħabba’. L-avukat Bellanti meta kkwota lit-tabib Ġ. Micallef, setà qorob aktar lejn is-sewwa meta qal li ‘Mqabba’ ġejja mill-verb ‘qabb’ (taqta’ ġebla) u allura b’xi mod jasal għall-konklużjoni, forsi xejn ġusta, li n-nom huwa ‘Mqabba’ (barriera). Dan jista’ jkun tassew minnu għaliex ir-raħal kien sa minn ħafna żmien ilu ċ-ċentru tal-barrieri f’Malta. Oħrajn ippruvaw jgħidu li isem dan ir-raħal hu ġej mill-kelma semitika ‘Micabba’ li tfisser għatu. Kittieb ieħor li qal li hi kelma Għarbija huwa l-Konti Ciantar li kiteb bejn l-1772 u l-1780. Dan qal li ‘Mqabba’ ma tfisser xejn ħlief ‘una copletta’ jew aħjar važett li jservi biex jgħatti. Dan qisu jikkonfermah il-Professur Ġużè’ Aquilina għaliex minn sejbiet arkeoloġiċi jidher biċ-ċar li f’dawn l-inħawi kien hemm xi kolonja ta’ nies li difnet il-mejtin tagħha f’oqbra għamla ta’ ċelel bħal tal-Feniċi. Issa jekk dan hu minnu, in-nies ta’ l-Orjent iħobbu jibnu l-bini tagħhom bħall-koppla. Dan għadu jidher sal-lum fl-ibliet Għarab.

L-arma ta’ l-Imqabba tikkonsisti f’faxx djagonali ta’ lewn il-fidda fuq sfond aħmar, filwaqt li l-motto tar-raħal huwa ‘Non Nisi per Ardua’ li jfisser ‘Biss bil-ħila’.

L-Imqabba tiġbor fiha madwar 850 familja u bħala popolazzjoni tqarreb it-3,000 ruħ.

Fl-1575, il-poplu ta’ dan ir-raħal kien ressaq it-talbiet tiegħu biex jinqata’ f’parroċċa għalih quddiem il-viżitatur Appostoliku Mons. Pietru Dusina iżda t-talba ma ntlaqgħetx. Ġara li fl-1592, wara l-mewt tal-Kappillan ta’ Bir Miftuħ Dun Bertu Mangion, l-Isqof Tumas Gargallo, preċiżament fid-29 ta’ Mejju, fired mill-matriċi ta’ Bir Miftuħ lill-knisja ta’ Ħal Kirkop, taħt it-titlu ta’ San Ġakbu. Hawnhekk ittellgħet knisja ġdida li ġabret magħha l-irħula ta’ Ħal Safi u Imqabba. X’aktarx li t-talb ta’ l-abitanti ma waqafx għaliex nhar is-16 ta’ Settembru tas-sena 1598 l-imsemmi Gargallo fired mill-ġdid iż-żewġ knejjes mill-parroċċa ta’ Ħal Kirkop u waqqafhom f’żewġ parroċċi għalihom.



Dehra ġenerali tar-raħal ta’ l-Imqabba mill-ajru.

## 250 Sena ilu … Jitwaħħal l-arloġġ tal-Knisja Parrokkjali dedikata lil Santa Marija (1758):

Meta l-Imqabba twaqqfet bħala parroċċa, il-funzjonijiet kienu jsiru fil-knisja ta’ San Bażilju li kienet ewlenija fir-raħal u akbar minn dik ta’ l-Assunta. Il-knisja ta’ San Bażilju baqgħet taqdi lill-poplu Mqabbi sakemm ittellgħet il-knisja li naraw illum. X’aktarx li l-knisja l-qadima kienet imtellgħa minn ċertu Mikiel Zammit u din kien fiha ħames altari. Il-knisja parrokkjali ta’ Marija Assunta fl-Imqabba ħadet il-post ta’ żewġ knejjes, waħda dedikata lil Santa Marija u oħra li kienet magħrufa bħala tal-Viżitazzjoni. Din ta’ l-aħħar inħattet fis-sena 1686 biex bdiet tinbena l-knisja parrokkjali tal-lum. B’tifkira twaqqaf l-altar tal-Viżitazzjoni fil-korsija tal-knisja l-ġdida. Din bdiet tinbena wara l-viżta pastorali ta’ l-Isqof Balaguer fis-sena 1663. Il-knisja tlestiet minn kollox fit-28 ta’ Ġunju tas-sena 1699.

Il-knisja ż-żgħira ta’ Santa Marija ġiet imwaqqa’ wara li ntemm il-bini fuq il-ġdida peress li l-ġdida kienet mibnija madwar il-qadima. Il-knisja li naraw illum saret fi żmien il-Kappillan Dun Anġ Mallia taħt id-direzzjoni ta’ Mastru Marju Briffa u ibnu Ġammri. Din tlestiet fl-1699 iżda s-sagristija tal-lemin inbniet fl-1709. Il-knisja ġiet ikkonsagrata mill-Isqof Pellerano



L-arloġġ tal-knisja, 250 sena ilu. Illum għadna nistgħu nisimgħuh idoqq wara xogħol ta' manutenzjoni li saritlu dan l-aħħar.



L-istatwi mal-faċċata tal-Knisja li jirrappreżentaw il-Fidi, il-Karità u l-Isperanza.

nhar l-20 ta' Mejju 1774 bi flus il-qassis iben ir-raħal Dun Karlo Zammit li miet nhar is-7 ta' Jannar 1795. Il-knisja hija sempliċi però għandha arkitettura sabiħa mmens. Din għandha forma ta' salib latin u hija magħmula minn kor, żewġ kappelluni u korsija. Ta' min isemmi li l-knisja għandha kampnar wieħed. Barra l-altar maġġur insibu disa' altari oħra.

Il-knisja hija twila 114-il pied, mill-kappelluni hija wiesa' 77 pied u mill-korsija 24 pied. Il-koppla preżenti tal-knisja nbniet wara l-istraġi ta' l-aħħar gwerra dinjija mill-imgħallem Baskal Xuereb skond il-pjanta tal-perit Andrea Micallef.

Il-kampnar għadu oriġinali kif kien mibni fis-seklu sbatax. Il-kampnar hu mgħammar b'seba' qniepen. Il-kbira nħadmet fil-funderija Triganza fl-1789 u ħallas għaliha l-Kappillan Dun Aloisio Bartilmew Caraffa (200 sterlina). It-tieni waħda saret fl-1800 bit-tħabrik tal-kappillan Dun Indri Farrugia. Ġulju Cauchi ħadem żewġ qniepen oħra fl-1876 u dawn swew 116 sterlina. Waħda mill-qniepen tal-Knisja Parrokkjali ta' l-Imqabba ġiet mogħtija minn Mikiel u Ġanna Zammit fl-1931. Barra din il-qanpiena nsibu oħrajn magħmula mill-fundaturi Ġakkin Triganza u Ġulju Cauchi. Fl-1965 żdiedet qanpiena oħra mogħtija mill-aħwa Monsinjuri Ġanpatist u Anġlu Ghigo. Din ħadet post waħda mġenġla u kienet maħduma mid-ditta Bianchi ta' l-Italja.

Fl-1758 ġie mqiegħed fil-kampnar tal-knisja parrokkjali l-arloġġ maħdum minn Maestru Antonio Tanti minn Ħal Tarxien. Dan l-arloġġ qam is-somma ta' Sc 174-3. Fis-sena 1866 dan l-arloġġ kien ġie kważi mġedded kollu mill-Imqabbi Mikielanġ Sapiano u li għalih kienet intefqet is-somma ta' Sc 200.

L-arloġġ tal-Knisja nistgħu ngħidu li baqa' jaħdem sal-ġurnata tal-lum. Biss partijiet mill-mekkaniżmu tiegħu iddeterjoraw biż-żmien u għal din ir-raġuni kien għamel xi żmien wieqaf. Ftit tas-snin ilu dan l-arloġġ, kienet meħtieġa ssirlu manutenzjoni kbira sabiex finalment ikun jista' jerġa' jibda jaħdem bħas-snin ta' qabel.

Daħlu għal dan ix-xogħol tlett Imqabbin li huma s-Sur Alfred Bezzina, is-Sur Alfred Xuereb u s-Sur John Falzon li bl-esperjenza vasta tagħhom irnexxielhom b'mod volontarju jirranġaw xi ftit jew wisq dan l-arloġġ. Grazzi għal dan ix-xogħol neċessarju, illum nistgħu nerġgħu nisimgħu t-tokki ta' dan l-arloġġ li nstemgħu 250 sena ilu fir-raħal ta' l-Imqabba.

## 110 Snin ilu…Tliet statwi fil-faċċata tal-Knisja (1898):

Il-Knisja ta' l-Imqabba ġiet imtellgħa taħt it-titlu ta' l-Assunzjoni u hawn ta' min jgħid kelma dwar kif taħsibha l-liġi tal-knisja rigward it-Titular. Mis-seklu 7, il-liġijiet tal-knisja bdew jinsistu li t-titular għandu jġib biss l-isem ta' qaddis jew ta' Misteru tal-Fidi u mhux aktar tal-fundatur jew donatur tal-post bħal fi żmien l-użanza pagana. L-idea tal-qaddis padrun kompliet tissaħħaħ u ċ-ċelebrazzjonijiet inbidlu f'manifestazzjonijiet kbar ċivili, f'okkażjonijiet ta' laqgħat u swieq pubbliċi. L-offerti lil xi knisja bdew jitqiesu daqs kieku mogħtija

lill-patruna bħal ħwejjeġ imħarsa minnu u koll vjolazzjoni tal-ġid tal-knisja kienet titqies daqs kieku att konta t-titular. Skond il-liġi tal-knisja, kull knisja kkonsagrata, kull altar u kull oratorju jrid ikollu 'titolu' ta' xi qaddis, misteru tal-Fidi, ta' l-anġli jew tal-Madonna. Titolu ta' knisja ġeneralment ikun stabbilit mill-isqof li jbierek il-knisja, fuq proposta tal-poplu tal-lokal jew ta' min jieħu ħsieb dik il-knisja.

Skond ir-ritwal Ruman, isem il-qaddis jew il-Madonna jiġi msejjaħ fit-tberik ta' l-ewwel ġebla, jingħad mal-litanija tal-qaddisin u fl-orazzjonijiet tal-Konsagrazzjoni ta' l-istess tempju. Jitniżżel bil-kitba fil-parċmina li tindifen fl-altar maġġur. Il-qaddis titulari jrid ikun wieħed li ismu jidher almenu fil-Kalendarju tal-lokal.

Fis-sena 1897 kienet ġiet pjantata u magħmula l-parafulmini, għas-sigurtà tal-koppla u tal-kampnar. Din kienet maħduma minn Mastru Antonio Sidoli minn Milan ġewwa l-Italja u kienet qamet is-somma ta' 32 liri. Sena wara, fl-1898 kien imiss li fil-faċċata tal-knisja parrokkjali sewwasew fuq il-fontispizju jiġu miżjuda tliet statwi. Dawn kienu jirrappreżentaw il-Fidi, l-Isperanza u l-Karità. L-istatwi ġew maħduma minn Mastru Carmelo Mallia minn Ħal Qormi.



Monsinjur Arċisqof Mikiel Gonzi jbierek lapida kommemorattiva nhar il-Ġimgħa 28 ta' Novembru 1969, propju sabiex tfakkar l-ewwel sena mill-ftuħ ta' dan il-Youth Centre.

## 40 Sena ilu ... Jinfetaħ Youth Centre fl-Imqabba (1968):

Fl-Imqabba minn dejjem inħass il-bżonn li jinfetaħ ċentru għat-tfal u ż-żgħażagħ tal-parroċċa sabiex flimkien ikollhom fejn jirrikrejaw u jikbru fl-edukazzjoni tagħhom. Kien nhar it-28 ta' Novembru 1968 meta nfetaħ dan iċ-ċentru biswit il-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba. L-iskop kien wieħed li ż-żgħażagħ ikollhom post fejn jiltaqgħu u jitbiegħdu mill-perikli li taf toffri d-dinja. Il-post ġie mgħammar b'logħob immirat lejn iż-żgħażagħ u saħansitra kellu wkoll bottegin żgħir fih. Fl-entratura ta' dan il-post insibu lapida kommemorattiva li tbierket minn Monsinjur Arċisqof Mikiel Gonzi nhar il-Ġimgħa 28 ta' Novembru 1969, propju sabiex tfakkar l-ewwel sena mill-ftuħ ta' dan il-Youth Centre. Illum nistgħu ngħidu li dan iċ-ċentru m'għadx għandu l-funzjoni ta' ċentru għaż-żgħażagħ iżda jsiru fih diversi laqgħat minn għaqdiet differenti.

Referenzi

Descrizioni Storica tal Cnisia Parrocchiali tal Imkabba, Sac. D. Laurenz Zammit, 1927
Programm Festa Santa Marija Mqabba, 1993
L-Imqabba mal-Medda taż-żmien/editur Charles Farrugia Imqabba: Kunsill Lokali Imqabba u Parroċċa ta' l-Imqabba, 1998

*Is-Soċjetà Santa Marija*
*u Banda Re Ġorġ V*
*tirringrazzja lil*
**Dr. Mark Portelli B.A., LL.D.**
*li aċċetta li joffri l-konsulenza legali tiegħu*
*b'riżq is-Soċjetà*

# Minn fejn se jgħaddi l-marċ matul il-jiem tal-festa



Għal darba oħra permezz ta' din il-paġna se nagħtu ftit dettalji rigward ir-rotot u tagħrif ieħor fuq il-baned mistiedna. Din is-sena se jkollna diversi baned mistiedna għall-Festa Titulari ta' Santa Marija fosthom il-Banda Taljana minn Cave provinċja ta' Ruma. Però qabel ma nagħtukom aktar dettalji, nieħdu l-opportunità biex bħas-soltu nheġġukom takkumpanjaw il-marċ matul it-triq kollha, u sabiex nagħtu dehra isbaħ lir-raħal tagħna għal matul il-festa permezz tat-tiżjin mad-djar tagħkom. Infakkru wkoll fl-imġiba tajba matul il-jiem tal-festa. Għalhekk dan li ġej huwa programm fid-dettall tar-rotot tal-marċi kif ukoll is-sehem tal-baned rispettivi:

## L-Erbgħa, 30 ta' Lulju

***Bidu tal-Kwindiċina***

**8.00pm** Tiftaħ il-Festa ta' din is- sena permezz ta' Lejla Maltija bl-aqwa talent lokali.

## Il-Ħamis, 9 ta' Awwissu

***Ħruġ ta' l-Istatwa fuq iz-zuntier***

**7.30pm** Il-Banda Re Ġorġ V taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tilqa' l-Istatwa artistika u devota ta' Ommna Marija Assunta bi programm ta' innijiet Marjani fuq iz-zuntier tal-knisja. Wara, il-Banda tagħti bidu għall-Programm Vokali u Strumentali u annwali tagħha. Il-Banda Re Ġorġ V tkompli bl-impenji tagħha billi tagħmel marċ trijonfali li jibda minn ħdejn il-Każin għal Triq il-Madonna tal-Ġilju, Triq il-Missjoni ż-Żgħira, Triq il-Mitħna, Triq Santa Katarina, Pjazza tal-Knisja, u jintemm quddiem il-Każin.

## Il-Ħamis, 10 ta' Awwissu

***Jum il-Banda***

**8.15pm** Il-Banda Taljana mistiedna għall-Festa ta' din is-sena, *Associazione Bandistica Cittadina di Cave* taħt id-direzjoni ta' Mro. Giuseppe Ambrosini tagħmel marċ mat-toroq tar-raħal li jibda minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, Pjazza tal-Knisja, Duluri, Triq il-Parroċċa u jintemm quddiem il-Każin. Wara, l-istess banda tesegwixxi programm sinfoniku fuq il-planċier.

## Il-Ġimgħa, 11 ta' Awwissu

***L-ewwel Jum tat-Tridu***

**8.30pm** II-Banda San Ġużepp ta' Ħal Kirkop, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Brian Cssar tagħmel marċ li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli kif ġej: Triq San Bażilju, San Mikiel, Misraħ il-Fidwa, il-Qattara, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Barrieri, il-Ħarriġiet, Misraħ il-Fidwa, naqsmu minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija għal Triq Mons. Alfons Caruana, Mro George Martin, Ħajt tal-Matla, Triq in-Nazzarenu, Kirkop, il-Katakombi, Dun Gerald Mangion, ix-Xantin, Kirkop, in-Nazzarenu, Dun Gerald Mangion, nerġgħu naqsmu minn Triq il-Konvoj ta' Santa Marija għal Triq il-Kileb, iċ-Ċavi, Mikielanġ Sapiano, Sqaq l-Isptar, il-Pjazza tal-Parroċċa fejn jintemm quddiem il-Każin.



Is-Sezzjoni Żgħażagħ Santa Marija Est. 1993

tippreżenta

# IL-MARĊ TA' L-AĦĦAR TRIDU

## L-Erbgħa 13 t'Awwissu - Pjazza ta' l-Imqabba

22:30 - Il-Qofol tal-Marċ Tradizzjonali ta' l-Aħħar Tridu u l-Inawgurazzjoni ta' Sorpriża Artistika Unika u Oriġinali.

23:30 - Bidu ta' Ċelebrazzjonijiet bi Programm ta' Briju Organizzat bi spettakli awdjo-viżivi u sorpriża nnovattiva oħra quddiem is-Sede tas-Soċjetà.



## It-Tlieta, 12 ta' Awwissu

***It-Tieni Jum tat-Tridu***

8.15pm Il-Banda Sant'Elena ta' Birkirkara, taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Vella, tagħmel marċ (sponsorjat mis-Sezzjoni Żgħażagħ) li jibda minn quddiem il-Każin u tkompli tallegrana b'sett marċi brijużi fit-toroq li ġejjin: Triq il-Madonna tal-Ġilju, l-Aħwa Ghigo, Barumbara, ix-Xriek, il-Mitħna, it-Troll, is-Sejba, il-Konvoj ta' Santa Marija, il-Murselli, Kirkop, Familja Brancati, Spnar, tat-Torba, Żurrieq, Saljatura, Qrendi, Santa Katerina, San Innoċenzju, iċ-Ċavi, Santa Marija, Santa Katerina, il-Kileb, Mikielanġ Sapiano, iI-Konvoj ta' Santa Marija, Karmenu Ciantar, il-Pjazza tal-Parroċċa, Triq id-Duluri, il-Parroċċa u jintemm fil-Pjazza quddiem iI-Każin.

## L-Erbgħa, 13 ta' Awwissu

***It-Tielet Jum tat-Tridu***

**8.30pm** II-Banda Re Ġorġ V tagħmel il-marċ tradizzjonali tagħha fost il-briju kbir u l-ispettaklu li ħejjew għalina s-Sezzjoni Żgħażagħ. Il-marċ jibda minn quddiem il-Każin u jkompli hekk kif ġej: Triq San Bażilju, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa mit-tarf, Pjazza tal-Knisja, San Bażilju u jintemm fil-Pjazza tal-Knisja quddiem il-Każin.

## Il-Ħamis, 14 ta' Awwissu

***Lejlet il-Festa***

**8.00pm** Il-Banda San Mikiel ta' Ħaż-Żabbar, taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius tibda marċ mat-toroq ta' l-Imqabba li jibda minn Triq Santa Katarina u jgħaddi kif ġej: San Innoċenzju, Mikielanġ Sapiano, Konvoj ta' Santa Marija, Karmenu Ciantar u jintemm fil-Pjazza tal-Knisja quddiem il-Każin.

**8.30pm** Il-Banda Taljana, *Associazione Bandistica Cittadina di Cave* taħt id-direzzjoni ta' Mro. Giuseppe Ambrosini tesegwixxi Programm Strumentali ġewwa l-pjazza.

**10.30pm** Taħt id-direzzjoni ta' Mro. David Agius, il-Banda San Mikiel ta' Ħaż Żabbar tagħlaq is-serata mużikali permezz ta' programm strumentali quddiem il-Każin.

## Il-Ġimgħa, 15 ta' Awwissu

***L-Għid ta' l-Assunta***

**12.00pm** Il-Banda Re Ġorġ V, taħt it-tmexxija ta' Mro. D. Agius, A.Mus.V.C.M., tagħmel il-marċ tradizzjonali ta' filgħodu li jibda minn quddiem il-Każin u jkompli għal Triq Madnna tal-Ġilju, Xriek, Santa Katerina, Santa Marija, iċ-Ċavi, Mikielanġ Sapiano, San Innoċenzju, Santa Katerina, San Bażilju, il-Lanġasa, Valletta, il-Fjuri, il-Parroċċa, għall-Pjazza quddiem il-Każin.

**6.30pm** Il-Banda Taljana *Associazione Bandistica Cittadina di Cave* taħt it-tmexxija ta' Mro. Giuseppe Abrosini, tibda marċ minn quddiem il-Każin għal Triq San Bażilju, Valletta, Triq il-Parroċċa u lura għall-pjazza. Tidħol fiz-zuntier tal-knisja u tilqa' l-ħruġ ta' l-Istatwa artistika ta' Santa Marija b'innijiet Marjani. Wara, il-Banda tkompli takkumpanja l-Istatwa tul il-purċissjoni.

**7.15pm** II-Banda Queen Victoria flimkien mas-Soprana Marie Theresa Vassallo ssellem lill-Istatwa bl-Ave Marija. Wara l-Banda tibda marċ minn quddiem il-Każin għal Triq San Bażilju, Triq Santa Katarina, Xriek, Triq il-Madonna tal-Ġilju, għall-Pjazza quddiem il-Każin.

**8.45pm** Hekk kif l-Istatwa tasal quddiem il-Każin tas-Soċjetà tagħna, il-Banda Queen Victoria taż-Żurrieq, taħt it-tmexxija ta' Mro. A. Farrugia, L.Mus.L.C.M. tesegwixxi l-kbir Innu lil Marija Mtellgħa s-Sema, kompożizzjoni tal-maħbub u qatt minsi ex-Surmast Chev. G. Martin, A.Mus.L.C.M.,O.S.T.J., fuq versi tad-Direttur Spiritwali Patri J.M. Ghigo SJ. Ikantaw it-Tenur Andrew Sapiano u l-Baritonu Piju Dalli, flimkien mal-Kor Parrokkjali San Ġużepp tal-Kalkara mmexxi mis-Sur Samuel Bezzina A.T.C.L.. A.L.C.M. Wara, bis-sehem ta' l-istess Kor, jiġi esegwit l-Innu Marċ Popolari Marija Assunta, kliem u mużika tal-mibki Mro. Leonard Farrugia. L-istess Banda tkompli bil-Programm Strumentali tagħha sakemm jasal il-ħin tad-dħul tal-purċissjoni meta terġa' ssellem lil Ommna Marija Assunta bid-daqq ta' l-Ave Maria.

**10.30pm** Wara l-Barka Sagramentali u r-ringrazzjament kollettiv fil-Knisja mill-Għaqda tan-Nar tas-Soċjetà, il-Banda Taljana, *Associazione Bandistica Cittadina di Cave*, jagħlqu l-Festa b'daqq ta' mużika leġġera quddiem il-Każin.



# Il-Gżejjer ta' San Pawl ikkonsagrati lill-Assunta



**Patri Joseph Zahra**
*Direttur Spiritwali*

## *Kitba dwar "Is-sena Pawlina"*

*Il-Papa Benedittu XVI, ipprokklama s-Sena Pawlina b'dan il-kliem:*

*"... propju għalhekk, ninsab kuntent, li qed inħabbar uffiċjalment li għall-Appostlu Pawlu, niddikjaraw sena Ġubilari speċjali,* **mit- 28 Ġunju 2008 sad-29 Ġunju 2009** *fl-okkażjoni tal-bimillennarju minn twelidu!"*

*Għalina l-Maltin, din is-sena hija okkażjoni speċjali. Mhux biss bħala nsara fil-gżejjer ta' l-Appostlu Pawlu, imma wkoll bħala pajjiż sħiħ li hu kkonsagrat lill-Assunta.* San Pawl wasal Malta propju b'intervent għal kollox providenzjali. Dan jirrakkuntah tajjeb ħafna San Luqa li kiteb l-Atti ta' l-Appostli u li fil-vjaġġ lejn Ruma kien qed jakkumpanja lill-istess San Pawl. San Luqa fl-Atti kapitlu 27 versi minn 21 sa 26, jirrakkonta li San Pawl għolla leħnu u qal:

"Ħbieb, kien imisskom smajtu minni u ma tlaqtux minn Kreta; kontu teħilsu minn din il-ħsara u dan it-telf. Imma issa nwissikom biex tagħmlu l-qalb, għax ħadd minnkom m'hu se jitlef ħajtu; il-ġifen biss jintilef. Għax dal-lejl deherli anġlu ta' dak Alla li tiegħu jien u li lilu nqim, u qalli: Tibżax Pawlu. Jeħtieġ li int tidher quddiem Ċesari; ara, Alla tak il-grazzja li dawk kollha li qegħdin jivvjaġġaw miegħek isalvaw. Mela qawwu qalbkom ħbieb. Jien nemmen f'Alla li hekk isir, sewwa sew kif ħabbarli. Jinħtieġ li naħbtu ma' gżira."

### San Luqa jirrakkonta wkoll fl-Atti kapitlu 28 versi minn 1 sa 2:

"Meta ħlisna mill-għarqa, sirna nafu li l-gżira kien jisimha Malta. In-nies tagħha ġiebu ruħhom magħna bi ħlewwa liema bħalha. Laqgħuna tajjeb lilna lkoll u qabbdulna ħuġġieġa, għax kienet bdiet nieżla x-xita u kien il-bard".

It-tliet xhur li San Pawl u San Luqa għaddew fostna, kienu xhur li mmarkaw lil pajjiżna bix-xandir ta' l-Aħbar it-Tajba u b'mirakli. Fil-fatt, San Luqa jsemmi wkoll il-fejqan ta' Missier Publiju u ta' ħafna morda oħra li mbagħad ġew għand San Pawl u dan fejjaqhom. (ara Atti 28:8-9).

Tradizzjoni antikissima tgħidilna li San Luqa stess kemm dam fostna flimkien ma' San Pawl, pitter fuq il-blat samm ta' gżiritna x-xbiha tal-Omm Qaddisa ta' Alla.

Qed nirreferi għall-Madonna tal-Mellieħa. Dan il-ġest jindika forsi parti mill-predikazzjoni li seħħet hawn Malta minn San Pawl innifsu. Ma nkunux sejrin żball li



Il-Papa Benedittu XVI li pproklama s-sena Pawlina.



L-E.T. Arċisqof ta' Malta, Mons. Pawlu Cremona ħdejn l-istatwa ta' San Pawl.

## UV SCREEN PRINTERS

*We can create your Tops from A to Z*

**Numbers (small & large) • Printed & Embroider Logos**

- T-Shirts
- Flags
- Pvc Cards
- Scarves
- Banners
- Clocks
- Caps
- Stickers
- Small items

**Triq in-Nassab, Qormi**
**Tel: 2144 0815 • Fax: 2144 0832 • Mob: 9942 9798**
**E-mail: uvprint@waldonet.net.mt**


## IS-SOÇJETÀ SANTA MARIJA U BANDA RE ĠORĠ V

qiegħda turi l-apprezzament tagħha lill-kumitat u l-istaff tekniku kollu ta'

**Mqabba Football Club Youth Nursery**

għax-xogħol siewi li qiegħda tagħmel mat-tfal u ż-żgħażagħ tar-raħal tagħna.

*Mqabba FC Youth Nursery tixtieq tavża li qiegħda tilqa' l-applikazzjonijiet mingħand il-ġenituri ta' tfal li huma mħajra li jingħaqdu man-nursery. Qegħdin naċċettaw tfal minn ħames snin (5) 'il fuq. Min hu interessat jista' jikkuntattja lis-Sur Mark Bondin fuq in-numru 7905 1404. L-applikazzjonijiet jibqgħu jintlaqgħu matul l-istaġun kollu.*

*Għal dawn l-aħħar snin, Mqabba FC Youth Nursery qiegħda tgawdi minn faċilitajiet ġodda fosthom grawnd sintetiku li jifforma parti mill-kumpless ta' Mqabba Football Club.*



Santa Marija meqjuma fir-raħal ta' l-Imqabba.

ngħidu dan, għax żgur li kemm dam fostna l-Appostlu tal-ġnus, tkellem u għallem dwar l-Inkarnazzjoni tal-Verb Divin, bħalma żgur ippriedka wkoll is-salib tal-Mulej. Din ix-xbiha, impittra minn San Luqa fil-fatt turi dan il-misteru ta' l-Inkarnazzjoni, għax fuq ħoġor Marija tidher ukoll ix-xbiha ta' Ġesù tarbija.

Minn dan diġà nistgħu nitkellmu minn preżenza Marjana fi gżiritna sa mill-eqdem żminijiet tal-kristjaneżmu. U allura jekk qed nitkellmu minn preżenza Marjana, għax ma nitkellmux ukoll minn konsagrazzjoni li tfisser dedikazzjoni. Jekk fuq il-blat Malti, ġiet impittra x-xbiha ta' l-Omm Qaddisa tagħna, dan ifisser ukoll li Malta tagħna mhux biss isem Marija għandha minqux fiha, imma ukoll il-persuna tagħha u ta' binha Ġesù, veru Alla u veru bniedem.

Hawn ma nistgħux ma nsemmux dak li seħħ 66 sena ilu, meta fil-jum l-aktar solenni ta' l-Għid tal-Assunta, fid-9.30 ta' fil-għodu, wasal b'mod providenzjali wkoll, bħalma kien wasal fostna l-Appostlu Pawlu, il-konvoj li salva lil pajjiżna mil-ġuħ.

Kif kien xieraq mhux biss dan il-konvoj baqa' msemmi bħala l-konvoj ta' Santa Marija, imma wkoll, b'ringrazzjament lil Alla u lil Sidtna Marija Mtellgħa fis-sema, l-awtoritajiet ekkleżjastiċi tagħna, iddeċidew li jikkonsagraw lil gżiritna f'isem l-Assunta.

Għalhekk din is-sena għalina l-Maltin devoti ta' l-Assunta u ta' San Pawl, għandha tkun sena verament ta' grazzja. Ejjew inħallu lil San Pawl ikompli jgħidilna:

"Jekk għandkom bl-eluf għalliema fi Kristu, m'għandkomx ħafna missirijiet, għax jien hu li bl-Evanġelju nissiltkom fi Kristu" (1 Kor 4:15).

Fostna llum qed jidħlu ħafna li qed jippruvaw jgħallmuna fuq Kristu, imma qed jgħallmuna tagħlim żbaljat. Qegħdin jiċħdu l-privileġġi singulari ta' Marija. Ma jridux jaċċettawha bħala Omm Alla u ommna. Qegħdin jippridkaw kontra s-sagramenti li ħallielna Ġesù nnifsu, b'mod partikulari l-Qrar u l-Ewkaristija.

Hemm bżonn għalhekk li matul din is-sena aħna nħallu lir-ragħaj spiritwali tagħna jmexxina. Il-messaġġ ta' l-Arċisqof Pawlu Cremona O.P. li qed jagħtina fil-bidu ta' din is-Sena Ġubilari huwa dan:

*"Jalla l-Gżejjer Maltin li laqgħu lil Pawlu bi ħġarhom u ħaddnu l-Isem ta' Ġesù, illum jerġgħu jagħtu widen lil dan l-Appostlu, u jħallu l-qawwa tal-Kelma li hu xandrilhom tidħol fil-qlub ta' ħafna."* **(Ittra Pastorali, 29 ta' Ġunju 2008).**

Ejjew mela nilqgħu din l-istedina li qed issirilna llum mill-Arċiqof tagħna, u nkomplu nkunu poplu li nibqgħu nilqgħu lil Ġesù li qed jgħaddulna San Pawl u l-Verġni mbierka mtellgħa s-sema, li f'isimha l-gżejjer tagħna u ta' Pawlu huma kkonsagrati.



Dehra tal-Konvoj ta' Santa Marija li rnexxielu jidħol fil-port il-Kbir bis-saħħa tal-Madonna.

*"Jalla l-Gżejjer Maltin li laqgħu lil Pawlu bi ħġarhom u ħaddnu l-Isem ta' Ġesù, illum jerġgħu jagħtu widen lil dan l-Appostlu…"*



# L-għasfur tal-Ħniena

minn Giovanni Farrugia

Ghaddejt darba
jien minn storja
U hsibt
jien f'dil-poeżija

Ghaddiet il-Festa
15 ta' Awwissu,
Settembru beda w mar
Ottubru wasal, b'ħabib tqisu.

Dan hu xahar tar-Rużarju
Li permezz tieghu
Lil Marija setghana
Nitolbu kulħadd mieghu

Kienet ġurnata
Ta' dwejjaq wisq ghalija
Bdejt naħseb
Issa xitwa ġejja u l-bqija

Kien xi s-sebgha ta' filghodu
Is-shab jiżfen mal-mewġ tar-riħ
Temp frisk liema bħalu
Ghodwa sabiħa, tista' tistrieħ

Kif fuq il-bejt jien tlajt
Nara lil Santa Marija fuq il-Każin
Dejjem tħares 'il fuq
Fejn hemm l-anġli u l-qaddisin

Bi shab madwarha ghaddej
F'sema ikħal nir
Daqqa jimxi u daqqa jdur
B'veduta mill-isbaħ li qatt ma ttir

Madwarha fl-art u fis-sema
Kien kollox hemda u skiet
Miksur mill-għanja tal-ghasafar
Li jtiru mal-fewġiet

F'dawk is-sighat bikrija
Li jghaxxqu l-ghajn u l-qalb
Meta l-ħolqien madwarek
Jerfa' r-ruħ ghat-talb

Lejn il-Madonna
Ħarist ghal darba tnejn
Sthajjiltha li qed tghidli
'Ghidli taħlix żmien ghalxejn'

Bdejt inħossha itfarraġni
Meta lejha nhares u lilha nsib
Qisa riedet tghidli
'X'jonqsok ibni, xi trid?'

B'dik il-ħarsa ħelwa
Bdejt inħossni serħan
U x'ħin lejha nerġa' nhares
Bdejt inħossni iktar ferħan

Oh Santa Marija int li thenn
Ghall-hosbenin
Tħarisx lejn ix-xellug
Imma ħares lejn il-lemin

Hemm tara lili
Mal-ħosbenin
Qiegħed nitlob
Lil Alla ħanin



L-istatwa tal-Madonna fuq il-bejt tal-Każin tas-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V ta' l-Imqabba.

Ghax bżonnok ghandi
Sew f'dal-ħin
Ninsab waħdi
Bħal tifel iltim

Issa dalam
U spiċċa l-jum
Però fuq il-bejt
Bdejt nitla' kuljum

Fis-sebgħa ta' filgħodu
Inħares lejn l-istatwa nkun
Xemx jew riħ
It-temp ikun x'ikun

U issa din l-istorja
Li jien ma ninsa qatt
Ġbartha fi kliem ħlejju
Biex nghidha lil kulħadd

Ma jista' jmerini ħadd
Ghax minnha jien ghaddejt
Li lil Marija nitlob
Waqt li kont fuq il-bejt

F'ħin eżatt ghasfur beda jiġi
Minn fuq id Santa Marija
Biex kumpanija jghamilli
Waqt li jien kon intiha foħrija

Dan żgur
Ghasfur tal-ħniena
Ġo qalbi kont inghid
Santa Marija baghtitu, ta' qalb ħanina

Dan il-jum
Ġie mar u tar
Però baqa'
Biss l-imrar

Sebaħ l-għada filgħodu
Temp sabiħ b'arja friska
Erġajt fuq il-bejt kont
U biex ninsa ftit ħsibt li nikteb strixxa

Però x'ħin fuq il-bejt nitla'
Ghajnejja fuqha tmur
L-għażiża Santa Marija
Il-grazzja taqlali żgur

Waqt li jiena
Naħseb kont
L-ghasfur reġa'
Ġie fil-pront

L-ghasfur tal-ħniena
Li bħalu qatt ma rajt
Jixbaħ ħafna lil kanarin
Però bħal leħnu qatt ma smajt



Għannieli ftit
U fuq id Santa Marija mar
Fis-sebgħa huwa ġie
Fit-tmienja reġa' tar

Reġa' ġie
Il-jum tat-Tnejn
Eżatt mal-ħin
Ma niġix, mnejn sa fejn

Bdejt inhossu
Jgħidli f'qalbi
Li Santa Marija
Se tisma' talbi

L-għanja ħelwa
Li beda jgħanni
Hassejtni tassew hieni
Li kuntentizza veru tani

Reġa' fuq id Santa Marija mar
Lura ġie b'karta f'ħalqu
Telaqha ħdejja w tar
Qaddej tajjeb ta' min ħalqu

Din il-karta
Kienet bajda bħall-ħalib
Donni ried hu li jgħidli
'Ħudha ħabib'

Il-karta bajda
Kienet tfisser
Li l-inkwiet
Kien ser jitkisser

Għax x'ħin
Isfel inżilt
Ittra nsib
Li mill-eżami għaddejt

L-għada reġa' ġie
Tal-ħniena l-għasfur
Ferħan u jgħanni
Qisu ried jgħidli: 'Ferħan żgur'

Stħajjiltu jgħidli: 'Ħija l-għażiż
Int f'Santa Marija sostnejt
Il-fidi tiegħek
U ħallstek talli batejt'

Hekk spiċċat
Il-poeżija li dommejt
Grazzi lil Santa Marija
Li minn qalbi jien offrejt

Int oh ħelwa Santa Marija
Tinsab fl-għoli tal-każin
Temp tajjeb jew ħażin
Henn għalina l-Imqabbin

Ċerti li ħsiebna tieħu
Dejjem u f'kull ħin
Fil-ferħ u fin-niket
Rieqda jew imqajmin

Dan il-ħsieb
Irridu nżommu fina
Biex tikber l-imħabba
Lejn din l-Omm ħanina

U tkompli fuqna tixħet tbissima
B'dawk l-għajnejn ħelwin
B'ħarsa li dejjem tgħaxxaq
Tal-qlub tagħna l-Imqabbin



**Vince Agius (nofs) rebbieħ tal-kampjonat organizzat mill-Island Motorcycle Racing Club, bit-tieni u t-tielet postijiet jispiċċaw Paul Deguara u Gilbert Zerafa rispettivament.**

*Is-Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V*
*tixtieq tifraħ lis-Sur Vince Agius,*
*għas-suċċess kbir miksub minnu*
*meta rebaħ il-kampjonat ta' tiġrijiet ta'*
*l-iscooters 2008 ġewwa Ħal Far,*
*organizzat*
*mill-Għaqda Island Motorcycle Racing Club ta' Malta.*

# Marija għadha tkellimna minn Lourdes 150 sena wara



minn Rev. Dun Jonathan Farrugia
*B.A. (Hons.) B.A. Theol. & Hum. Stud. S.Th.B.*

## Kronoloġija tad-dehriet…

11/02/1858 Is-Sinjura l-Bajda tidher fil-grotta bla ma titkellem, għall-ħabta ta' 12:00.

14/02/1858 Is-Sinjura terġa' tidher. Din id-darba ma' Bernadette kien hemm 10 persuni oħra, li ma jarawhiex. Jintefa' l-ilma mbierek lejn is-Sinjura, li ma tagħmel l-ebda reazzjoni.

18/02/1858 L-għada ta' Ras ir-Randan. Is-Sinjura tistieden lil Bernadette tmur iżżurha erbatax-il ġurnata, u twiegħedha ferħ mhux ta' din id-dinja.

19/02/1858 Is-Sinjura tidher kmieni fil-għodu, bla ma titkellem. Kien hemm tmien persuni oħra preżenti li ma raw xejn.

20/02/1858 Is-Sinjura tidher għall-ħabta tas-6:00 ta' fil-għodu, u titlob fis-skiet. Kien hemm madwar tletin persuna oħra.

21/02/1858 Id-dehra sseħħ kmieni fil-għodu fil-preżenza ta' 120 persuna. Bernadette kellha l-ewwel interrogazzjoni mill-Ispettur Jacomet.

23/02/1858 Fit-22 tax-xahar ma kienx hemm dehra. F'din id-dehra sar l-ewwel miraklu tax-xemgħa, fejn waqt li kienet qed tinħaraq ix-xemgħa, il-fjamma waslet sa idejn Bernadette u din ma ġarrbet u ħasset l-ebda ħruq. Seħħet l-ewwel konverżjoni ta' persuna li kienet telqet il-Fidi. Il-Madonna ħeġġet lil Bernadette għat-talb personali.

24/02/0858 Il-Madonna tat il-messaġġ tal-penitenza għall-midinbin. Kien hemm 250 persuna preżenti.

25/02/1858 Bernadette ssib in-nixxiegħa ta' l-ilma mirakoluż wara li Marija turiha fejn tħaffer. Il-Madonna ssejjaħ tliet darbiet lill-midinbin għall-penitenza "Penitenza! Penitenza! Penitenza!" Kien hemm mitt persuna aktar mill-ġurnata ta' qabel. Bernadette ġiet interrogata minn Dutour.

27/02/1858 Kien hemm 800 persuna preżenti u l-Madonna tat l-istess messaġġ bħal jumejn qabel. Tgħid lil Bernadette tagħmel xi eżerċizzi ta' penitenza.

28/02/1858 1,150 persuna preżenti. Bernadette ġiet interrogata minn imħallef, tabib u spettur tal-pulizija.

1/03/1858 Il-Madonna tbierek il-kuruni tar-rużarju ta' l-1,450 persuna preżenti.

2/03/1858 Marija tgħid lil Bernadette tordna lis-saċerdoti jagħmlu purċissjoni sal-grotta u jibnu kappella f'ġieħHa. It-tfalja tgħid dan lill-kappillan Peyramale u hu jweġibha tgħid lis-Sinjura biex is-siġra tal-ward li kellu fil-ġnien twarrad barra minn żmienha.

3/03/1858 Bernadette tgħaddi l-messaġġ tal-kappillan lis-Sinjura. Il-Madonna terġa' tordna l-bini tal-kappella. Wara d-dehra l-grotta ġiet eżaminata.

4/03/1858 L-aħħar dehra tal-ġimgħatejn. Kien hemm 10,000 persuna preżenti. Bernadette ġiet imwassla sal-grotta eskortata mill-armata. Wara sarilha eżami mediku.

25/03/1858 Festa ta' l-Annunzjazzjoni. Fuq talba ta' Bernadette, is-Sinjura tgħid min hi: "Jien il-Kunċizzjoni Immakulata". Id-dehra damet siegħa.

7/04/1858 It-tieni miraklu tax-xemgħa. Id-dehra damet siegħa. Bernadette ġiet eżminata mit-Tabib Dozous.

16/07/1858 Festa tal-Madonna tal-Karmnu. Bernadette tara lill-Madonna "isbaħ minn qatt qabel".

"Niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom u għolla liċ-ċkejknin…"

Kull meta Marija għażlet li tidher lil xi persuna, qatt ma għażlet xi kbarat, anzi kienet dejjem tagħżel tfal jew żgħażagħ ta' ftit skola… bħal Santa Bernadette. Dak li Alla għamel magħHa, Hi għażlet li tagħmlu ma' l-oħrajn. LilHa għażilha għax kienet umli, għalhekk Hi għażlet li l-umli jkunu li jarawHa.

Dan diġà huwa messaġġ fih innifsu – biex nidħlu fl-għaqda intima ma' Alla, irridu nkunu bħal Ommu, umli, ċkejknin, safja. Ma nistgħux nersqu lejn id-Divin bil-kburija! Il-ftaħir ibiegħedna minnu.




# Ġrajjiet is-Soċjetà Santa Marija u l-Banda Re Ġorġ V fl-Istorja ta' l-Imqabba

miġbura fi ktieb ta' Carmen Lia

• Ktieb utli għall-istudenti ta' l-Istorja

• *Rigal uniku għal qrabatna Emigranti*

Jista' jinxtara
mill-Każin
tas-Soċjetà Santa Marija
u Banda Re Ġorġ V

# STONE ART WORKS

Old Valletta Road, Mqabba

Mob: 7973 0206







Marija tħeġġeġ lil Bernadette, tfajla qaddisa, biex tagħmel il-penitenza u titlob għall-midinbin… żgur li dan ma kellhiex bżonn tagħmlu għaliha! Imma Marija, l-istess kif daħlet għall-għarajjes fit-tieġ ta' Kana, tħeġġiġna biex aħna li nħobbu lilHa, nitolbu u nagħmlu l-penitenza għal dawk li huma mbiegħdin minnHa u minn Binha.

L-imħabba vera ma tintweriex biss ma' dawk li huma qrib tagħna, imma anke ma' dawk li jinsabu maqtugħin minna… anke dawk li jobogħduna; u l-imħabba vera tidher fejn tidħol it-tbatija, għalhekk is-sejħa għall-penitenza għall-konverżjoni tal-midinbin.

Marija dejjem dehret bil-kuruna tar-Rużaju, it-talba li tant tħobb. Ħasra li din it-talba li Ommna tas-sema tant tgħożż qegħdin inħalluha tmut ftit ftit… Tajjeb li mhux biss fil-festi u s-solennitajiet tal-Madonna, imma b'mod speċjali f'dawn, niftakru nitolbu din it-talba għall-ġid tagħna u għall-glorja ta' Marija.

L-uniċi affarijiet li Marija li titlob għaliha nnifisha huma "purċissjoni u kappella". Purċissjoni hija manifestazzjoni pubblika ta' fidi; kappella hija maqdes, post it-talb. Marija m'għandhiex bżonn nies iċapċpulHa u jgħajtu quddiemHa, lanqas ma għandha bżonn knejjes imżejnin sbieħ u pjazez u toroq imżejnin isbaħ… li trid huma ulied li jħobbuHa, li jimitawHa, li jżommu



**Mużajk li hemm fil-Bażilka tar-Rużarju ġewwa Lourdes: jirrappreżenta l-Assunzjoni. Biss insibu li l-Madonna hija liebsa bħal kif normalment insibuha fi xbiehat u pitturi ta' Lourdes.**

ġisimhom sabiħ bħal tagħHa, li ma jisthux juru fil-pubbliku dak li jemmnu fih, li jfittxu l-mumenti meta jmorru f'dar Binha, fil-maqdes, biex jiltaqgħu miegħu…

Kapaċi aħna nkunu tassew l-ulied li tixtieq li jkollha l-Omm tagħna tas-sema?

Dolceria
Primavera

CATERERS FOR ALL OCCASIONS

SCHOOL STREET, TARXIEN
TEL: 2182 6226, 2167 7098 FAX: 2167 6891

# L-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes fl-Imqabba



minn Dun Jonathan Farrugia

*B.A. (Hons.) B.A. Theol. & Hum. Stud. S.Th.B.*



L-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes li llum tinsab fil-Youth Centre.

Fir-raħal tagħna ma nsibu l-ebda artal jew sotto-kwadru ddedikat lill-Madonna ta' Lourdes - ħaġa kemmxejn stramba meta niftakru li fir-raħal ġar tagħna, il-Qrendi, hemm fratellanza u devozjoni qawwija lejn il-Madonna taħt dan it-titlu!

Dan ma jfissirx, iżda, li fl-imghoddi ma kienx hemm devozzjoni lejn il-Madonna li dehret lil tfajla sempliċi f'raħal ċkejken fi Franza. Ritratt antik tal-knisja armata għall-festa titulari ta' Santa Marija ta' l-1896 juri li mal-pilastri prinċipali kien hemm żewġ niċeċ iħarsu lejn il-presbiterju. Ħarsa mill-qrib ta' l-istatwa ċkejkna li tidher fin-niċċa maġenb il-vara ta' l-Assunta armata turi li din ma hi xejn għajr statwa tal-Madonna ta' Lourdes! Meta saret din l-istatwa u x'sar minnha?

Fil-ktejjeb ta' l-istoriku Mqabbi Dun Laurenz Zammit, insibu nota ċkejkna dwar l-oriġni ta' din l-istatwa: Fdin il Cnisia jinsabu hames statui iddedicati lil B. V. Maria. 1. Listatua tal Assunta scolpita fuq l'injam min mrù Xandru Farrugia miz-Zeitun fl 1836; 2 Statua plastic tal B.V. Maria taht ittitolu tal gigliu mghamula mil artist Giovanni Darmanin fissena 1876. 3 Statua tal B.V. tar-Rusariu, 4 tas-Sultana tal kalb Imkazza ta Gesù mghamula f'Marsilia a spejes ta Mons. P. Pullicino, 5 u ta' Lourdes a spejes ta Innocenzu Zammit.[1]

Minn din in-nota qasira naslu għal xi ftit konklużjonijiet. L-istatwa tidher li hija magħmula minn xi materjal vojt, għalhekk hija probabilment statwa li nxtrat minn fabbrika ta' l-istatwi mhux inħadmet apposta għall-Imqabba. Mir-ritratt nafu li kienet diġa' fil-knisja fl-1896. L-isem ta' Innoċenzu Zammit m'huwiex ġdid għalina l-Imqabbin – huwa isem ir-raġel li fl-1876 kien ħallas għall-istatwa tal-Madonna tal-Ġilju. Naħseb li huwa l-istess raġel ghax kemm jista' jkun li kien hemm irġiel bl-istess isem u kunjom li kienu jħobbu jixtru l-istatwi u jtuhom lill-knisja!? Jekk dan Zammit huwa l-istess wieħed, dan iwassalna biex naħsbu li din l-istatwa nxtrat fl-istess żmien meta ġiet il-Madonna tal-Ġilju, jiġifieri madwar ghoxrin sena wara d-dehriet



Ritratt antik li fih tidher l-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes fil-knisja.

tal-Madonna f'Lourdes. Għalhekk huwa wisq probabbli li din l-istatwa oriġinat fi Franza stess, għax mhux probabbli li minn żmien daqshekk bikri wara d-dehriet bdew isiru statwi ta' din il-Madonna barra mil-lok fejn seħħew.

Hija statwa għolja xi metru, sempliċi, imma ħelwa ħafna. Tidher kif soltu mdorrijin naraw il-Madonna ta' Lourdes: b'idejha flimkien, bil-kuruna tar-Rużarju mdendla minn dirgħajha, ħarsitha 'il fuq, liebsa libsa bajda b'faxxa kaħla. Ma jonqsux il-wardiet tad-deheb fuq riġlejha. Il-bażi hija forma ta' blata li fuqha Marija tidher qisha se tagħti pass. Il-libsa għandha disinn irqiq ta' deheb li jinqala' fuq l-abjad. Xejn speċjali, imma fina u tiġbdek.

M'hijiex ħaġa ta' l-iskantament li ladarba kien hawn din l-istatwa fil-knisja, kienet issir ukoll xi forma ta' ċelebrazzjoni fil-festa tal-Madonna ta' Lourdes, li taħbat nhar il-11 ta' Frar. Matul is-sena kienet tinżamm f'niċċa barokka ta' l-injam mal-pilastru tal-lemin, tħares lejn l-artal. Pariġġħa fuq in-naħa l-oħra kienet tinżamm l-istatwa tas-Sultana tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù.[2] Probabbli fil-festa kienet tintrama fuq xi altar jew forsi kienu jitpoġġew xi gandlieri bix-xemgħat quddiemha u titħalla fin-niċċa.

Damet fil-knisja parrokkjali sa xi żmien qabel it-Tieni Gwerra Dinjija, meta l-Isqof Mawru Caruana,[3] waqt viżta pastorali ordna li din u l-istatwa tas-Sultana tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù jitneħħew mill-knisja.[4] Ħabat tajjeb, għax kieku baqgħet hemm żgur ma kinetx teħlisha mill-ħerba tal-gwerra peress li kienet tinsab eżatt bejn il-koppla u l-kappellun ta' l-Agunija! Meta tneħħiet, din ittieħdet fi-kappella ta' San Bażilju. In-niċċa l-oħra, li sfat vojta, imtliet bl-istatwa ta' Sant'Anjeże li saret minn Anton Zammit fil-bidu tas-snin Sebgħin. Damet f'San Bażilju sakemm bdew ix-xogħlijiet ta' restawr fl-2006. Minn dik is-sena tpoġġiet fil-Youth Centre fejn għadha sal-lum. Ħasra li almenu din is-sena, meta bħala Knisja qed niċċelebraw il-150 sena mid-dehriet tal-Madonna f'Lourdes, ma reġgħetx intramat b'mod xieraq għal dakinhar tal-festa. Żgur li din il-ġawhra ċkejkna jisthoqqilha tkun apprezzata aktar.



L-istatwa tal-Madonna ta' Lourdes fl-antik kienet tinsab ġo niċċa fil-knisja parrokkjali ta' l-Imqabba.



Wiċċ tal-Madonna ta' Lourdes li tinsab fil-parroċċa ta' l-Imqabba.

Referenzi

[1] LAURENZ ZAMMIT, Descrizioni storica tal cnisia parrochiali tal Imkabba, Malta 1927, 30.

[2] Din l-istatwa kienet tkissret bi żball xi żmien wara l-gwerra.

[3] Caruana dam Isqof ta' Malta mill-1915 sa l-1943.

[4] ALEXANDER BONNICI, Santa Marija Assunta u l-Madonna tal-Ġilju: iż-żewġ statwi ewlenin ta' l-Imqabba minn L-Imqabba mal-medda tas-snin, Malta 1998, 106.





# Il-kripta tal-Knisja parrokkjali ta' Santa Marija ta' l-Imqabba

jikteb is-Sur Giovanni Farrugia

*Storiku*

Għall-ħabta ta' l-1909 il-Knisja kienet kważi lesta u fil-viżta ta' Mons Cocco Palmieri kien sar ftehim biex inaddfu l-knisja ħalli tibda tintuża għax San Bażilju bdiet issir żgħira għall-poplu ta' l-Imqabba li dejjem kien qed jikber.

Is-Sagristija l-qadima kella l-Paviment tagħha xi ftit umduż li minħabba f'hekk kienet qed issir ħsara fl-oġġetti li kienu jkunu merfugħa billi kienet nieqsa mill-ventilazzjoni. Għalhekk il-Prokuratur tal-Knisja, is-Saċerdot Dun Lawrenz Zammit, wara li spiċċa x-xogħol ta' l-iskultura, żebgħa u pittura, ħaseb biex isewwi dan il-mankament meta issa kien diġa' kienet is-sena 1900. Beda biex neħħa l-paviment ta' l-imsemmija sagristija (is-sagristija l-qadima tidħol għaliha minn naħa ta' San Bażilju) u tal-kor naddafhom u għamel ġo fihom bħal barriera, qata' ħafna ġebel u wara reġa' saqqafhom fl-istess pjan. Taħt il-kor għamel bħal caniera (kripta) fejn kellhom jiġu midfuna s-saċerdoti. U hawn bdiet l-istorja tal-kripta. Però ħalli nkomplu l-istorja tas-sagristija u tal-kor. Skond Dun Lawrenz Zammit, taħt is-sagristija l-qadima għamel depositu kbir li kien meħtieġ bil-bosta sabiex jintrefgħu l-oġġetti bħal siġġijiet, tubu li kien jintrama fil-festa tal-Qaddisin kollha nhar l-ewwel ta' Novembru, gandlieri kbar, kartelluni bil-mewt fuqhom eċċ.. Dun Lawrenz għamel żewġ turġien għal din l-ispeċi ta' kantina. Wieħed kont tinżel għalih mill-kappellun tar-Rużarju (li tneħħa meta saru l-altari nofs tont taħt il-ħnejja) u taraġ ieħor fil-forma ta' garigor minn fejn illum hemm kamra tat-*toilet*. Dan kien jagħti għall-bieb ta' barra li jagħti għan-naħa ta' San Bażilju.

Dun Lawrenz għamel villestrun kbir biex jagħti d-dawl għal ġo fih. Għamel tumbaġ jew ventilatur tond fl-art tas-sagristija li għadu hemm u għamel ieħor fil-kor li dan kien ġie mirdum mal-kripta. Dan kien f'nofs il-kor li kien jagħti għall-kripta u kellu grada tal-ħadid. Minn ġol-kor kienet tidher sewwa l-kripta. Din kienet ġiet irranġata b'lavur mill-isbaħ peress li s-saqaf kien kollu xorok tal-qasba, Mastru Pawl Xuereb għamillu qoxra bil-lavur sabiħ li kienet tant taqbel ma' l-artal u ma' l-irkejjen tagħha. Ħasra li tlifna ritratt tant importanti u aktar u'aktar l-irdim ta' dan il-ġojjell storiku.

Tajjeb li wieħed ikun jaf li l-ġebel li nqata' mill-art tas-sagristija u l-kor, bnew is-sala ta' fuq is-sagristija l-ġdida. Fl-1900 għamlu l-kaxxarizzi, xogħol ta' Mastru Ġużeppi Zammit mill-Birgu għas-somma ta' 15-il lira. Mastru Pawl Xuereb kien għadu kif lesta xi skultura mill-knisja u qabad ix-xogħol tal-kripta. Din kienet kważi taħt il-kor kollu. L-ewwel ma għamlu kienu sitt oqbra għall-qassin Imqabbin li hi ħaġa tajba li qassisin tant ħabrieka bħal Dun Andrea Farrugia li għex bejn l-1634 u l-1663 u anke lil Dun Karlu Zammit (1774) u anke oħrajn jindifnu fit-tempju t'Alla. L-artal ta' kapolavur li aktarx kien xogħol ta' Mastru Farrugia (dan kien bennej famuż u professjonali fejn jidħol il-lavur. Kien iżżewweġ il-Gudja però kien ikun dejjem l-Imqabba), kienu rranġawh fil-kripta għax Dun Salv Schembri kien qed jirranġa biex jagħmlu l-altar tat-Titular bl-irħam.



Impressjoni artistika tal-kripta li kienet tinsab taħt il-kor tal-knisja. Illum hija mirduma wara t-tiġrif li sofriet ...il-knisja fil-gwerra.

Filwaqt li s-saqaf tal-kripta kien għadu bix-xorok tal-qasba, meta Mastru Pawl beda jirranġa din il-kripta, iġifieri jpoġġi l-altar f'postu, beda jiddisinja l-ħitan u s-saqaf u kellhom jifthu troll b'tondjatura mal-villestrun li kien jagħti għall-kor. Ta' min jispjega li kemm Mastru Pawl u kemm ibnu Baskal kienu professjonali f'xogħlhom tant li Loretu Vella, storiku Żebbuġi kiteb fid-dettall dwar ħafna mix-xogħol tagħhom. Fil-fatt il-koppla ta' l-Imqabba hi waħda mix-xhieda tax-xogħol tagħhom. Issa meta x-xogħol tal-kripta kien mixi sew, Dun Salv Schembri li kien joqgħod fi sqaq tal-Pjazza u Dun Lawrenz li kien joqgħod fil-bidu ta' Sqaq l-Isptar fil-pjazza wkoll, ħasbu biex iġibu minn San Bażilju l-korp ta' Dun Andrea Farrugia u aktarx ukoll li warajh Dun Karlu Zammit li ħallas għall-konsagrazzjoni tal-Knisja.

Dun Andrea Farrugia ħadem ħafna għall-Imqabba. Fil-fatt fil-paġni storiċi ta' Loretu Vella nsibu paġni interessanti dwaru. Però nħallu għal darba oħra l-ħidma ta' dan il-ħabrieki kappillan li miet fit-12 ta' Ottubru 1663. Veru għajb kbir li ġawhra bħal din, li kif kien qalli Baskal Xuereb mhux biss kien professjonista f'xogħlu imma anke sensittiv għall-valuri storiċi, qabdu u radmu kollox. Minn hawn jien nirringrazzjah minn dawn il-linji




Pjanta tas-sotteran tal-knisja li juri kemm il-kantina kif ukoll il-kripta.

storiċi li qed nikteb, ta' l-għajnuna kbira li dejjem tani. Però kien veru dispjaċut għal dan l-għemil għax l-Imqabba tilfet ġawhra li niesna ħallew f'kapolavur ta' sengħa kbira li spiċċat fix-xejn għal dejjem.

Jekk wieħed ma jarax dan ix-xogħol ma jistax jimmaġina xogħol li hu maħdum b'ċerta sengħa fi spazju żgħir mudlam u li trid paċenzja u determinazzjoni biex tagħmlu u ġġib kollox eżatt u jaqbel naħa ma' oħra.

Jiena nżilt f'din il-kripta tliet darbiet għax kien fiha x'tapprezza. Jekk wieħed ikun sensittiv għall-valuri storiċi b'dispjaċir kbir ngħid li kelli nitlef anke r-ritratti, però fil-memorja tiegħi għadni nara sew dan il-kapolavur ta' xogħol li l-antenati tagħna kienu għamlu. Kemm kienu nies ta' ħila li llum m'aħniex napprezzaw biżżejjed!

Fl-ewwel stampa għamilt speċi ta' pjanta biex il-qarrejja jkollhom idea ta' kif kienet din il-kripta taħt il-kor bil-ventilatur għall-arja u fl-istess ħin jaqta' l-umdità mill-knisja tagħna. Kripta li ftit kien hawn bħala grazzi għall-antenati tagħna.

Referenzi:
Ġużeppi Zahra, Storiku minn Ħal Qormi
Dun Lawrenz Zammit – Storia della chiesa di Mqabba
Ibid. Informazzjoni milli niftakar jiena stess meta kont abbati
Informazzjoni minghand Mastru Pawl Xuereb u ibnu Baskal moghtija verbalment lili Loretu Vella, Storiku Żebbuġi

ÓAÌ AR QI M
*Bar & Restaurant*
Prop. J. Cini
Agħmlu l-ħarġa tagħkom bil-familja jew ħbieb
għall-arja tal-kampanja, f'ambjent kwiet u sabiħ.
Tel: 2142 4116, 7949 7329 (Jane)



# L-Erbgħat ta' Santa Marija

**mis-Sur Antoine Sciberras**

Bi drawwa qadima, il-jum ta' l-Erbgħa huwa ddedikat lill-Madonna. Fil-fatt f'diversi knejjes f'Malta jsir il-quddies votiv tal-Madonna kif ukoll kienet teżisti d-drawwa li ma jittikilx laħam nhar ta' Erbgħa wkoll, drawwa li sa ftit żmien ilu kienet għadha popolari ma' diversi nies.

Kif intrabat il-jum ta' l-Erbgħa mad-devozzjoni tal-Madonna?

L-istorja teħodna lura fis-seklu 16, eżattament fil-ġublew il-Kbir ta' l-1500, meta minn Napli, telaq pellegrinaġġ kbir lejn Ruma bix-xbieha tal-Madonna msejħa 'La Bruna', is-Samra. Skond it-tradizzjoni, din l-ikona, ġabuha magħhom il-Patrijiet minn fuq l-Għolja tal-Karmelu, meta kellhom jaħarbu minħabba l-attakki tas-Saraċini. F'dan il-ġublew, il-Papa nnifsu niżel jitlob quddiem ix-xbieha tal-Madonna li ntramat fil-Bażilika ta' San Pietru. Tant bdiet tiġbed nies li l-Papa talab li din ix-xbieha terġà tittieħed lura lejn Napli, għax il-pellegrini kienu qegħdin iżuru lilha minflok il-qabar ta' San Pietru fil-Bażilika tal-Vatikan! Il-Pellegrini Naplitani waslu lura Napli minn Ruma, bix-xbieha tal-Madonna, nhar l-Erbgħa 24 ta' Ġunju 1500. Il-belt laqgħethom bi ħġarha u dakinhar inqalgħu ħafna grazzji ta' konverżjonijiet u fejqan. Minħabba f'hekk Federiku II ta' Aragona, Sultan ta' Napli, ordna li ssir ċelebrazzjoni li fiha l-morda u dawk kollha li qalgħu xi grazzja bl-interċessjoni ta' Marija jkunu jistgħu jroddu ħajr lil Alla.

Minħabba li l-ġurnata nzertat l-Erbgħa, malajr intrabat il-jum mad-devozzjoni lejn din ix-xbieha tal-Madonna, imsejħa 'La Bruna'. Magħhom intrabtet id-drawwa taċ-ċelebrazzjoni tas-seba' Ferħat ta' Marija. Din id-devozzjoni, aktarx li bdiet minn Tumas Becket fis-seklu XII. Hekk żewġ devozzjonijiet Marjani (il-ferħat u l-jum ta' l-Erbgħa) ntrabtu f'waħda. Il-Ferħat ta' Marija huma dawn: It-Tħabbira ta' l-Anġlu; Iż-żjara lil Santa Eliżabetta; It-Twelid ta' Ġesù; Iż-żjara tar-Rgħajja u tal-Maġi; Is-sejba ta' Ġesù fit-Tempju; Il-Qawmien mill-Mewt ta' Ġesù; u t-Tlugħ ta' Marija fis-sema. Illum il-ġurnata huma diversi l-knejjes li għadhom jiċċelebraw dawn l-Erbgħat tal-Madonna. Peress li l-festa ad unur l-Assunzjoni ta' Marija tiġi ċċelebrata nhar il-15 ta' Awwissu, l-Erbgħat ta' Santa Marija jibdew propju ħmistax-il Erbgħa qabel il-festa ta' Marija Assunta. Ħmistax-il Erbgħa fejn fihom għandna nimmeditaw fuq il-ħajja ta' Marija Santissma. Fil-gżira ta' Għawdex dawn l-Erbgħat għadhom isiru b'ċerta importanza fosthom insibu diversi pellegrinaġġi organizzati minn diversi parroċċi lejn is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, kif ukoll isir diversi quddies u velji ta' talb f'ġieħ l-Omm tagħna tas-Sema.



L-Assunzjoni ta' Marija. Pittura li tinsab fis-sala prinċipali tas-Soċjetà mpittra mill-Kavallier Camilleri Cauchi.




Programm dettaljat għas-sena 2008 tal-ħmistax-il pellegrinaġġ organizzati fil-gżira ta' Għawdex lejn is-Santwarju tal-Madonna Ta' Pinu, bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet ta' l-Erbgħat ta' Santa Marija.

Din is-sena l-Erbgħat ta' Santa Marija bdew nhar l-Erbgħa 7 ta' Mejju 2008 u ser jispiċċaw propju l-aħħar Erbgħa qabel l-Għid ta' l-Assunta, nhar it-13 ta' Awwissu. Għalkemm ftit teżisti informazzjoni fuq dawn l-Erbgħat ta' Santa Marija jidher li biż-żmien f'xi parroċċi dawn il-ħmistax-il Erbgħat twarrbu xi ftit u ngħatat aktar attenzjoni lejn il-kwindiċina li fil-fatt huma ħmistax-il ġurnata ta' tħejjija għall-festa ta' Santa Marija. Tajjeb li forsi wieħed jerġa' jqajjem din id-devozzjoni ta' kull nhar ta' Erbgħa lejn il-Madonna billi għal ta' lanqas, wieħed għandu jgħid tlett Ave Maria lill-Madonna f'ġieħ it-tlett ijiem li l-ġisem tagħha dam fil-qabar qabel ma ġie meħud fis-sema.

Referenzi:
BORG GUSMAN, Valentin - TONNA, Ewġenju , *L-Erbgħat ta' l-Udjenza: Storja - Kerigma*, Malta, 1979.
LOFREDA, Renald, *Il-Madonna tal-Karmnu u l-jum ta' l-Erbgħa*, f'*Il-Karmelu* 72/3 (2007) 30-31



# Il-Kurunella ta' Santa Marija tagħlaq 90 sena

miġbur minn Joseph Farrugia

*Storiku*

Għażiż żagħżugħ! Qatt smajt bil-kurunella ta' Santa Marija? Int anzjan: tiftakarha? Din il-kurunella kienet parti mill-funzjoni tul il-ġranet kollha tal-kwindiċina. Fil-parroċċa tagħna kienet tingħad qabel il-benedizzjoni sagramentali, iżda fil-ġranet tat-Tridu kienet tingħad qabel ma jibda l-mutett bl-orkestra sewwa sew wara l-priedka. Niftakar sew li, fi tfuliti, kienet ħaġa tas-soltu li l-kurunella tiġi mmexxija minn Dun Ġelard Mangion sa minn meta kien għadu student fis-Seminarju. Kif naraw iktar 'il quddiem, it-talb jinbidel minn ġurnata għall-oħra u dan ma kienx idejjaqni għajr fil-ġranet tat-Tridu meta, malli tispiċċa l-priedka kont nidħol niġri fil-kor biex nara l-orkestra (kulħadd bil-ġlekk) ddoqq l-iktar fl-aħħar ġurnata meta kienu jingħadu 63 Ave Maria: din kont naraha twila wisq. Wara l-Konċilju Vatikan II ma baqax isir ir-reċta tal-kurunella, l-iktar minħabba t-tul tagħha u minflok bdew jinqraw passi mill-Vanġelu.

Niġi issa għall-awtur tagħha. Jekk Carlo Diacono żejjen il-knejjes Maltin fosthom il-parroċċa tagħna b'mużika sabiħa, din il-kurunella ħarġet mill-pinna ta' saċerdot li, minħabba l-għadd kbir ta' kurunelli li pproduċa kabbar id-devozzjoni lejn il-qaddisin protetturi tagħna tista' tgħid fil-parroċċi kollha tagħna. Dan ma kien ħadd għajr Mons. Dr. Ludovik Mifsud Tommasi.

## Min kien Mons. Dr. Ludovik Mifsud Tommasi?

Ludovik twieled fit-18 ta' Novembru 1796 iben Francesco u Angelica Tommasi. Mgħammed



Mons. Dr Ludovik Mifsud Tommasi (1796 – 1879)

fil-knisja parrokkjali ta' Bormla u mogħti l-ismijiet ta' Ludovico, Giuseppe u Fabrizio. Ordnat saċerdot fit-23 ta' Diċembru 1820. Lawreat fil-Liġi kanonika, Ċivili u Teoloġija. Professur ta' l-Istorja tal-knisja u ta' l-Iskrittura. Fl-1858 ħa l-pussess ta' Kanonku tal-Kolleġjata ta' Bormla u tal-Katidral l-Imdina fis-sena 1868. Mons. Dr. Ludovik Mifsud Tommasi għandu bijografija kbira ħafna u interessanti.

## Il-Kurunella

Din il-kurunella hi maqsuma f'żewġ sezzjonijiet. Kważi nistgħu ngħidu li għandna żewġ kurunelli. L-ewwel waħda bit-titolu 'Kurunella li tingħad fil-kwindiċina tat-Telgħa fis-sema ta' Marija Santissma - Stedina għal ferħ u talb', miktuba b'forma poetika bi stil mhux tas-soltu b'talba u ġakulatorja għal kull jum. It-tieni waħda intitolata 'Wiri għal min jagħmel il-kwindiċina ta' l-Assunzjoni tal-Beata Verġni Marija' b'kontemplazzjoni u talb għal kull jum. Hi din il-verżjoni li kienet tingħad fil-festa tagħna.

Il-'Kurunella li tingħad fil-kwindiċina tat-Telgħa fis-sema ta' Marija Santissma' miktuba mis-Saċ. Ludovik Mifsud Tommasi ġiet approvata mill-Kurja Arċiveskovili nhar il-15 ta' Lulju 1918.

***CURUNELLA***

### LI TINGĦAD FIL QUINDICINA TAT-TELGĦA FIS-SEMA TA MARIA SANTISSIMA

***Miktuba mis-Sac. Ludovico Mifsud Tommassi D.D.***

### STEDINA GĦAL FERĦ, U TALB.

Cull ħadd ħieni ilsienu iħoll,
Ma Maria nifirħu il coll,
Għax fis-sema l' Angli ucoll
Illum jidru ferħanin.

Ir-rebħ cbir ta dir-Regina
Ecda ħelwa, ecda ħanina
Għandu il ferħ inissel fina
Min tal Angli Kaddisin.
I.
Nifirħulec, o Maria,
għax maħluka gejt bla ħtija,
grazja lilec bis mogħtija
fost in-nisel ta Adam.

Lilna, iddeu, li midimbin
Għax bil ħtija imnisslin,
Tħallix izjed mifunin
Kalb edana l'icreħ dlam.
Av. M.

**GIACULATORIA.**

O Maria, kem int graziusa!
– Inti l'Omm l'izjed gloriusa,
Int Il Bint, int il Gharusa
– Tal imkaddsa Trinità.
Mela lilec, o Maria
– Aħna natu dil foħrija,



L-istatwa artistika u devota ta’ Santa Marija qabel ma nbidel il-pedestall ta’ l-injam ma’ dak tal-fidda fis-sena 1928

Sa biex mighec imhennija
– Nigu zgur fl'eternità.

**II.**

O Maria, nifirħulec
Għaliex smajtna insejħulec,
Meta l'Angli geu selmulec,
Dic inhar l'inti tuelidt.

Deh! Illum fittex ismaghna,
O Sultana Omm minn taghna,
Sa biex ruħna ucoll tistaghna
B'dac il hena, l'inti zidt.

Av. M. Giac. O Maria ecc.

**III.**

Geuua it-Tempju ippresentata
Mil Omm tighec ix-xurtjata;
Int sthajjiltec gia' beata
F'dic l'iscola tal virtu'.

Biex għal Alla fis nit-tajru,
U ma inħobbu il ħadd hlief għajru;
Akilgħilna li nitħajru
Nagħmlu bhalec Omm Gesu'.

Av. M. Giac. O Maria ecc.

IV.

Ebda besgħa ma fadallec,
Mita l'Anglu gie' uassallec
Dic l'ahbar li fiha kallec:
Tibka Xebba, u issir Omm.

Dic il grazia, li hi misjuba
Minnec uaħdec għax magħgiuba,
Lilna kassam bħal mitluba
Seu bil kalb, seuua bill fomm.

Av. M. Giac. O Maria ecc.

**V.**

Ma karibtec mort tithenna,
U l' ferħ f'kalbec hemm it-tenna
Għaliex saret donnha Genna
F'dakka uahda dic id-dar.

Magħna gedded din is-sjara,
Nitolbuc il coll bil ħrara
Lilna ej farrag mita tara
Li ninsabu kalb l'imrar.

Av. M. Giac. O Maria ecc.



**VI.**

Mita l'Ibnec Iben t'Alla,
li tant lilec għoġbu għalla,
leuuel darba lilec ħalla

geuua Betlem tifrah biħ;

b'ferh hecc cbir kalbec intliet;
li il ferħ sebket u għaddiet
sa ta l'Angli li fl'art sabiħ.

Av. M. Giac. O Maria ecc.

**VII.**

X'ferha chellec, o Maria,
mita nhar l'Epifania
geu iuegghu lil Missia
lacbar Slaten minn tal Vant!

Biex ucoll aħna inferhuc,
U biex m'Ibnec inuegghuc,
Int ferraħna, nitolbuc,
Uakt li tisma dan il cant.

Av. M. Giac. O Maria ecc.

**VIII.**

Il ferh tighec min isarraf
Mita Xmun mux bis tarraf,
ma bic-ciar fit-Tempiu gharraf
lil Gesu' bhal salvatur!

Ah! La darba biex jifdina
L'Iben tighec gie' għalina;
inti fittex illi fina
dan il gid ingiarrbu sgur.

Av. M. Giac. O Maria ecc.

**IX.**

Geuua it-Tempiu lid-Dutturi
Il Għerf tiegħu kiegħed juri


30 JULY 1945

CURUNELLA
li tinghad fil Quindicina
tat-Telgha fis-Sema
ta
MARIA SANTISSIMA

mictuba mis-
Sac. Ludovico Mifsud Tommasi D.D.

MALTA
Stamperija tad-Dar S. Giusepp—HAMRUN
1929.

30 JULY 1945

Il-faċċata tal-ktieb tal-Kurunella li kienet tingħad fil-Kwindiċina tat-Telgħa fis-Sema ta' Marija Santissma, miktuba minn Mons. Dr. Ludovik Mifsud Tommasi.

l-Ibnec sibt uara id-duluri
L'izjed ħorox, li giarrabt.

Jecc katt aħna nitilfuh:
Int ħajjarna l'infittxuh:
Geuua hdanec insibuh,
Li għalina dejjem tlabt.

Av. M. Giac. O Maria ecc.

**X.**

Il ferħ tigħec min jinsieħ,
Mita rajt mil meut rebbieħ
B'doti imzejjen lactar sbieħ
Daca l'Iben li cont bchejt!

Ħajja gdida akilgħina,
Biex ma tista katt taħinna
Dic il meuta, li irid minna
Lacbar għadu, l'inti inchejt.

Av. M. Giac. O Maria ecc.

**XI.**

X'ferħ chien tigħec, o Maria,
Mita l'Ibnec fost id-dija
Tal Missier fil-leminija
Ilmaħt tiela minn di' l'art!

Sa biex migħu hu itellagħna
Bħal ma uiegħed u temmagħna,
bit-talb dejjem jekaf magħna,
illi Uliedec inti htart.

Av. M. Giac. O Maria ecc.

**XII.**

Fraht ukoll f'Għejd il ħamsin
Chif l-Apostli migmugħin
Rajt b'dauc l'ilsna mogħnijijn
Min tan-nar lilom megħud.

Bi gmiel cbir biex ilibbisna
Edac Alla, li kaddisna;
itlob int illi ichebbisna
b'nar, li irridu dlonc mizjud.

Av. M. Giac. O Maria ecc.

**XIII.**

Ferħ izd'acbar katt ma chien
Illi deher cullumchien,
mita is-Sema tlajt flimchien,
u bil gisem, u bir-ruħ.

Min did-dinja fittex ħollna,
Għala is-Sema igbidna collna,
Biex ix-xorti jista icollna
Ferħ hec cbir nibdgħu
ingiarrbuħ.

Av. M. Giac. O Maria ecc.

**XIV.**

Alla lilec għoġbu jati
L'ogħla tron fuk il Beati,
u fuk l'Angli tant xiurtiati,
għax Sultana inti sirt.

Minn hecc għoli ħares lejna,
Li kuddiemec hauna gejna
Nifirħulec għax imzejjna
Inti bil gmiel tas-sema dhirt.

Av. M. Giac. O Maria ecc.

**XV.**

Chif bir-rebħ fis-sema tlajt;
Bis int uaħdec immeritajt
Ta dac l'Iben, li raddajt,
Teun imkiegħda fil-lemin.

Għaldakshecc aħna imbiercuc,
u bil ħrara nitlobuc,
biec fin-naħa tax-xelluc
ma nigiux aħna imxeulhin.

Av. M. Giac. O Maria ecc.

## UIRI GĦAL MIN JAGĦMEL IL QUINDICINA TA' L-ASSUNZIONI TAL BEATA VERGNI MARIJA

**L-EUUEL JUM.**

Niccuntemplau il Concezzjoni tal Beata Verġni.

Jingħadu 20 Pater, 20 Ave, Salve Regina u Credu, għal dauc il għoxrin sena li l'għarajjes San Giuacchin u Sant' Anna bakgħu bla tfal, kabel ma saret il Verġni SS.,

li f'ġieħha tingħad is-salve Reġina, u il Credu għal fidi ta'missierha u t'ommha.

**IT-TIENI JUM**

Niccuntemplau it-Tuelid tal Beata Verġni.

Jingħadu 9 Pater, 9 Ave, u Credu, għad-disa' xhur li Sant'Anna giebet f'ġugħa l-Verġni, li meta tuieldet ferħet id-dinja collha għaliex chellha tcun vera omm t'Alla.

**IT-TIELET JUM**

Niccuntemplau il presentazioni tal B.V.

Jingħadu 36 Pater u 36 Ave, għal dauc is-sitta u tletin xahar li chellha il Verġni SS. Meta chienet ippresentata fit-tempiu.

**IR-RABA JUM.**

Niccuntemplau l'istess Presentazzioni.

Jingħadu 15 il Pater, u 15 Ave, u ingibu kuddiem għajnejna li il B.V. fiz-zmien ta' tliet snin telgħet minnha infisha il ħmistax il tarġa tat-Tempju.

**IL-HAMES JUM.**

Niccuntemplau l'istess Presentazjoni.

Jingħadu 14 il Pater 14 l'Ave, u 14 il Salve Regina għal perseveranza tal B.V. geuua it-Tempiu fis-servit' u fit-talb l'Alla sa chemm chella 14 il sena.

**IS-SITT JUM**

Niccuntemplau meta il B.V. chienet imħabbra mill Anġlu.

Jingħadu 9 Pater, 9 Ave, 9 Salve Regina, u ingibu kuddiem għajnejna meta il Verġni Marija chienet imħabbra minn ' Anglu Gabriel li uara disa'xhur chella iggib fid-dinja il Verb Etern Incarnat.



**IS-SEBA' JUM.**

Niccuntemplau il visitazioni tal B.V.

Jingħadu 7 Pater, 7 Ave, u Salve Reġina, u ingibu kuddiem għajnejna il B.V. meta chienet mimlija bis-seba' doni ta l'Ispirtu Santu: imgħobbija bl-Iben t'Alla marret izzur lil Santa Elisabetta.

**IT-TMIEN JUM.**

Niccuntemplau il Hlas tal B.V.

Jingħadu 25 pater, 25 Ave, 3 Salve Regina għal Hlas tal Verb Incarnat mil hdan Verġni ta' Maria Santissima.

**ID-DISA' JUM.**

Niccuntemplau l'Epifanija jeu id-dehra ta' Sidna Gesu' Cristu.

Jingħadu 13 il Pater, 13 l'Ave, 13 il Salve Regina u Credu għal cbira fidi ta' tliet Slaten Magi li bil uiri ta'cheuba ġdida mxeu tlittax il jum biex jarau u jadurau l'imkaddes Bambin imuieled.

**IL GĦAXAR JUM.**

Niccuntemplau il Purificazzioni tal Beata Verġni.

Jingħadu 40 Pater, 40 Ave, u Credu jeu Salve Regina, għal dauc l'40 ġurnata, li uara il ħlas verġni, il Beata V.M. ippresentat ruħħa fit-tempiu bil Bambin Gesu' biex tagħmel bħal ma tgħid il-ligi Mosaica.

**IL HDAX IL JUM.**

Niccuntemplau il chiefer ktil tal Innocenti.

Jingħadu 7 pater, 7 Ave, 7 Salve Regina u 7 Credijiet ghal ħarba fl'Egittu ta Giuseppi u Marija biex jeħilsu lil Bambin Gesù mil chiefer ktil tat-trabi innocenti.

**IT TNAX IL JUM.**

Niccuntemplau lil Gesu' Cristu bein id-Dutturi.

Jingħadu 12 il Pater, 12 l'Ave u 3 Salve Regina, ghat-tnax il sena li chellu Cristu Sidna, meta uara li chien mitluf ghat-tliet tijiem, insab fit-Tempju jiddisputa mad-Dutturi.

**IT-TLETTAX IL JUM.**

Niccuntmeplau it tieġ ta Cana Galilea.

Jingħadu 14 il Pater, 14 l'Ave u 6 Salve Regina, għal erbatax ir-ruħ, jigifieri tnax l'Appostlu, Gesu' u Marija, fit-tieġ ta Cana Galilea, fein Gesu' biddel sitt knanat cbar ta' l'ilma f'imbit l'izied tajjeb, li ghat-tifchira ta daun huma sitt Salve Regina.

**L-ERBATAX IL JUM.**

Niccuntemplau lil Gesu' Cristu Imsallab.

Tingħad il Curunella ta' Sidna Gesu' Cristu 33 pater u 5 Ave u ingibu kuddiem ghaineina il ħajja cholla ta' Cristu għattul ta 33 sena, li fihom chien imbagħad mislub imħabba fina, u hames Ave jingħadu għal hames duluri l-izied kauuija li hasset Marija fil passioni ta l'Iben mahbub taħħa.

**IL HMISTAX U L-AHHAR JUM.**

Niccuntemplau it telgħa ta Maria V. fis-sema.

Tingħad il Curunella tal Beata Verġni jigifieri 63 Ave, u Pater cull disa Ave, u ingibu kuddiem għajnejna il ħajja collha taħħa, u li uara tlieta u sittin sena telgħet is-sema bir-ruħ u il gisem.

F'cul ġurnata uara li jingħad dan it-talb jingħadu is-Salve Regina u il-Litanii tal Madonna bis-solitu talb tagħha u uara din l-Antifona.

Virgo prudentissima quo progrederis quasi Aurora valde rutilans? Filia Sion tota formosa et suavis es, pulchra ut Luna electa ut sol.

V. Exaltata est Sancta Dei Geneitrix.

R. Super chorus Angelorum ad caelestia regna.

**OREMUS**

Deus qui virginalem aulam Beatae Mariae in qua habitares eligere dignatus es: da quaesumus; ut sua defensione munitos, jucundos facias suae interese Festivitati. Qui vivis, et regnat. Amen.



# Santa Marija Assunta 160 sena Patruna Speċjali tal-Gżejjer Maltin



minn Dun Jonathan Farrugia
*B.A. (Hons.) B.A. Theol. & Hum. Stud. S.Th.B.*



Meta fl-1436 saret l-ewwel statistika tal-parroċċi fil-gżejjer Maltin, tnejn mill-eqdem għaxar parroċċi ta' Malta, dawk ta' Bir Miftuħ (illum il-Gudja) u ta' Ħal Tartarni (illum Ħad-Dingli), kienu ddedikati lill-Assunzjoni ta' Santa Marija. Barra minn hekk il-parroċċi l-oħra kollha kellhom xi artal jew kappella ddedikata lill-Madonna taħt dan it-titlu. L-unika parroċċa ta' Għawdex (illum il-parroċċa tal-Katidral, il-Matriċi ta' Għawdex) ukoll kienet iddedikata lill-Assunta. Mitejn sena wara in-numru ta' parroċċi ddedikati lil Santa Marija Assunta kien żdied għal tmienja u sa l-2005 dan kellu jikber għal ħdax.

L-ammont ta' kappelli rurali ddedikati lill-Assunta wkoll kompla jikber. L-akbar ċentru ta' devozzjoni Marjana fil-Gżejjer Maltin huwa s-Santwarju tal-Madonna ta' Pinu, li wkoll huwa ddedikat lill-Assunzjoni ta' Marija. Dan juri ċar l-imħabba kbira li għandna aħna l-Maltin u l-Għawdxin lejn il-Madonna taħt dan it-titlu partikulari. L-ebda qaddis, qaddisa jew titlu ieħor tal-Madonna ma jgawdi daqshekk popolarità fil-Gżejjer tagħna.

Din l-imħabba kbira kienet ir-raġuni għala mijiet ta' snin ilu l-Maltin kienu talbu lill-Isqof biex il-Madonna kif tidher fl-akbar glorja tagħha tiġi pproklamata Patruna ta' Malta flimkien ma' San Pawl. Dan ma setax isehh mill-ewwel, imma 160 sena ilu t-talb tal-Maltin u l-Għawdxin instema'. Kien l-isqof Mons. Publiju Maria dei Conti Sant li fl-14 ta' Mejju 1848 ħabbar li fuq ordni tal-Papa nniffsu minn dak iż-żmien 'il quddiem Marija Assunta kella titqies Patruna Prinċipali u Speċjali ta' Malta u Għawdex. L-Assunta hija għalhekk Patruna tal-Gżejjer kif ukoll tal-Djoċesijiet li fihom.



Dehra ta' Santa Marija qiegħda ssaltan fuq il-gżira ta' Malta.

## Siltiet mid-digriet ta' l-14 ta' Mejju 1848

Minn meta ġejt maħtur mill-Qdusija Tiegħu bħala ragħaj tal-Knisja ta' Malta, waqt li għaraft id-dgħufija tiegħi bħala bniedem, u konxju tal-fatt li bil-qawwa tiegħi biss ma' nista' nagħmel xejn, qawwejt qalbi biex noqrob lejn Alla l-Għoli l-protettur tagħna, li Hu aktar qawwi minn kemm hemm qtajja' fis-smewwiet biex nitolbu jħares lili u l-poplu għażiż ta' Malta u biex ixerred fuqna kotra ta' barkiet mis-sema.

Ma kellix indum wisq infittex, għax qalbi wasslitni għand dik il-gran Sinjura, li għax tħobb wisq lilna l-bnedmin, it-talb lilHa qatt ma hu għalxejn; u li għax hija maħbuba minn Alla, talbHa qatt ma jonqos milli jiġi mismugħ. B'hekk wassalt it-talba tiegħi lill-Qdusija tiegħu biex, jekk jara li hija ħaġa xierqa, jaħtar lill-Verġni Omm ta' Alla bħala Patruna Speċjali ta' dawn il-Gżejjer. Dan laqa' t-talba tagħna u f'ittra li bagħat fit-18 ta' Frar ta' din is-sena, ħabbar li l-Verġni Mbierka taħt it-titlu ta' l-Assunta hija l-Patruna Prinċipali ta' dawn il-Gżejjer.

Xtaqt inwasslilkom din l-aħbar sabiħa qabel illum, imma rajt li jkun ferm aktar xieraq li nħabbar din il-bxara llum, f'jum l-Ingress tiegħi bħala Isqof ta' dawn il-Gżejjer. Hekk qiegħed nieħu r-riedni spiritwali ta' din il-Knisja bl-invokazzjoni speċjali u taħt il-patroċinju partikulari tas-Sultana ta' l-Anġli.

B'hekk maħbubin ħuti u wliedi, illum qiegħed nagħtikom din l-aħbar ta' ferħ, li mil-lum 'il quddiem Marija Santissma, l-Omm tagħna, se tkun il-Patruna ta' din id-Djoċesi, u li f'ġieħħa għandha ssir il-festa bl-Ottava privileġġjata nhar il-15 ta' Awwissu, ġurnata li fiha l-Knisja minn sekli ilu tfakkar l-Assunzjoni glorjuża tagħha fis-sema. ġ...ħ Kienet ix-xewqa tagħna, għeżież Maltin, li nuru pubblikament u nqaddsu x-xewqa ta' qalbkom. Dan għaliex id-devozzjoni tagħkom lejn il-Verġni Mbierka, b'mod partikulari taħt it-titlu ta' l-Assunta, tidher ċara fil-

gżira tagħkom. Għaxar parroċċi bejn Malta u Għawdex għandhom lilHa bħala Titular. Ma jeżistix raħal li m'għandux xi knisja ddedikata lill-Imqaddsa Marija taħt dan it-titlu. ġ...ħ Għal xi żmien fl-imgħoddi dan kien it-titular tal-Katidral ukoll, fejn hija miżmuma b'ħafna għożża xbieha devota ta' l-Omm tagħna li tradizzjoni antika tgħid li pittirha San Luqa.

Fi ftit kliem, minn sekli ilu d-djoċesi tagħna turi ċar id-devozzjoni partikulari lejn l-aktar qaddisa mill-Ommijiet. ġ...ħ O, għeżież ħuti x'teżor kbir qed nakkwistaw meta naħtru lill-glorjuża Omm ta' Alla bħala l-Patruna Speċjali tagħna! ġ...ħ Maltin, uliedi, ilqgħu b'qalb kbira u b'imħabba ta' ulied u b'tama ħelwa lill-gran Verġni Omm ta' Alla bħala l-Protettriċi speċjali tagħkom u bħala l-Omm ħelwa tagħkom. Ħobbuha bil-qalb, għax jistħoqqilha!



Il-parroċċi li huma ddedikati lill-Assunta, għalhekk, għandhom il-privileġġ kbir li huma rappreżentanti speċjali tad-djoċesi tagħna, minħabba li jħarsu lejn il-Patruna Speċjali tad-djoċesi tagħna bħala l-Patruna lokali tagħhom. Aħna l-Imqabbin ingawdu wkoll minn dan il-privileġġ u għandna nkunu kburin li aħna wlied prediletti ta' l-Assunta ladarba l-knisja u r-raħal tagħna huma fdati taħt il-patroċinju qawwi tagħHa! Bħalma qal l-Isqof Publiju Maria dei Conti Sant lil missirijietna, ejjew inkunu kburin li aħna l-Imqabbin ulied l-Assunta, ejjew inħobbuha lil Santa Marija... għax jistħoqqilha!





# Is-Surmast Ġużeppi Caruana

*(1880 – 1931)*

kitba ta' Mro. Raymond Attard



Id-devozzjoni Marjana f'pajjiżna tmur lura għal ħafna snin. Biżżejjed wieħed jara l-għadd kbir ta' knejjes li nsibu f'pajjiżna jew aħjar fil-ġżejjer tagħna li huma ddedikati lil Sidtna Marija taħt diversi titli. Fost dawn it-titli li jispikkaw l-iżjed insibu dak ta' l-Assunta jew aħjar Marija Mtellgħa fis-Sema. Waħda minn dawn il-parroċċi hija bla dubju ta' xejn dik ta' l-Imqabba. Wara dan it-titlu, l-aktar titlu popolari huwa dak tal-Karmnu.

Anke jekk wieħed jara l-għadd kbir ta' toroq u anke ismijiet tad-djar li huma mferrxin ma' Malta u Għawdex kollha, ukoll wieħed bla ma jrid jara sens ta' devozzjoni qawwija lejn l-Omm tagħna tas-Sema.

Id-devozzjoni Marjana hija espressa b'mod tajjeb ħafna fil-kitba, kemm f'dik li hija l-kitba tal-versi poetiċi kif ukoll f'dik mużikali. F'dik li hija l-kitba poetika, li fl-opinjoni tiegħi hemm żewġ poeti Maltin li tassew jistħoqqilhom jissejħu Poeti Marjani u li dawn huma l-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila li għandu innijiet tassew sbieħ b'ġieħ lill-Madonna u poeta ieħor li ta ġieħ lill-Madonna bil-kitba tiegħu li huwa Patri Anastasju Cuschieri li kien Patri Karmelitan u li kien jifforma parti mill-Komunità Karmelitana tal-Belt Valletta.

Barra dawn kien hemm nies oħrajn li taw ġieħ lill-Madonna bil-pinna mużikali tagħhom. Fost dawn insibu l-familja tas-Surmastrijiet Diacono, il-familja tas-Surmastrijiet Bugeja, il-familja tas-Surmastrijiet Nani u ħafna oħrajn li mhux possibbli nsemmuhom kollha.

Però fost is-Surmastrijiet Maltin ta' l-imgħoddi tajjeb li nagħtu ħarsa lejn Surmast partikolari li għalkemm xi wħud mill-melodiji sbieħ tiegħu għadhom jidwu sal-lum pero' sfortunatament intesa kważi għal kollox. Dan huwa s-Surmast Ġużeppi Caruana.

Is-Surmast Ġużeppi Caruana twieled fil-Belt Valletta nhar l-1 ta' Ġunju 1880. Kien Surmast kapaċi ħafna. Il-kompożizzjonijiet tiegħu huma dominati minn melodija sempliċi. Kien surmast imfittex ħafna u Maestro di Cappella f'diversi knejjes madwar Malta u anke f'Għawdex.

Fi żmien qasir li għex is-Surmast Ġużeppi Caruana ħallielna madwar ħames mitt biċċa xogħol mużikali, li minnhom madwar tliet mija huma ddedikati lil Sidtna Marija taħt diversi titli.

L-ewwel xogħol tiegħu b'tema Marjana huwa l-motett bl-isem ta' '*Regina Pacis*' – Marija bħala Sultana tal-Paċi – li kitbu fis-snin



Mro. Ġużeppi Caruana

bikrin tal-karriera mużikali tiegħu.

Fost ix-xogħlijiet b'tema Marjana li għandu, insibu fost l-oħrajn għadd ġmielu ta' madwar ħamsin quddiesa differenti li aktar minn nofshom huma ddedikati għal xi titlu tal-Madonna. *Ave Maria* b'diversi forom ta' kompożizzjoni minn *solo Tenore* għal dwett u anki kor bl-orgni jew bl-orkestra. L-istess għas-*Salve Regina* li għandu numru mhux ħażin, il-Litanija, l-Introjti Offertorji u anke xi innijiet uħud minnhom fuq bażi parrokkjali wkoll, fosthom tajjeb li nsemmu tnejn importanti ħafna; L-innu li kiteb fl-1920 fl-okkażjoni tal-inkurunazzjoni solenni ta' l-istatwa għażiża ta' Marija Bambina li saret fil-Belt ta' l-Isla fil-4 ta' Settembru 1921 fuq il-versi tal-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila li flimkien tawna verament innu sabiħ, popolari u devot; u l-innu l-ieħor li huwa wkoll popolari huwa dak li kien kiteb għall-parroċċa tal-Mellieħa, l-innu lill-Madonna tal-Mellieħa.

Is-Surmast Ġużeppi Caruana ħallielna wkoll għadd sabiħ ta' antifoni ddedikati lill-Madonna bħal per eżempju nistgħu nsemmu xi wħud minnhom: l-antifona bl-isem ta' '*Beata Mater*' u ta' din l-antifona għandu erba' verżjonijiet mużikali differenti; hemm antifona oħra għall-festa ta' Marija Bambina ta' l-Isla li ġġib l-isem ta' '*Gloriose Virginis*'; Antifona oħra għall-festa ta' l-Immakulata Kunċizzjoni u għandu oħrajn li huma komuni u jintużaw f'diversi festi tal-Madonna.

Is-Surmast Ġużeppi Caruana tul il-51 sena ta' ħajtu, li huwa




**Mro Ġużeppi Caruana kiteb bosta mużika għall-innijiet sagri ta' Dun Karm Psaila, Poeta Nazzjonali, fosthom l-innu 'Fil-ħlewwa ta' Mejju'.**

żmien pjuttost qasir, laħaq ħallielna patrimonju kbir ta' mużika sagra. Minn dan kollu naraw kemm is-surmast Caruana kien bniedem ta' fidi kbira u ta' twemmin sod fil-valuri nsara. Kien bniedem reliġjuż prattikanti. Kien ikun ferħan sa jtir meta kienu jitolbuh jikteb xi biċċa xogħol mużikali bħal xi innu, antifona, eċċ. F'ġieħ il-Madonna bid-diversi titli li nagħtuha. Il-Madonna kellha post importanti ħafna fil-ħajja tiegħu.

Is-Surmast Ġużeppi Caruana baqa' devot lejn il-Madonna sa l-aħħar nifsijiet ta' ħajtu u baqa' jiġbor lill-familja tiegħu għat-talba sabiħa tar-Rużarju sa dak inhar li miet. Fatt magħruf ħafna u anke qiegħed dokumentat fil-kitbiet dwar ħajtu, waqt li kien fuq is-sodda tal-mewt tiegħu, is-Surmast Ġużeppi Caruana beda jħares 'il fuq u jgħid, '..xi ġmiel, xi ġmiel!'

Dawk li kienu qed jassistuh ħdejn is-sodda tal-mewt tiegħu, interpretawha li f'dak il-mument partikulari żgur li kien qed jara lill-Madonna, u żgur mhux forsi li l-Madonna li tant kellu devozzjoni qawwija lejha fethitlu berah il-bibien tal-Ġenna propju nhar il-21 ta' Novembru 1931, lejliet il-festa tal-Patruna tal-Mużika u l-mużiċisti.

Hija ħasra li surmast ta' kwalita' għolja ħafna bħalma huwa s-Surmast Ġużeppi Caruana kważi nistgħu ngħidu li ntesa għal kollox. Rari ħafna nisimgħu jindaqqu xi xogħlijiet minn tiegħu. L-aktar li nisimgħu huma dawk l-innijiet popolari li jitkantaw fil-knejjes tagħna ta' kuljum bħal; 'Nadurawk ja Ħobż tas-Sema', 'Tina l-Ħlewwa', 'Qawwi qlubna', 'Innu ta' filgħodu u ta' filgħaxija' u 'Fil-Ħlewwa ta' Mejju'. Il-bqija rari ħafna li tmur f'xi knisja u tisma' xogħlijiet oħrajn minn tiegħu.

Għandna bżonn napprezzaw il-patrimonju mużikali li ħallielna dan is-surmast billi l-korijiet parrokkjali tal-knejjes tagħna jesegwixxu xogħlijiet minn tiegħu. Il-mużika tas-Surmast Ġużeppi Caruana hija mużika devota ħafna u hija wkoll liturġika ħafna minħabba l-fatt li s-Surmast Caruana kien jimxi ħafna mar-regoli li kien ħareġ il-Papa bil-famuż '*Moto Propio'* fejn kien iebes ħafna dwar il-mużika li tiġi esegwita fil-knejjes għaliex xi wħud mill-kompożituri Maltin kienu jikkomponu fuq stil teatrali ħafna u ma kien hemm ebda stil ta' devozzjoni.

B'hekk dan il-famuż '*Moto Propio'* biex ngħidu hekk ikkontrolla dawn l-abbużi li wħud minnhom kienu serji ħafna għax kienu jaqbdu u jaddattawhom bħala mużika sagra bħal '*Tantum Ergo'*, antifoni u anke xi innijiet li ma kien ikun fihom l-ebda sens ta' devozzjoni, għax ovvjament l-għanjiet operistiċi li kienu jintużaw mill-ewwel kienu jintgħarfu bħal ngħidu aħna *'Va Pensiero'* mill-opra '*Nabucco'* ta' Giuseppe Verdi, mill-opra '*Norma*' ta' Vincenzo Bellini u oħrajn.

Għalhekk minn dan l-artiklu nagħmel appell lil dawk kollha li huma responsabbli mill-korijiet fil-knejjes u l-parroċċi ta' Malta u Għawdex: Il-mużika tas-Surmast Ġużeppi Caruana tinsab fil-mużew tal-katidral ta' l-Imdina u qiegħda hemm għall-użu ta' kulħadd, biex tmorru u ġġibu kopji ta' xogħlijiet mużikali ta' dan is-Surmast Ġużeppi Caruana.

Ibdew daħħluhom fir-repertorju tal-kor tagħkom sabiex il-mużika ta' dan il-kompożitur terġa' tibda tieħu l-ħajja u b'hekk jingħata l-ogħla ġieħ li jixraqlu u tant jistħoqqlu għall-ġid kbir li għamel matul ħajtu fil-qasam mużikali ta' pajjiżna.



**Il-lirika ta' l-innu popolari 'Nadurawk ja Ħobż tas-Sema' miktuba minn Dun Karm Psaila b'arranġament mużikali tas-Surmast Ġużeppi Caruana.**

## *Errata Corrigae*

Fil-kitba ta' Mro. Raymond Attard li dehret fil-programm tal-festa tas-sena l-oħra f'paġna 163 bi żvista nkiteb li l-antifona tar-raħal tagħna nkitbet għax-Xagħra. Għall-korrettezza u għall-benefiċċju tal-qarrejja, kif deher minn riċerka dettaljata li saret u dehret fl-artiklu tal-programm tal-festa tas-sena 2003, miktub minn Dun Jonathan Farrugia B.A. (Hons.). B.A. Theol. & Hum. Stud., insibu l-istorja ta' din l-antifona, li nkitbet għal **San Ġwann fl-1853** u li fl-Imqabba kienet tindaqq **10 snin qabel bdiet tindaqq fix-Xagħra.**
Fil-każ tal-Mosta u tal-Gudja nsibu li dawn 'iddubbaw' antifoni ta' parroċċi oħra filwaqt li fil-Gudja l-antifona prinċipali hija ta' Camilleri (miktuba għal San Gejtanu) u mhux ta' Pace kif deher bi żvista fl-artiklu; fl-Imġarr hija ta' Casapinta (mhux ta' Camilleri) u ta' Ħad-Dingli hija ta' Diacono, li għamlet żmien ma tintużax.



# Papa Piju XII

## *Ħamsin Sena mill-mewt tiegħu*

**mis-Sur Antoine Sciberras**

Eugenio Pacelli twieled fit-2 ta' Marzu 1876 fil-Belt ta' Ruma. Kien wild familja tal-ġudikaturi. Fit-2 ta' April 1899 ġie ordnat saċerdot u minnufih daħal jaħdem fil-Kurja Rumana fit-taqsima tal-Kongregazzjoni tal-ħwejjeġ straordinarji.

Fis-sena 1911 inħatar sotto segretarju ta' l-istess taqsima u segretarju fis-sena 1914. Fl-1917 ġie magħżul bħala Nunzju Appostoliku tal-Bavaria. L-ewwel ħidma li wettaq il-Kardinal Pacelli kienet il-ħelsien ta' bosta priġunieri tal-gwerra, ostaġġi u ħaddiema deportati.



Statwa tal-Papa Piju XII li tintama fil-pjazza tar-raħal matul il-ġranet tal-festa.

F'Berlin ħadem ħafna bħala diplomatiku biex il-knisja tasal f'konkordat mal-Ġermanja u mar-Russja. Fis-sena 1929 inħatar segretarju ta' l-Istat tal-Vatikan. Il-Papa Piju XI kien jgħid li l-Kardinal Pacelli kien jaħdem ħafna. Hu kien jaf id-dinja u d-dinja taf lilu.



Għalhekk kulhadd kien jistenna li l-Kardinal Pacelli kien ser ikun is-suċċessur tal-Papa Piju XI kif fil-fatt ġara nhar it-2 ta' Marzu 1939. Ħa l-isem ta' Piju XII u huwa meqjus bħala l-Papa li ħadem ħafna għall-paċi.

Fl-1 ta' Novembru 1950 il-Papa Piju XII ipproklama mad-dinja kollha li tabilħaqq il-Madonna wara l-mewt tagħha ġiet mgħollija fis-Sema bir-Ruħ u bil-Ġisem. Il-Papa Piju XII miet fid-9 ta' Ottubru 1958 f'Castelgandolfo.

Bla dubju ta' xejn Piju XII kien Papa kbir li mexxa l-Knisja fi żminijiet diffiċli u mqallba ta' l-aħħar gwerra dinjija u bosta problemi oħra.

Referenzi:
Programm Festa Santa Marija Mqabba 2000, paġna 113:
L-Istatwa tal-Papa Piju XII – Tony Terribile.

**Joseph Attard**
tal-Bazzi



For all Kind of Transport
& Hi-Up Service
up to 3 storeys

Mob: 7925 1813



# Santa Marija Dejjem Rebbieħa

minn Chev. Carmel Bianchi
*Qormi*

Reġa' wasal dal-jum wisq mistenni
biex f'dil-pjazza ma' ħuti Mqabbin
niġi hawn u b'dawn vrusi sa ntenni
kollha mhabba minn qalbi ħerġin.

Biex nuruk imħabbitna Marija
ħares ftit lejn dat-tempju sabiħ
bl-akbar sengħa kull ġebla mibnija
tħares lejh u titpaxxa żgur bih.

Għandna wkoll dal-każin ġo l-Imqabba
kollu ġmiel u bi kwadri mpittrin
palazz mibni frott tagħna b'imħabba
minn imgħallmin, wisq bravi Mqabbin.

Dal-każin għax iħobb lil Marija
jibqa' jaħdem, jistinka bis-sħiħ
biex il-festa tkun kbira, qawwija
għax il-patruna nħobbu qatigħ.

Bil-qima, dal-poplu ta' raħalna
jgħożż ħafna l-ġieħ bla ma jittabba'
u jixtieq li joffrilek kuruna
ta' deheb mill-ifjen, għelm ta' mħabba.

Int Marija tassew l-Eva l-ġdida
li tnissilt mingħajr tebgħa tad-dnub
u fil-ġenna bħal dik l-isbaħ warda
dejjem tfewwaħ qrib Ibnek maħbub.

Int id-dgħajsa li l-ebda tempesta
m'hi kapaċi tfarrakha mal-blat
jew tgħarraqha b'xi mwieġ kbar qawwija
min fik jirkeb żgur twasslu fuq l-art.

Int il-port, fih jankraw l-erwieħ twajba
hemm isaltan fuq kollox is-sliem
fejn m'hemmx iżjed uġigħ u tbatija
post fejn biss issib l-hena bla tmiem.

Għandek niġu Marija sabiħa
meta nħossu jislohna s-salib
int l-ingwent, dak li jfejjaq kull ġerħa
is-saħħa, li l-bniedem fik isib.

Meta Malta għaddiet minn żmien ikrah
sabet lilek bħal sur tal-ħadid
tiddefendi b'imħabba lil ġensna
kemm f'miżerji ta' ġuħ u taqbid.

Aħna wlied ta' dal-gżejjer maħbuba
minn Marija kull ħin imħarsin
qatt ma tħalli li niġu midruba
minn xi għadu qalil, maħtufin.

Post speċjali żgur għandha għalina
aħna l-poplu tal-Gżejjer Maltin
f'kull problema dlonk hi tieqaf magħna
magħha żżommna kull ħin imgħannqin.

Żgur xi xbieha se ssib ta' Marija
ġo kull villa, kull għorfa jew dar
ifittxuk kemm l-għorrief, l-injoranti
nies magħrufa, sinjuri wkoll fqar.

Qalbna għalik hi mimlija bil-hena
għalhekk fommna jagħtik wisq tifħir
int il-ġawhra li ngħożżu ġo fina
għax Marija teżor tassew kbir.

***It-Tlieta, 14 ta' Awwissu, 2007***
***Lejlet Santa Marija***

*"O Madonna ieqaf magħna*
*u ħarisna mis-smewwiet*
*Bierek jiemna u ħidmietna*
*Biegħedna dejjem mill-inkwiet"*

# Festa Santa Marija 2007 Rendikont Ċelebrazzjonijiet fil-Knisja



## Dħul

| | |
|---|---|
| Ġbir bl-envelopes fid-djar | € 3,382.25 |
| Ġbir fil-Knisja | € 1,339.39 |
| Kaxxa quddiem l-Istatwa | €104.00 |
| **Total** | **€ 4,826.46** |
| Żbilanċ ghas-sena 2008 | € 1,431.63 (Lm 614.60) |

## Ħruġ

| | |
|---|---|
| Żbilanċ mis-sena 2006 | € 1,488.70 |
| Ċelebranti u trasport | € 503.14 |
| Orkestra u vuċijiet | € 1,900.77 |
| Daqq ta' qniepen | €65.22 |
| Dawl fil-faċċata, koppla u kampnar | € 1,992.78 |
| Servizzi ta' kappi u kruċiferu | € 44.42 |
| Fjuri | €81.53 |
| Envelopes u printing | €81.53 |
| **Total** | **€6,258.09** |



Dehra antika tal-knisja Parrokkjali ta' l-Imqabba ddedikata lil Santa Marija kif kienet tiġi mżejna għall-festi. Jidher ukoll armar estern li kien jinxtgħel bil-vażetti taż-żejt. (*Ħajr is-Sur Victor Galea*)

Websajt uffiċjali tas-Soċjetà
**www.santamarija.com**

**Soċjetà Santa Marija u Banda Re Ġorġ V**
**Palazz Santa Marija, Pjazza tal-Knisja, Mqabba**
**www.santamarija.com**